# Jien, Int u l-Oħrajn

# Jien, Int u l-Oħrajn

segretarjat għall-katekeżi

# Jien, Int u l-Oħrajn

Ktieb ta' għajnuna għat-tagħlim tar-reliġjon fit-tielet klassi tal-iskola sekondarja

Pubblikazzjoni tas-Segretarjat għall-Katekeżi tal-Arċidjoċesi ta' Malta 2013
Xogħol ikkummissjonat u awtorizzat mill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali

© 2013 Segretarjat għall-Katekeżi, Malta

*Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef, jerġa' jinbiegħ jew jingħata b'xejn f'xi għamla oħra jew legatura ħlief kif inhu ppubbilkat. Ma jista' jsir fih ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ppubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess bil-miktub tas-Segretarjat għall-Katekeżi.*

Ħajr lit-team li għen fil-kitba u l-formazzjoni tal-ktieb:
Miriam Azzopardi, Philip Delia, Jonathan Laferla,
Charlotte Portelli, Jacob Portelli, Brian Sultana.

Ħajr ukoll lil Antoinette Laferla, Kathleen Bonello, Mariosa Micallef,
Rev. René Camilleri u lil Robbie Mamo għall-qari tal-provi.

Disinn ta' Alan Bonello
Illustrazzjonijiet oriġinali ta' Tazia Hall

Ħajr lill-membri tal-Bord għat-Tagħlim tar-Reliġjon fi ħdan is-Segretarjat għall-Katekeżi u lir-rivista Xehda Għasel għad-drittijiet fuq numru ta' ritratti.

Is-siltiet mill-Bibbja ttieħdu mit-tielet edizzjoni tat-traduzzjoni tal-Għaqda Biblika Maltija, © 2004 Għaqda Biblika Maltija

Stampat mill-Gutenberg Press, Malta

ISBN 978-99957-0-576-3

# Werrej


## L-Awtenticità . . . . . . . . . . . 1
M'hawnx bħalek! . . . . . . . . . . . . . . . . . . 2
Meta ninħbew wara maskra . . . . . . . . . . . . . 4
Trid titwieled mill-ġdid! . . . . . . . . . . . . . . 6
L-ikbar fosthom hi l-imħabba . . . . . . . . . . . . 8
Il-ħbieb . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 10
Il-familja. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 12

## Bniedem sħiħ . . . . . . . . . . . 15
Xbieha ta' Alla . . . . . . . . . . . . . . . . . 16
Is-solitudni . . . . . . . . . . . . . . . . . . 18
'Belonging' . . . . . . . . . . . . . . . . . . 20
Preġudizzji . . . . . . . . . . . . . . . . . . 22
Ħniena u maħfra . . . . . . . . . . . . . . . . 24
Tliet kwalitajiet essenzjali . . . . . . . . . . . . 26

## Relazzjonijiet . . . . . . . . . . . 29
Ftit inqas mill-anġli . . . . . . . . . . . . . . . 30
Ibża' għalija! . . . . . . . . . . . . . . . . . 32
Tarġa, tarġa . . . . . . . . . . . . . . . . . 34
Armonija . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 36
Qawsalla ta' kuluri . . . . . . . . . . . . . . . 38
Il-familja u ż-żwieġ . . . . . . . . . . . . . . . 40

## X'jagħmilni Nisrani? . . . . . . . . 43
It-tfittxija tal-verità . . . . . . . . . . . . . . . 44
Identità . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 46
Kontra l-kurrent . . . . . . . . . . . . . . . . 48
Ġesù kien mexxej . . . . . . . . . . . . . . . . 50
In-Nisrani 'melħ' u 'dawl' . . . . . . . . . . . . 52
B'qawwa ġdida . . . . . . . . . . . . . . . . . 54

## It-tajjeb vs il-ħażin . . . . . . . . 57
Il-pjan oriġinali . . . . . . . . . . . . . . . . 58
Għażliet ħżiena . . . . . . . . . . . . . . . . 60
Il-libertà . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 62
Bnedmin ta' kuxjenza . . . . . . . . . . . . . . 64
Il-ferħ veru . . . . . . . . . . . . . . . . . . 66
Flimkien mal-komunità . . . . . . . . . . . . . . 68

## Parti minn dinja akbar minni . . . . . 71
Tradizzjoni ħajja . . . . . . . . . . . . . . . . 72
Ir-reliġjon f'Malta . . . . . . . . . . . . . . . 74
Fidi li ssawret tul iż-żmien . . . . . . . . . . . . 76
Inwaqqgħu l-ħitan . . . . . . . . . . . . . . . . 78
Djalogu... il-kelma maġika . . . . . . . . . . . . 80
Biex ir-reliġjon tibqa' ħajja . . . . . . . . . . . . 82

# Jien, Int u l-Oħrajn

L-ewwel u t-tieni ktieb tar-Reliġjon fil-livell sekondarju kienu ffukati fuq l-idea ta' vjaġġ li kull wieħed u waħda minna rridu nagħmlu fil-ħajja. Hu vjaġġ esplorattiv fejn dak li nkunu għaddejna minnu jista' jsir esperjenza li tgħallimna u tkabbarna. Hu anke vjaġġ ta' skoperta tagħna nfusna u tad-dinja ġo fina, ta' dak li jkun iseħħ fina u madwarna u li jagħġen il-karattru u jifforma l-personalità tagħna.

Imma dan kollu qatt ma jseħħ ġo vakum. Il-ktieb 'Jien, Int u l-Oħrajn' jiffoka fuq l-ambjent, il-kuntesti u ċ-ċirkustanzi li l-ħin kollu nirrelataw magħhom u bla dubju jħallu impatt fuqna. Dan il-ktieb jesplora propju r-rabtiet u r-relazzjonijiet li jinbtu fil-mixja tal-ħajja u li, irridu u ma rridux, jikkundizzjonaw u sa ċertu punt anke jiddeterminaw il-perspettiva tagħna fuq il-ħajja.

Il-binja tal-ktieb hi maħsuba biex turi kif waqt li aħna nitwieldu fi tradizzjoni ta' kultura, valuri u twemmin, fl-istess ħin ilkoll nibqgħu individwi li fl-aħħar mill-aħħar dak li nirċievu rridu nagħmluh tagħna. F'dan l-istadju jibda anke d-diskors dwar ir-responsabbiltà personali u l-impenn, speċjalment mill-lenti tal-fidi. Jasal żmien f'ħajjitna meta ma nibqgħux tfal u nibdew nassumu ċerta responsabbiltà fl-għażliet personali li nkunu nagħmlu.

Minn kmieni hu importanti li l-bidliet li jkunu jseħħu fina personali għax qed nikbru u dak li nkunu nitgħallmu fir-Reliġjon ma jibqgħux żewġ realtajiet paralleli. Ir-Reliġjon mhijiex biss sett ta' regoli. Ir-Reliġjon, jekk ninżlu fil-fond tagħha, tista' tkun strumentali biex il-bniedem jagħraf lilu nnifsu sewwa u jfittex li jkun awtentiku fl-umanità tiegħu. Qegħdin fi żmien meta r-rwol tar-Reliġjon fis-soċjetà għaddej minn reviżjoni radikali. Din ir-reviżjoni mhux neċessarjament għandha twassal, kif jaħsbu xi wħud, biex ir-Reliġjon togħsfor u ma jibqgħalhiex relevanza fil-ħajja tal-individwi u tas-soċjetà.

Ir-Reliġjon, jekk ippreżentata kif suppost, lill-bniedem tista' tgħinu jikber b'mod sħiħ u mhux ixxekklu fil-libertajiet tiegħu. Illum dan għandu jsir f'rabta ma' kuntest ferm usa ta' Reliġjonijiet kbar u eqdem minn dik Nisranija li flimkien jiffurmaw tradizzjonijiet għonja ta' għerf li lid-dinja jistgħu jagħtuha wiċċ iktar uman, kuntrarju forsi għal dak li fil-passat l-istess umanità ġieli ġarrbet. Kif jgħid Ġesù fil-Vanġelu ta' San Mattew meta kien qed ikellem lin-nies bil-parabboli biex jifhmuh : "Għalhekk kull kittieb li jkun sar dixxiplu tas-Saltna tas-Smewwiet jixbah lil wieħed sid li, mill-ħażna tiegħu, joħroġ sew il-ġdid u sew il-qadim" (Mt 13, 52).

Ir-Reliġjon għandha l-għeruq tagħha fil-passat, f'dak li rċevejna. Imma bħal siġra li tikber u tifrex il-friegħi tagħha, tista' toffrilna l-kenn u l-fejqan li sikwit inkunu neħtieġu fl-esperjenza umana tagħna.

**Rev. Dr René Camilleri** Delegat għall-Katekeżi





# L-Awtentiċità

**ĦEJJI RUĦEK:**

Aħna persuni awtentiċi jew inkella kopji?

Kif nistgħu niddefinixxu l-imħabba tagħna għall-oħrajn?

**IMMARKA ✓ ĦDEJN IL-KLIEM LI TAF XI JFISSER:**

- [ ] Awtentiċità
- [ ] Sinċerità
- [ ] Ipokrezija
- [ ] Imħabba
- [ ] Għotja
- [ ] Ħbiberija
- [ ] Familja
- [ ] Komunità

1

# M'ħawnx bħalek!

Mhux l-ewwel darba li meta tmur biex tixtri xi ħaġa ta' marka rinomata ssibha bi prezz ogħla minn oħrajn, meta din tkun kważi bħalha imma ta' kwalità inferjuri. Illum fis-swieq mad-dinja kollha għaddejja battalja kontra l-ikkupjar ta' oġġetti li joħorġu fis-suq bħala awtentiċi bit-rimbru ta' marki magħrufa imma fil-fatt ikunu biss kopja, u allura inferjuri. Sikwit anke aħna stess ingergru minħabba f'hekk, imma fl-istess ħin, kif jgħid il-Malti, 'l-irħis għali' għax meta tixtri xi ħaġa ippreżentata lilek bħala awtentika u ma tkunx, għalkemm tkun qed tiffranka l-flus, imma għandek xi ħaġa mhix awtentika. Fil-ħajja rridu nagħrfu x'inhi d-differenza bejn l-awtentiku u l-falz!

Li xi ħaġa tkun awtentika tfisser li tkun l-oriġinali, u mhux xi ħaġa kkupjata u mgħoddija bħala oriġinali. Tfisser li bħalha m'hawnx. Il-kwadru tal-Caravaggio



**Itlob**

Oqgħod ftit għal kwiet u aħseb fuq dan il-kliem. Kif tista' tqabblu ma' dak li taħseb fuqek innifsek, fuq sħabek u fuq tal-familja?

U l-Mulej qal lil Samwel: "Tħarisx lejn is-sura tiegħu, jew it-tul ta' persuntu, għax jien diġà warrabtu. Għax il-Mulej ma jarax bħalma jara l-bniedem, dak biss li jidher fl-għajn, imma l-qalb." (1 Sam 16, 7)



## Din kont tafha?

Bidwi minn Xi'an fiċ-Ċina kien qiegħed iħaffer biex isib ftit ilma għall-għelieqi tiegħu meta sab waħda mill-akbar sejbiet fl-istorja reċenti. Mirdumin fl-art sab għexieren ta' eluf ta' statwi tat-terrakotta li kienu nħadmu bħala protezzjoni tal-Imperatur wara mewtu. L-Imperatur, Qin Shi Huang, kien l-ewwel imperatur li għaqqad iċ-Ċina u għalkemm kien magħruf għall-qilla tiegħu huwa stmat bħala wieħed mill-aktar mexxejja viżjonarji li rat iċ-Ċina. Qatt qabel ma saret sejba hekk kbira u f'kundizzjonijiet bħal dawn. Mur għidlu lil dak il-bidwi x'kellu jsib fl-għalqa tiegħu hu u jfittex ftit ilma!

li għandna fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann il-Belt hu uniku, ma ssibx oħrajn bħalu. Hu awtentiku. Li tkun awtentiku bħala persuna hija s-sejħa ta' kull bniedem. L-ebda bniedem ma huwa kopja ta' ħadd. Alla ma jagħmilx kopji. Kull bniedem hu uniku għax għandu d-DNA tiegħu li mhix bħal ta' ħaddieħor, anzi li tagħmlu differenti minn ħaddieħor. Minnha jingħaraf hu biss għax iġġorr il-karatteristiċi li huma tiegħu biss.

Forsi mhux l-ewwel darba li xi ħadd qalilna 'm'hawnx bħalek'! Kien aktarx kumpliment żgħir biex inħossuna tajjeb. Imma aktar ma tibda tikber, aktar tinduna li vera bħalek m'hawnx, mhux għax inti l-aqwa, imma għax kull wieħed u waħda minna lkoll għandna karatteristiċi li huma tagħna biss minkejja l-ħafna xebh ukoll li nistgħu niskopru bejnietna. Anke tewmin li aħna normalment ngħidulhom 'identiċi' għandhom il-karatteristiċi partikulari li jiddistingwuhom minn xulxin. Dan hu li ried ifisser il-Papa Ġwanni Pawlu II meta kien qal li kull bniedem hu uniku u irrepetibbli.

Madankollu xi drabi ngħaddu minn fażijiet li fihom flok niċċelebraw l-uniċità tagħna din tbeżżagħna u nfittxu iktar li nkunu f'kollox bħall-oħrajn. Probabbli nibżgħu li ma nkunux aċċettati minn sħabna jew dawk li nammiraw u allura nħossuna aktar komdi li nsiru bħalhom mingħajr ma nirrealizzaw li nkunu qed nitilfu aktar milli niggwadanjaw.

Meta jiġri hekk inkunu biss qed naħbu min aħna tassew wara maskra b'mod li ma nħallux lil ħaddieħor jara min verament aħna. Ġeneralment il-maskri nilbsuhom biex naħbu l-identità tagħna jew nistgħu nilbsuhom biex nogħġbu lil ħaddieħor u nħossuna aċċettati. L-awtentiċità hija trasparenza u trasparenza tfisser sinċerità, tkun fil-verità ma' ħaddieħor bla ħabi u bla biża'.

Il-maskra taħbi l-identità vera tagħna u allura hija gidba. Relazzjoni ma' persuni oħra, sew jekk ta' mħabba kif ukoll jekk ta' ħbiberija, qatt ma tista' tinbena fuq gidba. Il-gidba, barra li tgħawweġ il-verità, tqarraq. U iktar ma nqarrqu bl-oħrajn, iktar inkunu qed inqarrqu bina nfusna għaliex finalment nispiċċaw biex saħansitra aħna stess inkunu qed insibuha diffiċli naċċettaw lilna nfusna kif aħna. Imma l-isbaħ rigal li nistgħu nagħtu lil xulxin hu li nkunu ta' veru, dak li aħna fil-verità.

# Meta ninħbew wara maskra

Ħadd ma jaf il-valur ta' biċċa xogħol tal-arti daqs l-artist innifsu. L-Iskrittura tuża t-tixbieha ta' Alla artist li jsawwar lill-bniedem u wieħed minn dawk li nsejħulhom Missirijiet il-Knisja tal-ewwel sekli, Sant'Atanasju, jitkellem fuq Alla bħala skultur li joħloq lill-bniedem billi jnaqqax il-forma tiegħu mill-irħama li jkollu quddiemu. Alla li ħalaqna, jaf tajjeb il-valur tagħna. Fil-ktieb tal-Profeta Isaija naqraw li hu naqqax fuq il-pala ta' idejh l-ismijiet tagħna u f'Salm 139 naqraw li "f'ġuf ommi int insiġtni".

Fit-Testment il-Qadim insibu ħafna ġrajjiet li fihom dawk li verament f'ħajjithom qed ifittxu li jagħrfu lil Alla jgħaddu minn esperjenzi li jgħinuhom jiskopru l-valur tagħhom f'għajnejn Alla. Thomas Green, kittieb ta' ħafna kotba b'temi spiritwali, f'wieħed mill-kotba tiegħu jikteb li l-għarfien ta' Alla naslu għalih id f'id mal-għarfien tagħna nfusna. Li tfittex tagħraf min int u li taċċetta l-verità dwarek innifsek mhumiex l-iktar affarijiet faċli fil-ħajja. Imma lanqas ma nistgħu nibqgħu naħarbu minna nfusna, għax inbatu iżjed.

Fil-Ktieb tal-Ġenesi naqraw l-istorja tal-aħwa tewmin, it-tfal ta' Iżakk u Rebekka. Bejn Ġakobb



u Għesaw qam konflitt dwar il-primoġenitura li magħha kien hemm marbuta l-barka tal-missier. Ġakobb, biex jieħu post ħuh li fil-fatt kien dak li kellu dritt għall-primoġenitura, ipprova jqarraq b'missieru u rnexxielu jippoża taparsi kien ħuh Għesaw. Libes maskra u seraq bil-qerq il-barka ta' missieru peress li missieru kien tilef id-dawl u għalhekk ma setax jagħrfu. Ġakobb kellu jgħaddi minn ħafna tbatija sakemm sab tassew lilu nnifsu u rnexxielu jiskopri Alla għal xiex kien qed isejjaħlu f'ħajtu.

Din l-istorja ta' Ġakobb faċilment tkun l-istorja tagħna wkoll kull meta nkunu lesti li għall-egoiżmu u l-aspirazzjonijiet tagħna nqarrqu bl-oħrajn. Alla f'ħajjitna jista' jagħtina ħafna qawwa u kuraġġ biex inkunu fil-verità magħna nfusna u mal-oħrajn.

Salm 51 jirrakkonta l-esperjenza qarsa li David is-Sultan għadda minnha meta nesa għal kollox min kien u x'kien għamel Alla miegħu u ħalla l-egoiżmu u l-ħsibijiet ta' moħħu jiġru bih u spiċċa saħansitra qatel. F'dan is-Salm David jiskopri tassew x'għamel u quddiem Alla jiskopri min kien fil-verità u fejn wasslitu d-dgħufija tiegħu.

**"Int li tħobb il-qalb sinċiera, għallimni l-għerf fil-fond ta' qalbi. Roxxni bl-ilma u nissaffa, aħsilni u aktar mis-silġ nibjad. Is-sagrifiċċju tiegħi huwa l-qalb niedma, qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex o Alla." (Salm 51)**

## Fittex

Il-Bibbja tlaqqgħana ma' persuni differenti li f'ħajjithom jagħmlu diversi żbalji imma li meta jindunaw bl-iżball tagħhom jibdew mixja sabiex jinbidlu u jsiru persuni aħjar. Fittex fil-Ġenesi, l-istorja ta' Ġakobb, sabiex tara kif bil-mod dan il-bniedem inbidel minn xi ħadd li jagħmel dak li jaqbillu għal wieħed mill-missirijiet tal-poplu ta' Alla.



# Trid titwieled mill-ġdid!

**“Rita kienet miexja fi triqtha ’il bogħod mid-dar. Il-kliem li kienet għadha kif semgħet ħallieha mbellha. L-għarus t’oħtha qatt ma ħamlitu. Dak li jgħaddi minn moħħu b’xi mod jew ieħor kien jgħidu. Ma tantx kien joqgħod idur mal-lewża. L-intenzjoni tiegħu qatt ma kienet li jweġġa’ lil ħadd imma lilha ħadd ma kien kellimha hekk qabel… “Int vera egoista, taf kemm tbati oħtok minħabba fik. Tiġi d-dar u tippretendi li kollox jieqaf u jdur miegħek. Għadek ma tafx kemm iddejjaqhom lil ta’ madwarek. Ikber ftit u oħroġ minn dil-bużżieqa li tgħix fiha.’ Kliem bħal dan weġġagħha, imma kienet taf li kien qed jgħid il-verità.”**

Int qatt ġralek xi ħaġa simili? Qatt ġie xi ħadd fuqek u kkonfrontak bl-aktar mod ċar? Qatt spiċċajt bla kliem għax dak li qalulek kont tħoss li kien il-verità imma inti qatt ma ridt taċċettaha?

Biex tassew napprezzaw u ngawdu ħajjitna rridu qabel xejn ninżgħu l-maskri li għandna – maskri li kultant nilbsu aħna stess biex nibqgħu nagħtu lil ħaddieħor l-image li rridu nipproġettaw tagħna nfusna. Ħa niftiehmu, kif nidhru quddiem ħaddieħor għandu l-importanza tiegħu. Imma ma nistgħux nagħtu image falza tagħna nfusna.

Ġesù qalilna ċar u tond ‘il-verità teħliskom’. Però m’niex teħlisna? X’inhuma dawk l-affarijiet li aħna skjavi tagħhom, u li minħabba fihom nilbsu l-maskri?

Ġesù huwa l-aktar bniedem sħiħ, il-bniedem tassew liberu u awtentiku. Qatt ma mexa fuq dak li jaqbillu jew ħalla lil ħaddieħor jinfluwenzah, imma kien dejjem jara li jagħmel dak li ried il-Missier. Huwa wkoll ried jeħles lil dawk ta’ madwaru mill-falsità tagħhom li kienet twassalhom biex fir-reliġjon tagħhom u fir-relazzjoni tagħhom ma’ Alla jagħtu iktar importanza kif jidhru quddiem l-oħrajn. Imma



### Idħol fil-fond

Int qatt kellek okkażjoni biex lil xi ħadd minn sħabek tkellmu kif dak il-ġuvni kellem lil Rita? X’ġagħlek titkellem hekk? Kif kienet ir-reazzjoni tal-persuna l-oħra? Kieku tista’ tmexxi ż-żmien lura terġa’ tagħmel l-istess? Għalfejn?



## Għixha!

Xi jfisser li terġa' titwieled mill-ġdid? Aħseb dwar dak li lilek qed iżommok lura milli 'titwieled mill-ġdid'. Matul din il-ġimgħa agħmel sforz biex tegħleb ta' lanqas waħda minn dawn id-diffikultajiet. Taqtax qalbek, tista' tħajjar lil xi ħadd minn sħabek biex tilqgħu din l-isfida flimkien. Meta jirnexxilek tegħleb l-ewwel ostaklu imxi għat-tieni. Issa se tibda b'vantaġġ għax il-fatt li għelibt l-ewwel diffikultà jagħtik kunfidenza.

Alla jara fil-fond u ma jiġġudikax bħall-bnedmin, dak li jidher biss.

Fil-Vanġelu joħroġ ċar li ma' nies bħal dawn Ġesù kien isibha diffiċli jibni relazzjoni. Il-Fariżej kienu meqjusin li jħarsu l-liġi ta' Alla minn barra biss, għal għajn in-nies, imma ma kienu awtentiċi xejn. Il-motivazzjoni tagħhom f'dak li jagħmlu kienet iktar kif se jidhru milli li jkunu fil-verità ma' Alla u magħhom infushom. Kien għalhekk li mhux darba jew tnejn Ġesù jeħodha kontrihom u saħansitra għajjarhom 'oqbra mbajda', għax minbarra jidhru sbieħ imma minn ġewwa ma ssib xejn ħlief mewt. Aħna, fil-fatt, baqgħet fil-lingwaġġ tagħna li 'fariżew' tfisser 'ipokrità', xi ħadd li juri wiċċ b'ieħor.

Fil-Vanġelu ta' San Ġwann naqraw dwar fariżew jismu Nikodemu, li Ġesù laqtu fil-laħam il-ħaj. Mar għandu bil-lejl biex jitkellem miegħu b'mod aktar personali. Ġesù qallu li hemm bżonn li wieħed jitwieled mill-ġdid, jiġifieri jibdel il-mentalità ta' kif jaħseb. Titwieled mill-ġdid Nikodemu fehemha litteralment u sabha bi tqila biex jifhem Ġesù x'ried jgħid.

F'parabbola fil-Vanġelu ta' San Mattew Ġesù jitkellem dwar teżor moħbi f'għalqa li meta inti ssibu tbigħ kollox biex tixtri l-għalqa. Qisu hawnhekk Ġesù jrid jispjega aħjar dak li ried jgħid lil Nikodemu. It-teżor huwa jien, ħajti. Nixtri l-għalqa biex dak it-teżor niskoprih bil-mod. Biex tassew niskopru dan it-teżor u ngawduh hemm bżonn li bħar-raġel tal-parabbola neħilsu minn dak kollu li jista' jżommna aljenati u jfixkilna milli niskopru min aħna fil-verità.

**"Is-saltna tas-smewwiet tixbah lil teżor moħbi f'għalqa, li wieħed raġel isibu u jaħbih, u kollu ferħan ibigħ kulma jkollu u jixtri dik l-għalqa."** (Mt 13, 44)

# L-ikbar fosthom hi l-imħabba

Id-deheb huwa wieħed mill-aktar elementi prezzjużi fid-dinja u l-affarijiet li jkunu magħmula mid-deheb jiswew ħafna. Imma d-deheb ikun għadda minn proċess twil ħafna biex jasal għandna mirqum u b'dehra hekk sabiħa. Id-deheb minn kif iħaffru għalih u jsibuh jgħaddi minn proċess ta' purifikazzjoni biex fl-aħħar isir deheb pur. Permezz tan-nar id-deheb jinħall u l-materjal l-ieħor jinħaraq sabiex fl-aħħar ma jkun hemm xejn xi jniġġes jew inaqqas mill-preġju tiegħu.

Fil-Bibbja nsibu diversi kittieba li jużaw is-simbolu tat-tisfija permezz tan-nar biex ifissru l-proċess li rridu ngħaddu minnu aħna wkoll. Fil-Ktieb tal-Profeta Malakija insibu: "U joqgħod isaffi u jnaddaf il-fidda, u jnaddaf 'l ulied Levi, u jsaffihom bħad-deheb u l-fidda, u huma jsiru għall-Mulej nies li jagħmlu l-offerta bis-sewwa" (Mal 3, 3). Fil-Bibbja n-nar huwa simbolu tal-imħabba vera u allura jekk hemm proċess fejn aħna nistgħu nsiru aktar awtentiċi żgur li dan il-proċess hu dak tal-imħabba.

San Pawl fl-Ewwel Ittra tiegħu lill-Korintin jagħtina l-innu tal-imħabba li juri kemm anke l-imħabba trid tissaffa biex issir imħabba vera. Ħafna nies jemmnu fl-imħabba,





In-Nawfraġju ta' San Pawl, pittura ta' Willie Apap li tinsab fin-Nunzjatura Appostolika, Tal-Virtù

## Agħmel

Mis-silta 1 Kor 13, 1-8, x'inhi d-definizzjoni ta' mħabba għalik? Taħseb li xi ħadd jista' jasal għal dan it-tip ta' mħabba? Diffiċli li tħobb il-ħin kollu b'dan il-mod. L-emozzjonijiet tagħna anke għall-istess persuna jinbidlu ġeneralment mal-mod kif jimxu magħna. Ftakar iżda li Alla ma jimxix hekk magħna, l-imħabba tiegħu għalina mhix ikkundizzjonata minn kif inħobbuh aħna. L-imħabba ta' Alla "ma tintemm qatt", l-imħabba ta' Alla għalina hija perfetta.

imma faċli jkollna ideat differenti ta' kif nifhmu x'inhi l-imħabba. San Pawl jistedinna biex nikbru, nimmaturaw, naspiraw għal dik l-imħabba vera msoffija minn kull egoiżmu u interessi personali.

"Li kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u tal-anġli bla ma kelli l-imħabba, kont inkun qisni strument tar-ram iżarżar jew platti jċekċku.

U kieku kelli d-don tal-profezija u kont naf il-misteri kollha u l-għerf kollu, kieku kelli l-fidi tiegħi sħiħa li nqanqal il-muntanji, imma ma kellix imħabba, jiena ma kont inkun xejn.

U kieku kelli nqassam ġidi kollu fil-karità u nagħti ġismi għall-ħruq bla ma jkolli mħabba, xejn ma jkun jiswieli ta' ġid.

L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba mhijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt." (1 Kor 13, 1-8)

Hija l-imħabba vera, li kapaċi tpoġġi l-interessi tal-oħrajn 'il fuq minn tagħna nfusna, li tagħmilna nies kapaċi nħobbu u allura awtentiċi. L-awtentiċità tagħmilna liberi, ħielsa minn kull biża' ta' kif se nidhru jew kif se jiġġudikana ħaddieħor. L-awtentiċità tagħmilna persuni sħaħ li kapaċi nħobbu u naċċettaw l-imħabba. Għax ġeneralment min ma jafx iħobb, diffiċli jaċċetta l-imħabba ta' ħaddieħor.



# Il-ħbieb

**Fittex**
Hawn ħafna diski li t-tema tagħhom hija dwar ħbiberija. Xi wħud, li forsi qatt ma smajt bihom, huma *Friends will be friends*, *You're my best friend*, *That's what friends are for*. Fittex diski oħra bl-istess tema li saru aktar reċenti. X'nistgħu nitgħallmu minnhom?

Christopher għoddu miet mat-twelid minħabba kumplikazzjonijiet fin-nifs. Għalkemm it-tobba rnexxielhom isalvawh kien laħaq għadda wisq ħin u kellu ħsara permanenti f'moħħu li ħallietu ma jistax jitkellem u f'wheelchair.

Madankollu, bl-għajnuna tat-teknoloġija beda jitgħallem kif jikkomunika mal-oħrajn u meta kiber saħansitra sar awtur ta' diversi kotba u poeżiji. Fil-ktieb tiegħu *Under the Eye of the Clock*, rebbieħ tal-Premju Whithead, Chris jirrakkonta l-esperjenza tiegħu tal-ewwel ġurnata tal-iskola.

Kien mimli ansjetà u biża' għax kien se jkun għall-ewwel darba fi klassi ma' tfal li ma kellhomx bżonnijiet speċjali. Kien ġa qed jimmaġina s-sigħat twal waħdu minsi minn kulħadd. Iżda hekk kif daqqet il-qanpiena tal-ewwel brejk sab ruħu fil-bitħa mdawwar b'diversi minn sħabu tal-klassi li fil-fatt spiċċaw biex saru l-ikbar ħbieb tiegħu.

Din kienet l-ewwel ġurnata ta' snin veri sbieħ li fihom Chris qatt ma ħassu waħdu u li wassluh biex snin wara jaqsam din l-esperjenza li bidlitlu ħajtu permezz tal-kitba.

Il-kelma 'ħbieb' għandha l-għeruq tagħha fil-kelma 'imħabba' u dan bir-raġun għax l-imħabba hi dik li twassal biex tinbena ħbiberija vera u sinċiera. Jekk bejn il-ħbieb ma jkunx hemm imħabba reċiproka allura dik il-ħbiberija ma tkun xejn ħlief gidba. Ħbiberija vera hi mibnija fuq l-imħabba, twassal għal relazzjonijiet awtentiċi, u tirbaħ kull biża' li jista' jidħol bejnietna. Jingħad li Shakespeare kiteb hekk fuq il-ħbiberija.

*"A friend is one that knows you as you are, understands where you have been, accepts what you have become, and still, gently allows you to grow".*

"Ħabib huwa dak li jafek kif tassew int, jifhmek għax jaf minn xiex għaddejt, jaċċettak kif int u jagħtik l-ispazju sabiex tikber." Ħbiberija vera twasslek biex tikber u ssib lilek innifsek. Il-ħbieb veri bl-ebda mod ma jħalluk tibża' turi min int, anzi jnisslulek fiduċja fik innifsek biex ma tħoss l-ebda bżonn li tinħeba. Il-ħbiberija toffri dik l-imħabba sinċiera biex tegħleb kull biża' u tagħder kull difett. Fil-ktieb ta' Bin Sirak naqraw:

"Kenn sod il-ħabib ta' min jafda fih,
u min isib wieħed ikun sab teżor.
Ma tibdlu ma' xejn ħabib tafdah,
u m'għandekx kejl biex tkun taf
xi jsarraf.

Duwa tal-ħajja ħabib tafdah,
u jsibu minn jibża' mill-Mulej.
Min jibża' mill-Mulej
imexxi tajjeb il-ħbiberija tiegħu,
u kif ikun hu, ikun ħabibu."
(Sir 6, 14-17)

Fil-Bibbja, li hija magħmula minn esperjenzi ta' nies bħalna li kellhom jikbru u jissaffew permezz ta' xulxin, naqraw diversi stejjer ta' ħbiberiji kbar bħal dik ta' David u Ġonatan, Rut u Naomi u fuq kollox dik ta' Ġesù mal-Appostli. F'dawn l-istejjer hemm rakkuntati l-istejjer tagħna, għax huwa biss meta aħna nħobbu u naċċettaw li nkunu maħbuba li aħna kapaċi nikbru f'dak li aħna. F'kull wieħed u waħda minna hemm potenzjal li jrid joħroġ u li jagħmel minn ħajjitna rigal għall-oħrajn. Il-ħbiberija sinċiera dejjem kienet esperjenza fundamentali f'ħafna qaddisin li tul l-istorja tal-Kristjaneżmu ttrasmettew il-messaġġ tal-Vanġelu b'mod ħaj u awtentiku. Għandna stejjer ta' qaddisin martri bħal Santa Perpetwa u Santa Feliċità, jew iktar tard San Girgor u l-ħabib kbir tiegħu San Bażilju, San Frangisk ta' Assisi u Santa Klara. Dawn huma mudelli għalina li juruna li l-Kristjaneżmu mhuwiex reliġjon ta' individwi waħedhom jew maqtugħin mill-oħrajn.

## Idħol fil-fond



Kemm għandek 'ħbieb' fuq facebook? Fil-verità x'relazzjoni għandek magħhom? S'issa taf li mhux kulħadd huwa ħabib l-istess. Aħseb ftit u agħmel lista ta' kwalitajiet sbieħ li għandhom il-ħbieb tiegħek. Minn din il-lista hemm xi kwalitajiet li tixtieq li għandek inti? X'inhuma l-ħsibijiet tiegħek wara li qrajt l-istorja ta' Christopher?



# Il-familja

Marija kienet qed tixtri l-ħaxix meta tfaċċat Madlene u pronta pronta qaltilha: "Proset Marija għall-kunċert tal-bieraħ. Konna hemm, rajnieh it-tifel idoqq. Tassew għandek biex tkun kburija għat-talent li għandu, Alla jbierku! Anke wara l-kunċert impressjonana kemm kapaċi jkompli ma' kulħadd. Min jaf x'bokka għandek bih!"

Imma waqt li Madlene kienet qed titkellem, Marija sewdet qalbha għax waqt li tapprezza t-talent tat-tifel, taf kemm Malcolm id-dar magħhom iġib ruħu mod ieħor. La qatt imidd idu għal xejn, jipprattika l-vjolinċell f'ħinijiet x'ħin ifettillu bla ebda rispett lejn ħadd, u dejjem kollox kif irid hu. Kienet qalbha sewda għax in-nies f'dawn l-okkażjonijiet tarah ġentili u kapaċi, imma fid-dar mod ieħor.

Aħna lkoll ngħixu fil-familja, u r-relazzjonijiet fil-familja u ma' tal-familja huma importanti daqs, jekk mhux iktar, mir-relazzjonijiet ta' ħbiberija li nibnu barra mid-dar. Tajjeb għalhekk nistaqsu lilna nfusna xi mistoqsijiet.

**X'inhi l-familja għalik? Nies li neħodhom *for granted*, qegħdin hemm u se nsibhom dejjem?**

**X'inhu postok u s-sehem tiegħek fil-ħajja tal-familja tiegħek?**

**Itlob**

Oqgħod għal kwiet u aħseb fuq dan il-kliem. Irrifletti ftit u ara kif ir-relazzjoni tiegħek mal-ġenituri tista' tmur għall-aħjar.

"Intom it-tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom fil-Mulej, għax dan hu s-sewwa. "Weġġaħ 'il missierek u 'l ommok": dan hu l-ewwel kmandament b'wegħda sabiex ikollok ir-riżq u jtul għomrok fuq l-art. U intom il-missirijiet, iġġarrbuhomx iżżejjed lil uliedkom; iżda rabbuhom fid-dixxiplina u t-twiddib tal-Mulej." (Ef 6, 1-4)





Fit-12-il Jum Dinji taż-Żgħażagħ, li sar f'Pariġi, Papa Ġwanni Pawlu II qal hekk lill-folla kbira ta' żgħażagħ miġbura quddiemu:
*"Għeżież żgħażagħ, kunu ġenerużi u responsabbli fil-kontribut tagħkom lejn il-bini kontinwu tal-Knisja bħala familja, post fejn għandu jkun hemm djalogu u aċċetazzjoni reċiproka, ikun spazju fejn hemm il-paċi, ħniena u maħfra."*

**Kif iġġib ruħek ma' tal-familja? Tfittex li tkun sinċier? Tipprova tifhem xi jkun għaddej?**

**Il-familja għalik hija post mnejn tieħu biss, bla ma tagħti xejn lura?**

Hu fil-familja li nibdew il-vjaġġ tal-ħajja tagħna. Kienet hi l-ewwel għalliema tagħna kif ukoll kien hawn li bdejna nikbru. Ħafna drabi fil-familja kulħadd isir jaf lil xulxin mingħajr maskri, bid-dgħufijiet u bil-kwalitajiet sbieħ tal-persuna. Hija wkoll x'aktarx l-ewwel post fejn aħna nkunu maħbuba għal dak li aħna u nkunu mgħejjuna biex nikbru u nsiru persuni aħjar. Ħafna drabi l-familja tista' tkun l-ewwel ambjent fejn nistgħu nħobbu u nkunu maħbuba.

Barra l-familja immedjata tagħna, aħna nikbru biex nagħmlu parti wkoll minn familji ikbar bħalma huma l-belt jew raħal fejn noqogħdu, il-parroċċa, il-pajjiż li jagħtina l-identità tagħna, kif ukoll il-Knisja li hija l-komunità ta' fidi li nsiru nagħmlu parti minnha permezz tal-magħmudija u l-formazzjoni li ningħataw. Il-komunità ta' fidi għalina hija importanti għaliex hemmhekk niskopru li nemmnu l-istess affarijiet li jemmnu oħrajn u hekk fil-Knisja nkunu nistgħu niċċelebraw it-twemmin tagħna.

Il-komunità nisranija trid tinbena fuq imħabba sinċiera u awtentika u fl-istess ħin tgħin lil kull persuna biex tasal għall-vera imħabba. Il-komunità nisranija għandha s-sejħa fid-dinja biex twassal u tkabbar l-imħabba ta' Ġesù u għalhekk hija komunità magħmula minn nies li Ġesù stess jgħinhom jinbidlu biex ikunu dejjem attenti għal dawk li l-iżjed huma dgħajfa u fejn jeħtieġu l-aktar għajnuna.



### NARAW X'TGĦALLIMNA

**A KLIEM IMPORTANTI**

Ikteb sentenza li tfisser fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Awtentiċità
- Ħbieb
- Familja

**B IDEAT PRINĊIPALI**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Li tkun awtentiku tfisser li tkun oriġinali mhux kopja.
- Il-familja u jien.

**Ċ AĦSEB B'MOĦĦOK**

Uża dak li tgħallimt biex twieġeb dawn:

- Faċli li tilbes maskra, u hemm riskju li aktar ma nibqgħu bil-maskra aktar diffiċli li neħħuha. Iddiskuti.
- Għalfejn ma għandniex ninħbew wara maskra?
- X'relazzjoni hemm bejn il-ħbiberija u l-imħabba?

**D IDDISKUTI D-DAR**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar dawn:

- Il-Magħmudija tagħmilna parti minn familja akbar, insiru parti mill-familja nisranija. Li tkun parti minn familja ġġib magħha ċerta responsabbiltajiet. X'inhuma r-responsabbiltajiet tagħna bħala parti mill-familja ta' Alla?

# L-Awtentiċità



# Bniedem shiħ

**ĦEJJI RUĦEK:**

Il-virtujiet għandhom post f'ħajtek? Jew dan tagħlim tan-nanniet?

Xi jkun preġudizzju?

**IMMARKA ✓ ĦDEJN IL-KLIEM LI TAF XI JFISSER:**

- ☐ Ħolqien
- ☐ Potenzjal
- ☐ 'Belonging'
- ☐ 'Wholeness'
- ☐ Virtù
- ☐ Relazzjonijiet
- ☐ Fejqan
- ☐ Maturità

2

# Xbieha ta' Alla



Fil-ktieb tal-Ġenesi naqraw li Alla ħalaq "it-tjur fuq l-art fil-wesgħa tas-smewwiet. Alla ħalaq il-ħut il-kbir u l-annimali kollha li jitkaxkru, li bihom miżgħud l-ilma, skont ġenshom, u t-tajr bil-ġwienaħ skont ġenshom. U ra Alla li kien tajjeb."

U qal Alla: "Ħa tnissel l-art ħlejjaq ħajja skont ġenshom: bhejjem tad-dar, annimali li jitkaxkru, u bhejjem selvaġġi, skont ġenshom." U ra Alla li kien tajjeb. Fl-aħħar Alla ħalaq lill-bniedem. Ħalqu xbieha tiegħu. "U ħares Alla lejn kulma kien għamel, u, ara, kollox kien tajjeb ħafna". Alla ħalaq kollox tajjeb, imma l-bniedem huwa l-kapulavur tal-ħolqien għax Alla lill-bniedem għamlu skont ix-xbieha tiegħu stess. Libbsu bi kwalitajiet li jwassluh biex ikun jixbah lilu u tah il-potenzjal biex isir bniedem sħiħ, imżejjen b'dawk il-kwalitajiet li nsejħulhom 'virtujiet' u li permezz tagħhom il-bniedem isir komplut.

Il-kelma virtù hi traduzzjoni tal-Grieg 'arete' li tfisser 'eċċellenza morali'. Fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika naqraw li l-virtù hi bħal drawwa li tagħmel it-tajjeb. "Tippermetti lill-persuna umana li tagħmel mhux biss għemil tajjeb, imma ukoll li tagħti dak li hu l-aħjar fiha nnifisha. Persuna mżejna bil-virtù, bil-forzi kollha tagħha tar-ruħ u tal-ġisem, tinġibed lejn dak li hu tajjeb, tfittxu u tagħżlu b'għemil, bil-fatti." (KKK 1903)

San Girgor ta' Nissa kien jgħid li 'l-għan ta' ħajja mżejna bil-virtù hu li ssir tixbah lil Alla'. Mela 'virtù' hija l-attitudni, jew id-drawwa, li tagħmel it-tajjeb. Għalhekk bniedem virtuż hu bniedem li

għandu d-drawwa li jagħmel it-tajjeb u allura huwa bniedem ta' qawwa morali.

Fost il-virtujiet insibu dawk imsejħin virtujiet kardinali li huma l-virtujiet fundamentali tal-umanità. Dawn huma l-għaqal, kultant imsejjaħ prudenza, il-ġustizzja, il-qawwa jew kif kultant insejħulu l-kuraġġ, u fl-aħħar nett il-qies li bih nikkontrollaw l-aptiti tagħna.

### L-GĦAQAL

**"Mark mar tajjeb fl-eżamijiet għax għandu min jgħinu", qal Joseph lil missieru. "Mark mar tajjeb għax studja u għax huwa tifel bil-għaqal ħafna," wieġeb missieru. "X'jiġifieri tkun bil-għaqal, pà?" kompla Joseph. "Tkun bil-għaqal jiġifieri li dejjem tfittex li tagħmel id-dmir tiegħek tajjeb u bil-ħeġġa kif inhu xieraq, mhux bl-addoċċ. Għalhekk Mark mar tajjeb. Studja bis-serjetà u r-riżultati kienu l-frott tal-għaqal tiegħu."**

Hi ħaġa sabiħa li tgħid fuq persuna li hi bil-għaqal. L-għaqal hu dik il-virtù li tħejji r-raġuni prattika biex tagħraf fiċ-ċirkostanzi kollha x'inhu l-veru ġid tagħna u tagħżel il-mezzi ġusti biex jinkiseb. Fil-ktieb tal-Proverbji naqraw li "min moħħu jilħaqlu jqis sewwa l-passi tiegħu qabel jitkellem" (Prov 14, 15).

### IL-ĠUSTIZZJA

**L-aħbar kienet ċara daqs il-kristall. Toni weħel sitt snin ħabs fuq is-sejba ta' kilo droga li kellu. Is-Sur Cutajar ma qabilx ma' dan għax ħass li Toni kien ħaqqu ħafna iżjed minn hekk, iżda omm Toni, mara twajba, bkiet ħafna għal din l-aħbar. Mhux hekk kienet rabbietu lil binha. Min seta' jsabbarha!**

Il-ġustizzja hi waħda mill-pilastri tas-soċjetà u biha ma nifhmux biss meta min żbalja jingħata kastig, imma anke meta l-bniedem ikun rispettat u mogħti d-dinjità tiegħu. Fejn m'hemmx ġustizzja nsibu soċjetà marida. Il-ġustizzja hija virtù li tirregola wkoll ir-relazzjonijiet ta' bejnietna.

### IL-QAWWA

**Rita kien l-hena tagħha li fil-brejk tmur fil-kappella ta' San Ġlormu tisma' quddiesa. Sħabha ta' spiss kienu jinkuha u jgħidulha li dak kien kollu ħela ta' ħin. Iżda Rita hekk baqgħet sa mill-ewwel ġurnata li bdiet taħdem f'din il-fabbrika.**

Il-qawwa hija dik id-determinazzjoni li nżommu sodi f'dak li nemmnu fih, ikunu xi jkunu ċ-ċirkustanzi madwarna. Biha niġġieldu l-qtigħ il-qalb.

### IL-QIES

Il-bniedem li mhux kapaċi jżomm il-qies f'kemm jiekol u kif jiekol, fil-mistrieħ u fix-xogħol, hu bniedem li jitgerfex. Il-qies, jew temperanza, huwa l-bilanċ li nżommu fl-affarijiet li nagħmlu. Meta f'ħajjitna m'hemmx regola, m'hemmx riga ma' xiex inkejjlu, inkunu nimxu bl-amment, bla qies u se nweġġgħu żgur.



**Għixha!**

Aħseb ftit u ara liema minn dawn il-kwalitajiet għandek. Imbagħad qis ukoll fejn inti dgħajjef. X'inhi dik il-ħaġa li inti ma tantx għandek kontroll fiha? Fil-jiem li ġejjin ipprova oqgħod ftit aktar attent biex tgħix din il-kwalità aħjar u tara kemm tkun aktar kuntent.

# Is-Solitudni

F'ħajjitna xi darba jew oħra lkoll kellna l-esperjenza li waqt li tkun imdawwar bil-ħbieb xorta waħda tħossok waħdek! X'jagħmel persuna li tħossha weħedha? Għaliex kultant aħna stess inkunu nixtiequ nkunu ftit weħedna? Xinhi s-solitudni? Għaliex hawn min ibati ħafna mis-solitudni?

Is-solitudni mhux bilfors tfisser li tħossok waħdek f'sens negattiv. Bl-ingliż hemm żewġ termini għal din l-esperjenza: *solitude* u *loneliness*. Skont Henri J. M. Nouwen, il-bniedem li jħossu waħdu huwa dak li jħossu iżolat u mwarrab mill-oħrajn. Hemm differenza bejn tkun fis-solitudni għax għażilt li tinqata ftit għalik waħdek u li tkun tħossok waħdek għax iżolat u injorat mill-oħrajn. Tat-tieni hija esperjenza li tweġġa'.

Din hija waħda mit-tbatijiet tal-bniedem fid-dinja tal-lum. Hija l-għerq ta' ħafna problemi li jkissru lill-bniedem, twassal għal qtigħ il-qalb quddiem il-problemi tal-ħajja, u sikwit tista' wkoll tkun traġika. Kultant din is-solitudni tista' titfa' lill-bniedem fin-nasba ta' xi vizzju, bħad-droga, l-alkoħol, jew il-logħob tal-azzard.

Tajjeb ngħidu wkoll li nistgħu nsibu ruħna f'dan it-tip ta' solitudni tort tal-oħrajn li ma jkunux sensibbli biżżejjed jew tort tagħna stess għax inkunu aħna qed ninqatgħu mill-oħrajn jew inkunu persuni li diffiċli tikkomunika magħhom.

Illum il-ġurnata t-teknoloġija saret parti importanti minn ħajjitna. Il-progress li ġabet din it-teknoloġija huwa kbir u ta' ġid għad-dinja li ngħixu fiha, speċjalment fejn jidħlu r-relazzjonijiet bejn il-bnedmin.

## Din kont tafha?

Henri J. M. Nouwen huwa saċerdot li kiteb 'il fuq minn 40 ktieb dwar l-ispiritwalità. Il-kotba tiegħu huma fost l-aktar imfittxija anke illum. Ħafna mill-kitbiet tiegħu kienu nfluwenzati mill-ħbiberija tiegħu ma' Jean Vanier u l-komunitajiet tiegħu fejn nies b'diżabbiltà jgħixu ma' dawk li jieħdu ħsiebhom. Fil-ktieb tiegħu *Reaching Out* Nouwen jispjega li, "biex tgħix ħajja spiritwali l-ewwel irid ikollok il-kuraġġ li tidħol fid-deżert fejn tħossok waħdek u bil-mod iżda b'mod kostanti tbiddlu fi ġnien ta' solitudni".





Fost il-ħafna rigali li Tommy qala fil-birthday il-laptop li tah iz-ziju Joe kien l-iktar ħaga li ħa gost biha. Issa mhux se jkollu għalfejn jibqa' juża l-kompjuter antik li kien hemm fis-salott imma se jkun jista' joqgħod jaħdem fil-kumdità tal-kamra tiegħu. Għall-ewwel beda jħossu komdu jgħaddi ftit ħin jitkellem ma' sħabu mingħajr ħadd ma jtellfu. Kien anke jieħu gost iktar jagħmel il-homework u jfittex xi affarijiet. Imma ma għaddix wisq żmien sakemm il-ħin fuq l-internet beda jiżdied ġmielu u hu u jqalleb mhux l-ewwel darba li beda jiltaqa' ma' siti li ma kienux jgħoddu għalih.

Għalkemm għall-ewwel bħal donnu beda jaħrabhom iżda aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar qisu beda jidrahom u ftit ftit beda saħansitra jfittixhom. F'qasir żmien Tommy inħakem mill-pornografija u kien jispiċċa mwaħħal mal-laptop għal ħinijiet twal. Id-dar għalih saret kważi kamartu biss u spiċċa nqata' waħdu. Anke l-ħruġ ma' sħabu beda jaqta'. Agħar minn hekk, u bla ma jaf kif u għaliex, beda jsir bniedem nervuż li taqbiżlu bix-xejn u jaħtaf lil kulħadd. Tad-dar ma ndunawx x'kien qed jiġrilu u kienu jaħsbu li kienet tensjoni tal-istudju jew tal-età li kien fiha.

Imma l-problema kienet l-*addiction* li kien daħal fiha u li iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar kien qed isir diffiċli li joħroġ minnha waħdu. Tad-dar damu ma ndunaw x'kien għaddej. It-tfajla li kien qed joħroġ magħha spiċċat telqitu għax kienet qed tinduna li kellu mġieba stramba ħafna magħha. Ma kinetx tafu hekk.

Spiċċa kellu bżonn l-għajnuna. Kien missieru li rrealizza x'kien qed jiġri meta darba daħal f'kamartu u sabu fuq il-laptop fil-fatt. Wara ħafna storbju u għajjat, missieru u ommu ħaduh bil-kalma għax f'daqqa waħda fehmu x'kienet il-problema vera li kienet ilha tinkwetahom dwaru. Minn hemm flimkien iddeċidew li jfittxu l-għajnuna.

Fi ftit sekondi l-bniedem jista' jikkomunika ma' nies li qegħdin eluf ta' kilometri 'l bogħod. Is-*social networking* illum ħoloq dinja virtwali ta' komunikazzjoni kontinwa u bla limiti. Imma mhux dejjem nindunaw li d-dinja virtwali mhux bilfors hija d-dinja reali. Allura dan kollu, li fih ħafna tajjeb, jagħmilna attenti biex ma ngħixux fil-fantasija u biex il-komunikazzjoni virtwali ma nħalluhiex tieħu post għal kollox ir-relazzjonijiet ta' veru bejnietna. Imma s-solitudni għandha wkoll l-aspett pożittiv tagħha. Il-bniedem, meta jiddeċiedi li joqgħod fis-solitudni, li għandu bżonn joqgħod ftit waħdu, ma jkunx qed iwarrab lill-oħrajn jew jinqata' waħdu imma jkun qiegħed isib ħin għalih innifsu.

Nouwen jikteb li "l-vera solitudni hi dik tal-qalb, l-attitudni ta' ġo fija li ma tiddependix minn nuqqas ta' persuni madwari!" Is-solitudni tista' tgħixha wkoll fil-qalba ta' belt kbira u kaotika jew f'nofs folla nies.

Il-bniedem li jiżviluppa dan it-tip ta' solitudni huwa bniedem li kapaċi jinqata' biex iħares lejn ir-realtà mill-bogħod, huwa bniedem li jista' jara u jifhem id-dinja mill-kwiet ta' ġo fih, mill-fond ta' qalbu u hekk ikollu viżjoni ferm aktar sħiħa.

# 'Belonging'

Ilkoll f'xi fażi jew oħra ta' ħajjitna jkollna x-xewqa '*to belong*', li nkunu parti minn grupp, għaqda, li nkunu ta' xi ħadd jew ma' xi ħadd. Din hi xewqa naturali, anzi hija bżonn ta' kull wieħed u waħda minna. Dan il-bżonn tal-oħrajn f'ħajjitna jnissel fina x-xewqa għal ħbiberiji ta' veru, li jkollna ħbieb li nkunu komdi fil-kumpanija tagħhom għax nistgħu nafdawhom. Il-ħbiberija hija bżonn ta' intimità, *belonging* fuq livell personali ħafna. Imbagħad hemm bżonnijiet oħra li nkunu mal-oħrajn fuq livelli oħra. Pereżempju f'għaqda jew grupp li jistgħu jkunu ta' għajnuna fil-formazzjoni tagħna fiżika, sportiva, reliġjuża u spiritwali.

F'dawn l-għaqdiet jew gruppi l-iktar importanti hu li nħossuna parti mill-grupp, li nkunu nħossuna parti minn realtà fejn nistgħu nikbru u niskopru lilna nfusna permezz tal-oħrajn, kemm soċjalment kif ukoll psikoloġikament u fejn jidħlu ċerti valuri. Il-ħbiberiji li jinbtu f'dawn l-ambjenti jistgħu jgħinuna napprezzaw is-sabiħ tar-relazzjonijiet, jgħinuna nifhmu xi tfisser tħobb tassew u titgħallem taħdem mal-oħrajn, jgħinuna anke nitgħallmu nafdaw u nkunu fdati.

L-imħabba u l-fiduċja huma marbutin ħafna ma' xulxin. Il-fiduċja fl-oħrajn u fina nfusna tagħtina ċertu sens ta' sigurtà li kulħadd għandu bżonn iħoss f'ħajtu.

## IL-FIDUĊJA

**Marisa u Joan kienu ħbieb tal-qalb u kienu jafdaw ħafna f'xulxin. Kienu fl-istess tim tan-netball, u kull meta jiltaqgħu għat-training kienet dejjem okkażjoni biex jitkellmu ftit. Darba Marisa fetħet qalbha ma' Joan u qaltilha bl-inkwiet li kellhom id-dar għax ommha kienet telqet. Il-fatt biss li kienet fetħet qalbha ma' Joan kien serraħha ħafna. Imma meta reġgħu ltaqgħu**





**Fittex**

Jekk trid tkun taf aktar dwar il-gruppi li hawn għall-età tiegħek idħol fis-sit www.kdz.org.mt/youth-groups

Fl-2012, l-Aġenzija Żgħażagħ u Żgħażagħ Ħaddiema Nsara għamlu studju fost 400 żagħżugħ u żagħżugħa bejn it-tlettax u tletin sena. Fost l-oħrajn dan l-istudju juri li 22% tal-parteċipanti kienu membri f'xi klabb jew nursery tal-isport, waqt li 30% kienu membri f'xi għaqda taż-żgħażagħ jew jieħdu sehem b'mod attiv fil-volontarjat. X'taħseb dwar din ir-rata ta' parteċipazzjoni, hija baxxa jew għolja?

l-ġimgħa ta' wara, Marisa indunat mill-aġir ta' sħabhom li Joan kienet tkellmet dwar dak li kienet qaltilha. Ommha sadanittant kienet ġiet lura u l-affarijiet id-dar kienu bdew jikkalmaw.

Joan ammettiet li kienet tkellmet mal-oħrajn u ma kienx faċli għal Marisa li toqgħod tgħid l-istorja kollha lill-grupp kollu. Il-fiduċja kienet ixxellfet sew. Għalkemm Marisa baqgħet ħabiba ta' Joan, imma ma kinitx ser terġa' tafdaha malajr b'affarijiet intimi u personali. Joan iddispjaċieha ta' veru, imma kien ftit tard.

Il-fiduċja ddum biex tinbena, imma tintilef f'ħakka t'għajn.




Fil-ħbiberija hemm il-lealtà lejn xulxin. Meta ma nkunux leali, m'hemmx fiduċja, u fejn m'hemmx fiduċja m'hemmx ħbiberija.

## Idħol fil-fond

John O'Donohue fil-ktieb tiegħu *Eternal Echoes: Exploring our hunger to belong*, jikteb hekk : "The hunger to belong is at the heart of our nature. When we become isolated, we are prone to being damaged; our minds lose their flexibility and natural kindness. We become vulnerable to fear and negativity. A sense of belonging, however, suggests warmth, understanding and embrace. Our hunger to belong is the longing to bridge the gulf that exists between isolation and intimacy".

# Preġudizzji

Il-'preġudizzju' hu ġudizzju minn qabel tkun rajt b'għajnejk. Fil-kultura li nkunu nagħmlu parti minnha u li fiha nitrabbew, ma' dak kollu li nirċievu faċli jiġu trasmessi lilna anke ħafna preġudizzji. L-opinjoni u l-imġieba ta' ħafna jistgħu jkunu determinati minn preġudizzji bbażati fuq twemmin reliġjuż, razza, orjentazzjoni sesswali, kulur, opinjoni politika u kultura. Il-preġudizzji jġibu u jipperpetwaw ħafna firdiet fis-soċjetà. Hu l-preġudizzju li jibni l-ħitan tal-firda flok il-pontijiet tal-għaqda.

Fl-ambjenti żgħar fejn ngħixu kuljum, faċli nħallu preġudizzju fuq persuna jżommna milli nikkomunikaw magħha. Illum anke f'pajjiżna sikwit niltaqgħu ma' nies, li jistgħu anke jkunu studenti fil-klassi magħna, ta' twemmin reliġjuż jew ta' kulur differenti minn tagħna. Sikwit neskludu nies minn ħajjitna u mill-ħbiberija tagħna minħabba opinjoni politika jew minħabba orjentazzjoni sesswali.

Fl-istorja tal-umanità niltaqgħu ma' diversi nies li f'ħajjithom ħadmu biex l-umanità tinħeles darba għal dejjem mill-preġudizzji ta' bniedem kontra ieħor, ta' razza jew ta' kulur kontra ieħor, ta' klassi kontra oħra. L-oppost tal-preġudizzju huma l-verità u l-ġustizzja, li huma tnejn mill-pilastri kbar li fuqhom tinbena soċjetà tassew umana.

Illum nużaw il-kelma 'Ikona' biex niddeskrivu nies bħal dawn. Martin Luther King kien ikona fl-Amerika moderna meta ġġieled bil-kbir kontra r-razziżmu fil-kultura Amerikana tas-snin



**Fittex**

Fost l-affarijiet li Martin Luther King jibqa' jissemma għalihom insibu diskors famuż li fih qasam ma' folla kbira ta' nies il-ħolma tiegħu li xi darba wliedu ma jkunux iġġudikati għall-kulur tal-ġilda tagħhom imma għall-karattru tagħhom. Fittex dan id-diskors u ara għaliex dan id-diskors għadu attwali sal-ġurnata tal-lum.



sittin is-seklu l-ieħor. Fil-ġlieda tiegħu kontra r-razziżmu, Martin Luther King dejjem saħaq fuq in-non-vjolenza. Martin Luther King jibqa' l-iktar magħruf għad-diskors memorabbli tiegħu 'I Have a Dream' li fih qasam mad-dinja x-xewqa kbira tiegħu li d-dinja tkun waħda ġusta. Għalkemm Martin Luther King ġie assassinat fl-4 t'April 1968, ix-xewqa tiegħu għada ħajja f'tant nies li qed ikomplu l-missjoni tiegħu.

Minkejja li llum nitkellmu ħafna fuq soċjetà inklussiva, għad għandna ħafna preġudizzji u għadna naraw ħafna nies esklużi fis-soċjetà u fil-kultura tagħna. Id-dinja u s-soċjetà ġenerali, jeħtieġu l-fejqan f'dan is-sens. U biex infiqu jeħtieġ niskopru r-rimedju.

Immaġina *stained-glass* kollha ħġieġ ta' lwien differenti iżda li flimkien jiffurmaw figura waħda mlewna li s-sbuħija tagħha toħroġ l-iżjed meta tiġi x-xemx fuqha u jgħaddi d-dawl minnha. Jeħtieġ niskopru kif id-diversità hija xi ħaġa li għandna niċċelebraw u mhux inħalluha tbeżżagħna.

L-umanità hija bħal imrewħa ta' lwien differenti – għandha opinjonijiet differenti tista' tgħid fuq kollox. Imma dan m'għandux inissel fina preġudizzji u wisq inqas iżommna milli fid-diversità ta' bejnietna niskopru r-rikkezza tal-bniedem, wieħed differenti minn ieħor. Eżistew nies li fil-ħajja kellhom raġunijiet serji għal fejn ikunu negattivi, pessimisti, irrabjati, preġudikati. Imma ma ċedewx għal dan u minflok kellhom il-forza interjuri biex mid-dlam li kienu fih jibqgħu jservu ta' dawl għall-umanità.



**ETTY HILLESUM** (Olandiża) Kienet Lhudija u kitbet djarju bejn l-1941 u l-1943. Mid-djarju toħroġ ħafna l-personalità qawwija tagħha. Etty bdiet tikteb sena wara li l-Ġermaniżi okkupaw l-Olanda u fil-ħsieb tagħha kienet tissielet biex tifhem lill-bniedem. Imma fit-tfittxija tagħha bniet relazzjoni interessanti m'Alla.

Hi tikteb fuq il-bidla li kienet qed issir ġo fiha l-aktar wara li ltaqgħet ma' Julius Spier li kienet ħabbet. Lill-Ġermaniżi kienet titħassarhom u meta darba wieħed għajjat f'wiċċha, kitbet li hi ma tibżax malajr għax tipprova tifhem għaliex bniedem ikun qed iġib ruħu b'dak il-mod. Minn meta wara April 1942, il-Ġermaniżi ordnaw li l-Lhud jilbsu l-istilla ta' David, Etty ikkumbattiet ħafna biex ma titlifx il-fiduċja li kellha u l-fidi tagħha. Fl-1942, il-Lhud kienu ġew trasportati lejn il-Polonja. Fil-Polonja Etty kienet tgħix mal-foqra u ma' dawk li kienu qed imutu bil-ġuħ. Iżda mit-tieqa tagħha kienet tħares lejn is-sema u tgħid li hemm lok għal kollox fil-ħajja tal-bniedem.

L-aħħar parti tad-djarju hija forma ta' talba twila lil Alla wara l-mewt tal-maħbub tagħha Julius. F'Settembru tal-1943, flimkien mal-ġenituri tagħha u ma' ħuha Mischa, Etty ttieħdet fil-kamp tal-konċentrament ta' Auscwitz fejn mietet madwar tliet xhur wara.

# Ħniena u maħfra

Kien filgħodu kmieni meta xi Fariżej u kittieba ġew għalija. Qabduni u bdew jimbuttawni. Jiena staqsejthom bil-ħniena biex jgħiduli fejn kienu se jeħduni iżda huma ma qaluli xejn. Baqgħu jimbuttawni sakemm wasalna fil-bitħa tat-tempju. Kien hemm ħafna nies u kien hemm ukoll dak li kulħadd kien isejjaħlu 'l-Imgħallem'. Minn dejjem xtaqt niltaqa' miegħu imma żgur mhux  b'dan il-mod. Kont naf li żbaljajt meta bdilt lil żewġi, imma ħajti ma xtaqtx nibdilha. Forsi dan l-Imgħallem kien se jgħidli x'għandi nagħmel. Bdejt nhewden. Tgħid kien se jikkundannani? Wieħed mill-kittieba qal lill-Imgħallem, "Mgħallem, din il-mara nqabdet tiżni fil-fatt." Dak il-ħin bħal donni ħassejt nifsi jinqatagħli.Biex tkompli tagħqad, il-kittieb kompla, "Fil-Liġi, Mosè ordnalna nħaġġruhom nies bħal dawn. Inti xi tgħid?" Issa l-paniku ħakimni. Mela għalhekk ġabuni quddiem l-Imgħallem, biex jikkundannawni u jħaġġruni. Ma stajt nara l-ebda xaqq ta' tama!

Smajt silenzju kbir. B'għaġeb kbir ta' kulħadd, l-Imgħallem



beda jikteb xi ħaġa b'sebgħu fit-trab tal-art. Tgħid x'inhu jikteb? Tgħid il-kundanna tiegħi?! Imma donnu l-Fariżej u l-kittieba jidhru kuntenti. F'daqqa waħda l-Imgħallem dawwar ħarstu lejhom u b'ton sod qalilhom, "Min minnkom hu bla dnub ħa jitfa' l-ewwel ġebla." Meta qal hekk, reġa' tbaxxa u kompla jikteb fl-art. Kien hawn li ġara dak li qatt ma stennejt. Il-Fariżej u l-Kittieba bdew idabbru rashom wieħed wara l-ieħor! Mela dawk għandhom dnubiet? Mela mhux jien biss kont il-ħażina? Fl-aħħar spiċċajna jien u l-Imgħallem biss. Tgħid x'kien se jagħmel? Ħares lejja u staqsieni, "Mara, fejnhom? Ħadd ma kkundannak?" Dik il-ħarsa tiegħu messitli qalbi. Qatt f'għomri ma kont rajt ħarsa ta' raġel mimlija ħniena u mogħdrija! B'biża' u rogħda kbira fuqi weġibtu, "Ħadd, Mulej." U l-Imgħallem reġa' ħares lejja b'dik il-ħarsa ta' ħniena u qalli, "Lanqas jien ma nikkundannak. Mur u la tidnibx iżjed!"

Il-kelma Griega għall-maħfra tfisser 'tillibera mill-jasar' u kienet tintuża għall-ħabsi meta kien jiġi meħlus. Dan ifisser x'inhi tassew il-maħfra u x'jiġri fil-qalb tal-bniedem meta jħossu maħfur. Id-dnub, ikun xi jkun, fil-qalb tal-bniedem hu toqol.

L-imħabba lejn l-għadu u l-maħfra huma fil-qalba tal-Kristjaneżmu. Ġesù jgħid, "ħobbu lill-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jagħmlilkom id-deni, bierku lil min jisħetkom, itolbu għal min iżeblaħkom." (Lq 6, 27-28)

Għalkemm kultant naħsbu li l-maħfra hi karatteristika ta' karattru dgħajjef, ta' xi ħadd li ma jafx jieqaf għad-drittijiet tiegħu, madankollu l-maħfra hi sinjal ta' qawwa speċjali. Għal Ġesù, il-maħfra u l-fejqan għandhom l-istess tifsira, iżda n-nies ta' żmienu ma kinux jifhmuh hekk. U xi kultant lanqas aħna ma napprezzaw dan. Darba Ġesù daħal ġo dar u hemm beda jgħallem. Xi nies ġabu raġel mifluġ iżda peress li kien hemm ħafna nies, lanqas mill-bieb ta' barra ma setgħu jidħlu biex iwassluh ħdejn Ġesù. Għalhekk, għamlu toqba fis-saqaf u niżżluh mis-saqaf. Ġesù ra l-fidi li kellhom iżda lkoll inħasdu meta semgħu lil Ġesù jgħid lill-mifluġ, "Dnubietek maħfura!" Dal-kliem ħawwad lil ħafna minn dawk li semgħuh iżda Ġesù, li għaraf x'kien hemm f'moħħhom, staqsiehom, "X'inhu l-eħfef? Tgħid lill-mifluġ: 'dnubietek maħfura', jew tgħidlu, 'qum erfa' friexek u imxi?'" Ħadd minnhom ma wieġeb għal dan il-kliem. Fl-aħħar Ġesù fejjaq lill-mifluġ u "kulħadd stagħġeb u beda jfaħħar 'l Alla u jgħid, 'Qatt ma rajna hekk'".



## Idħol fil-fond

Darba San Pietru staqsa lil Ġesù kemm-il darba kellu jaħfer lil ħuh. Fittex it-tweġiba ta' Ġesù fil-Vanġelu ta' San Mattew 18, 21-22 u ma' sħabek tal-klassi ddiskuti x'ried jgħid Ġesù b'dan il-kliem. Hemm limitu kemm-il darba għandek taħfer?

# Tliet kwalitajiet essenzjali

Kollha kemm aħna għandna nies li nammiraw, nies li f'għajnejna jidhru li laħqu l-potenzjal tagħhom. Madanakollu xi drabi s-suċċess ta' dawn il-persuni jimliehom xi ftit bihom infushom u mhux l-ewwel darba li jispiċċaw iħalluna delużi bl-imġiba tagħhom.

Madankollu kultant tisma' b'xi ħadd li f'ħajtu tassew għamel suċċess imma li s-suċċess ma telagħlux għal rasu, anzi jqis lilu nnifsu xxurtjat u ma jaħsibx li hu aħjar mill-oħrajn. Hekk ikun laħaq tassew il-potenzjal tiegħu għax barra li għamel suċċess irnexxielu jikber u jsir persuna aħjar. Nies bħal dawn żgur li jispikkaw u jiġbru l-ammirazzjoni ta' ħafna, u dan għaliex għandhom kwalità mill-isbaħ, dik tal-umiltà.

### X'INHI L-UMILTÀ?

Bla dubju ta' xejn, l-umiltà perfetta wrihielna Alla stess meta ħa s-sura ta' bniedem u niżel mis-sema biex jgħammar fostna. Tneżża' minn dak li hu ta' Alla u sar jixbah lill-bniedem. Ġesù jgħallimna xi tfisser li tkun umli meta fl-aħħar ċena neħħa l-mantar minn fuqu, libes fardal u beda jaħsel saqajn l-appostli.

L-umiltà hija kwalità partikulari fil-mod kif tħares lejk innifsek u kif tirrispetta lil ħaddieħor. L-umiltà ma tfissirx tbaxxi lilek innifsek. L-umiltà m'għandhiex x'taqsam ma' dak li nsejħulu *low self-esteem*. L-umiltà hija l-virtù ta' min kapaċi jagħraf il-kapaċitajiet tiegħu u ma jikbirx fuq ħaddieħor. L-umiltà hija l-virtù li toħloq l-ispazju fija għal ħaddieħor, hija l-virtù li twassalni biex napprezza dejjem iktar lil ħaddieħor f'ħajti.

Bniedem umli qatt ma jitkabbar bih innifsu. Bniedem umli kapaċi jagħraf u jirrispetta d-dinjità tal-oħrajn. Il-kelma umiltà ġejja mill-Latin 'humilitas' kif ukoll mill-kelma 'humus' li tfisser art. L-umiltà tagħmilna attenti għall-oħrajn. L-oppost tal-umiltà hija l-pretensjoni, is-suppervja, il-vanità, l-arroganza, in-narċiżiżmu.



**Idħol fil-fond**

F'Ħamis ix-Xirka tal-2013, Papa Franġisku ċċelebra t-tifkira tal-Aħħar Ċena ma' grupp ta' żgħażagħ priġunieri fil-ħabs ta' Marmo. Iddiskuti fil-klassi t-tifsira wara din id-deċiżjoni tal-Papa u liema kwalitajiet qed iħeġġiġna biex ngħixu.

Fil-Bibbja naqraw li għalkemm l-umiltà ġġib magħha ħafna sagrifiċċji, min ikun umli jaħsad il-frott ukoll. Fost l-oħrajn naqraw: "Ħlas tal-umiltà u tal-biża t'Alla hu għana, ġieħ u ħajja." (Prov 22, 4)". Ġesù kien ċar u iebes fuq kif għandna nżommu postna fil-komunità u fejn jidħlu r-relazzjonijiet mal-oħrajn: "L-akbar fostkom ikun il-qaddej tagħkom. Min jitgħolla, jitbaxxa; u min jitbaxxa, jitgħolla." (Mt 23, 11-12).

Dan hu prinċipju li fuqu Ġesù tista' tgħid jibni kollox. Is-Saltna t'Alla li Ġesù sar bniedem biex jibni fost il-bnedmin hija ta' min jiċċekken u mhux ta' min jitkabbar. Darba Ġesù sejjaħ tifel u lin-nies qalilhom: 'Ngħidilkom is-sewwa, jekk ma terġgħux issiru bħat-tfal, ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet. Min mela jiċċekken bħal dat-tfajjel ikun l-akbar fis-Saltna tas-Smewwiet.' (Mt 18, 2-4)

## Il-PAĊENZJA

Kwalità oħra li twassal biex bniedem jilħaq il-milja tiegħu hi dik tal-paċenzja. Għalkemm ħafna jaħsbu li l-paċenzja hija kemm inkunu lesti u kapaċi nittolleraw, fil-Bibbja l-kelma paċenzja tiegħu xejra ftit differenti. Fl-Ittra lil-Lhud naqraw, "Ladarba aħna wkoll għandna madwarna sħaba hekk kbira ta' xhieda, ejjew inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna, u b'qalbna qawwija nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna" (Lhud 12, 1).

Il-paċenzja hija perseveranza: kemm kapaċi nibqa' nemmen, nittama, inħobb, nagħder u nirrispetta minkejja d-diffikultajiet li jkunu jipprovokawni biex nieqaf.

Mhux ta' b'xejn il-Latini kienu jqisu l-paċenzja bħala r-reġina tal-virtujiet. Għax biex tħobb u tibqa' tħobb irid ikollok il-paċenzja. Biex tibqa' tagħder, biex tibqa' taħfer, biex tibqa' tirrispetta... irid ikollok il-paċenzja. Din mhijiex dgħjufija imma qawwa, u qawwa li fiha rridu nkunu mħarrġa.

San Pawl fl-Ittra lill-Kolossin jikteb hekk: "titwettqu bil-qawwa kollha li tiġi mill-qawwa tal-glorja tiegħu, biex tkunu tifilħu ġġarrbu kollox bis-sabar" (Kol 1, 11). Din hija kwalità li tassew neħtieġu f'ħajjitna biex nikbru b'mod sħiħ.

Mill-banda l-oħra, jekk xi ħadd ma jfittixx li jilħaq tassew il-potenzjal tiegħu biex isir bniedem sħiħ, jasal fejn jasal fil-ħajja, faċli f'ħakka t'għajn jitlef kollox. Il-bniedem sħiħ hu l-bniedem matur. Imma l-bniedem li ma jikbirx f'dawn il-virtujiet u kwalitajiet jibqa' ma jikbirx, jibqa' immatur, u jsibha diffiċli biex jiffaċċja l-ħajja. L-immaturità toħroġ l-iktar fir-relazzjonijiet ma' xulxin. Il-bniedem immatur diffiċli jibni relazzjoni b'saħħitha ta' ħbiberija, ta' mħabba.

## L-IMĦABBA

L-imħabba hija l-aktar kwalità importanti u magħquda mal-kwalitajiet tal-umiltà u tal-paċenzja. In-Nisrani ma jistax jikkuntenta biss li ma jagħmilx ħsara lil ħaddieħor u li jirrispetta d-drittijiet ta' ħaddieħor. Għan-nisrani li tħobb ifisser li l-ewwel tħares lejn il-ġid ta' ħaddieħor, qabel ma tħares lejn il-ġid u l-interessi tiegħek. Li tħobb ifisser li tagħti minn dak li hu tiegħek, li ċċedi l-opinjoni u l-gosti tiegħek. Fi ftit kliem li tħobb ifisser li toffri lilek innifsek. F'ħajtu Ġesù ma kkuntentax billi jimxi bil-ġustizzja biss. Kieku rraġuna hekk ma kienx jidħol għal tant inkwiet biex ifejjaq il-morda, jgħin lill-foqra, jaħfer il-midinbin u jfittex lill-imwarrbin. Kieku rraġuna hekk, żgur li ma kienx sejjer iħalli ħajtu għalina. Bl-eżempju u bit-tagħlim tiegħu, Ġesù wriena li aktar mill-ġustizzja, irridu nimxu bl-imħabba. Il-kmandament il-ġdid jgħidilna: "Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin" (Ġw 13, 34). Hekk l-imħabba tiegħu r-rwol l-aktar importanti f'ħajjitna. Kull għażla u azzjoni li nagħmlu jridu jiġu ispirati mill-imħabba kbira li Ġesù għandu għalina.



# Bniedem shih



## NARAW X'TGĦALLIMNA

### A KLIEM IMPORTANTI

Ikteb sentenza li tfisser fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Virtù
- Solitudni
- Dinja virtwali
- Dinja reali
- Fiduċja
- Libertà
- Maħfra
- Maturità

### B IDEAT PRINĊIPALI

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Għid xi jfissru d-dinja reali u d-dinja virtwali.
- X'nifhmu meta ngħidu preġudizzji? Qatt tkellimt kontra dawk li huma preġudikati jew taqbeż għalihom? Temmen verament f'dak li tgħid u taħseb?
- Semmi u fisser il-karatteristiċi ta' bniedem matur .

### Ċ AĦSEB B'MOĦĦOK

Uża dak li tgħallimt biex twieġeb dawn:

- Ikteb eżempju ta' kif iġib ruħu bniedem bil-għaqal u ġust.
- X'inhi d-distinzjoni bejn '*loneliness*' u solitudni. Agħti eżempji.
- Taħseb li aħna l-Maltin, bnedmin li nippreġudikaw? Agħti eżempji.

### D IDDISKUTI D-DAR

Tkellem mal-membri tal-familja dwar dawn:

- Li naħfer biss mhux biżżejjed. Jeħtieġ li ninsa wkoll. Dan kemm huwa possibbli?
- Kif lesti ngħinu bħala familja biex ma nħallux il-preġudizzji jirkbuna?



# Relazzjonijiet

**ĦEJJI RUĦEK:**

X'jolqtok fil-frażi 'ftit inqas mill-anġli għamiltu'?

Qatt ħsibt dwar x'inhu importanti għalik f'ħajtek?

**IMMARKA ✓ ĦDEJN IL-KLIEM LI TAF XI JFISSER:**

- ☐ Sesswalità
- ☐ Imħabba
- ☐ Rispett
- ☐ Proċess
- ☐ Armonija
- ☐ Relazzjonijiet
- ☐ Kuxjenza
- ☐ Familja

3

# Ftit inqas mill-anġli...



Kienet ġurnata b'ħafna riħ. Kont sejjer lura lejn id-dar meta xi trab daħal f'għajnejja. Ħassejt ħruq kbir! Ma stajtx nara xejn, la min kien ħdejja u anqas fejn kont miexi. Għalxejn ippruvajt nogħrok għajnejja, għax il-ħruq hemm baqa'! Biex ma nsemmux li kull darba li ppruvajt niftaħ għajnejja l-ħruq bħal donnu kien jiżdied. Biex tagħqad ir-riħ kompla jonfoħ u miegħu kompla jġib aktar trab. Madankollu, b'xi mod irnexxieli norjenta ruħi u nsib roqgħa kennija fejn ir-riħ ma kienx qed jaħkem. Għajnejja tgħidx kemm kienu qed idemmgħu imma wara ftit tal-ħin bħal donnu l-ħruq beda jonqos. Ftit ftit bdejt inħossni aħjar u f'kemm ilni ngħidlek il-ħruq kien telaq għal kollox. Filgħaxija spjegawli kif dak id-dmugħ li kelli kien mod kif il-ġisem jipproteġi lilu nnifsu. Fil-ġisem hemm ko-ordinazzjoni tal-ġenn!

Mhux darba jew tnejn ngħaddu minn esperjenzi simili li juruna l-meravilja tal-ġisem tal-bniedem li fih stess hemm il-kapaċità ta' ko-ordinazzjoni u protezzjoni għall-ġid tal-bniedem sħiħ – ġisem, emozzjonijiet, sentimenti u ruħ. F'sitwazzjoni ta' diffikultà l-ġisem donnu kapaċi jikkonċentra l-enerġija kollha propju fejn ikun hemm bżonnha.



**Fittex**

Sib Salm 8 u ddiskuti ma' sħabek x'sentimenti jixtieq jesprimi l-awtur. X'messaġġ insibu f'dan is-salm?

## MAĦLUQIN FUQ XBIHATU

Il-bniedem huwa parti minn ħolqien sħiħ u rridu narawh bħala parti integrali mix-xenarju ikbar tal-ħolqien. Jekk nirreferu għall-verżjoni tal-ħolqien kif insibuha fil-Bibbja, il-bniedem huwa meqjus bħala l-kapolavur, maħluq fuq ix-xbieha ta' Alla għax jixbah lil Alla. Alla fil-bniedem poġġa kwalitajiet li lill-bniedem, minkejja li hu maħluq u allura bil-limitazzjonijiet kollha tiegħu, jagħtuh il-potenzjal li jilħaq il-milja tiegħu u jmur lil hinn minnu nnifsu. Il-bniedem mhuwiex ġiesem biss.

F'Salm 8, waħda mill-isbaħ għanjiet fuq il-kobor tal-bniedem, naqraw: "Ftit inqas mill-anġli għamiltu, bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu." Il-ġisem huwa rigal. Rigal jagħtihulek xi ħadd u inti tifthu u tapprezzah, speċjalment jekk ikun mogħti minn xi ħadd tal-qalb. Il-ġisem tagħna rridu niskopruh għax huwa permezz tal-ħajja tagħna fil-ġisem, bħala nies tad-demm u l-laħam, li aħna jkollna sentimenti u aspirazzjonijiet li jgħinuna nikbru u noħorġu minna nfusna biex nilħqu l-potenzjal kbir li hemm moħbi fina. Għall-kuntrarju persuna tista' tingħalaq fiha nfisha u tibqa' ma tiskoprix it-tajjeb u s-sabiħ li hemm fiha. Hu permezz tal-ġisem li aħna niżviluppaw il-ħafna talenti u l-kapaċitajiet tagħna, hu permezz tal-ġisem li nidħlu f'relazzjonijiet mal-oħrajn, li nħobbu, u anke li nweġġgħu u ningħalqu fina nfusna.

Għax aħna ngħixu fil-ġisem, il-ġisem irridu nikkurawh, immantnuh, nieħdu ħsiebu, u nipproteġuh. *Mens sana in corpore sano*, kienu jgħidu l-Latini. Jiġifieri biex il-moħħ ikun f'sikktu importanti li l-ġisem ikun f'saħħtu. Għax il-moħħ u l-ġisem jiddependu minn xulxin. Anke r-ruħ u l-ġisem jikkundizzjonaw lil xulxin. Biex inkunu tassew f'saħħitna fis-sens wiesa' tal-kelma, importanti li f'ħajjitna jkun hemm ko-ordinament u armonija bejn il-ġisem u r-ruħ, il-qalb u l-moħħ. Meta ma nagħtux kas tal-emozzjonijiet tagħna jew tas-sentimenti tagħna, meta naġixxu mingħajr ma naħsbuha jew bla ma nagħtu kas x'qed tgħidilna qalbna, inkunu qed nużaw vjolenza fuqna nfusna. Bħal meta tiekol bl-addoċċ jew ma tiekol xejn. Bħal meta ma torqodx u l-ġisem ma tagħtihx il-ħin tal-mistrieħ li jeħtieġ.

# Ibża' għalija!




**Agħmel**
Matul din il-ġimgħa żomm djarju ta' dak li inti tkun għamilt. Fl-aħħar tal-ġimgħa ħares ħarsa sew lejh u ara kif qassamt il-ħin liberu tiegħek. Hemm xi ħaġa li tista' tirranġa biex dan il-ħin ikun aktar ta' siwi għalik?

Din il-paġna mid-djarju ta' Maya tirrifletti l-istil ta' kif qed tagħżel li tgħix ħajjitha. Hawn tajjeb li nirriflettu fuq xi stil ta' ħajja qed ngħixu, għaliex il-ħajja kif nagħżlu li ngħixuha m'hemmx dubju li jkollha effett fuqna stess: kif nirrelataw magħna nfusna u anke fl-aħħar mill-aħħar kif inħarsu lejn l-eżistenza tagħna.

Il-ħajja wkoll hija rigal li rċevejna. Irridu napprezzawha, imma biex inkunu nistgħu napprezzawha jrid ikollna ċerta ordni f'ħajjitna u fil-mod kif ngħixu l-ġurnata tagħna. Fil-paġna tad-djarju hawn fuq naraw li waħda mill-prijoritajiet ta' Maya hija li tieħu ħsieb l-apparenza tagħha. Kif nidhru huwa importanti ħafna. Imma mhux kollox.

Jien irrid nieħu ħsieb ġismi u tiegħi nnifsi, irrid inkun f'saħħti fiżikament, mentalment, emozzjonalment, u spiritwalment. L-isfida kbira tagħna hi kif dawn l-aspetti ta' ħajjitna nżommuhom marbutin flimkien għall-istess armonija tagħna nfusna.

### INĦARSUH MILL-PERIKLI

Il-ħajja fiha s-sabiħ u l-ikrah tagħha. Insibu x'jgħinna imma niltaqgħu wkoll ma' perikli li rridu nkunu għajnejna miftuħa għalihom. Kultant dawn jistgħu jkunu moħbija wara affarijiet li mal-ewwel daqqa t'għajn jidhru tajbin u attraenti u għalhekk faċli nitfixklu. Fl-għażliet li nagħmlu kważi qatt m'aħna weħedna għax hemm dik li ngħidulha l-*peer pressure*. X'jagħmel ħaddieħor, speċjalment il-ħbieb taċ-ċirku ta' ġewwa, b'xi mod jew ieħor dejjem se jinfluwenzana. Dan jgħodd għat-tajjeb u għall-ħażin. L-influwenza tal-oħrajn tista' tkun ta' għajnuna, tgħinna nikbru, twassalna għal għażliet tajbin. Imma tista' wkoll twassalna nagħmlu affarijiet li qatt ma nkunu ħlomna li nagħmlu, jew nesperimentaw f'affarijiet sempliċement biex nagħmlu kif qed jagħmel ħaddieħor u forsi anke biex nimpressjonaw. Biex tgħid LE, anke jekk forsi se tidher ikrah jew kerha, trid tkun b'saħħtek.

Meta nitkellmu fuq l-importanza fil-ħajja, li naċċettaw lilna nfusna, inkunu qed nirreferu anke għall-fatt li rridu naċċettaw aħna kif aħna fiżikament. Mhux kulħadd jaċċetta lilu nnifsu. Anzi llum sar hawn negozju sħiħ li jpenġiha bħallikieku kienet xi ħaġa faċli li tibdel l-apparenza tiegħek, kull fejn ma jagħġbokx. Il-ġisem tagħna hu magħmul minn ħafna dettalji sbieħ u iktar ma nsibuha diffiċli biex napprezzaw lilna nfusna u kif nidhru, aktar hemm ċans li nbatu fil-ħajja u fir-relazzjonijiet tagħna. Meta inti ma taċċettax lilek innifsek kif int, diġà qed titlaq minn żvantaġġ u ma tistax tkun fil-paċi miegħek innifsek. Din bla dubju se jkollha effett fuq kif inti tirrelata mal-oħrajn. Dan hu diskors wiesa'

u anke xi ftit kumplikat. Imma rridu niffaċċjawh. Importanti, anke f'dinja fejn id-dehra saret kważi kollox, li nitgħallmu napprezzaw ġisimna u nittrattawh bir-rispett u d-dinjità li tixraqlu. Il-ġisem mhuwiex oġġett, u għalhekk jitlob għożża u rispett. Dan japplika wkoll fejn jidħol il-lingwaġġ tas-sesswalità tagħna.

Fil-mod kif aħna nirrelataw ma' xulxin, il-ġisem u kif nidhru għandu rwol importanti ħafna. Persuna qed tħobbok u qed tafdak kif int u inti qed tagħmel l-istess. Relazzjoni tinbena fuq fiduċja reċiproka u fuq l-apprezzament tal-persuna l-oħra b'mod sħiħ kif inhi. Iktar ma relazzjoni tinżel fil-fond, iktar inkunu kapaċi mmorru lil hinn mill-apparenza għax inkunu qed napprezzaw lill-persuna l-oħra kif inhi bħala persuna, minn ġewwa u minn barra. F'relazzjoni, importanti jkun hemm l-apprezzament u l-gratitudni għal xulxin. Bejn tnejn li jħobbu u jirrispettaw lil xulxin il-komunikazzjoni ssir iktar faċli u tkun komunikazzjoni ta' ħafna xorta. Mhux bilfors ikunu jitkellmu l-ħin kollu biex jikkomunikaw. Anke s-silenzju bejniethom ikun spazju ta' komunikazzjoni. U allura jkunu qegħdin jifhmu lil xulxin b'mod li kapaċi anke jantiċipaw il-persuna l-oħra minn xiex għaddejja, hijiex ferħana jew imdejqa, hijiex kuntenta jew inkwetata.

Tajjeb hawnhekk nistaqsu ftit lilna nfusna kif u kemm aħna kapaċi nikkomunikaw dak li nħossu u dak li nkunu għaddejjin minnu: sentimenti, emozzjonijiet, xewqat. Ċerti emozzjonijiet fina huma qawwija, sew jekk ikunu negattivi, bħal rabja jew għira, kif ukoll jekk ikunu pożittivi, bħal imħabba u simpatija. Imma rridu nikbru fihom it-tnejn biex inkunu kapaċi nikkomunikawhom b'mod li ħaddieħor jifhimna.

Jekk le kulma nagħmlu jgħin biss biex niżolaw lilna nfusna u nġiegħlu lil ħaddieħor jitbiegħed minna. Irridu nżommu f'moħħna li aħna bħala persuni nġorru ġo fina wirt ġenetiku li ma nistgħux ninjorawh. Ilkoll għandna l-istorja tagħna, ta' kif trabbejna u ġejna edukati, ta' kemm rajna jew le mħabba u kura fi ċkunitna, ta' kif ħaddieħor ittrattana meta konna żgħar.

Dan ma jfissirx li aħna lesti, determinati, jew li mhemmx possibbiltà li nikkoreġu xi affarijiet fil-karattru tagħna. Il-proċess tal-ħolqien hu proċess li ma jiqafx f'ħajjitna. Irridu nibqgħu ngħinu lilna nfusna u nħallu lil min jgħinna biex nikbru u norjentaw lil ħajjitna fid-direzzjoni t-tajba, kienet x'kienet l-esperjenza fit-tfulija tagħna. Dan huwa diskors importanti għax minnu tista' tiddependi l-viżjoni tagħna tal-ħajja u kif inħarsu u niġġudikaw ir-realtà madwarna.

Ħafna problemi li kultant insibu ruħna fihom f'din il-fażi ta' ħajjitna, fil-fatt mhumiex problemi imma biss sintomi ta' problemi iktar profondi li aħna ma nkunux ħsibna dwarhom imma li bla ma nindunaw inkunu qed inġorru ġo fina. Hemm problemi ta' *eating disorders*, per eżempju, bħal anoreksja jew bulimja, jew problemi li jkollna mal-persuna tagħna stess bħal kif nidhru, anke konflitti mal-istess sesswalità tagħna. Dawn huma kollha aspetti tal-ħajja tagħna, fuq livell fiżiku u psikoloġiku, li ma nistgħux ninjoraw u li jitolbu li nkunu attenti biex ir-relazzjoni tagħna magħna nfusna tkun waħda iktar kalma u ta' armonija.





# Tarġa, tarġa...

Kienet ġurnata sabiħa u billi n-nannu talabni nagħtih daqqa t'id f'li kien qed jagħmel fil-ġnien tad-dar, sibt ruħi nitkellem miegħu fuq ħafna affarijiet. Man-nannu jien kont ktieb miftuħ u għalkemm mhux dejjem aċċettajt jew fhimt il-pariri li kien jagħtini, imma naħseb li meta tqis kollox għandhom raġun meta jgħidu li "kliem ix-xiħ żomm fih"! Staqsejtu kif kien irnexxielu jagħmel 50 sena miżżewweġ mal-istess mara. Bid-daħka weġibni, "itla' tarġa tarġa!"

## ITLA' TARĠA TARĠA!

Qalli: "Kull tarġa hija mezz ta' kif żewġ maħbubin jikkomunikaw imħabbithom. L-ewwel tarġa jitilgħuha meta jagħtu l-ewwel ħarsa lil xulxin. L-aktar ħaġa importanti hi li kull tarġa jitilgħuha flimkien. Iridu jistennew lil xulxin sabiex ma jwaqqgħux lil xulxin għax mhux kulħadd jimxi bl-istess pass. Niftakar li n-nanna tiegħek kelli nistennieha ftit għax kienet ftit mistħija. Wara bdejna nikkomunikaw mhux biss bil-kliem imma anke b'ġesti żgħar li llum ninnota li fost in-namrati qed jintesew. Dawn juru li jaħsbu f'xulxin. L-iskop tagħhom hu li jagħmlu lil xulxin kuntenti, anke jekk dan jitlob sagrifiċċju. Qatt ma ninsa l-ewwel darba li qbadtilha jdejha. Fhimtha bla ma tkellmet għaliex ħassejt idha għarqana minħabba l-eċċitament. In-nies donnhom jinsew dan il-ġest ta' komunikazzjoni, jew jassoċċjawh biss mal-għerusija. Qatt ma waqaft inżommilha idha u l-għafsa nbidlet skont iż-żmien u ċ-ċirkustanzi. Żammejna id xulxin fl-għersuija, dak in-nhar taż-żwieġ waqt il-kunsens, fil-mumenti ta' tbatija u fil-ferħ.

It-tarġa li kien imiss kienet t-tgħanniqa u l-bewsa. Tgħanniqa tagħtik iċ-ċans tisma' u tapprezza t-taħbita tal-qalb tal-persuna li tħobb. Meta tapprezza mumenti bħal dawn, titgħallem iddur lejn Alla u tirringrazzjah li għoġbu jlaqqgħek ma' din il-persuna tant importanti f'ħajtek. Meta titla' tarġa tarġa fir-relazzjoni tiegħek, kollox isir speċjali, anke l-ewwel bewsa.

Kull tarġa hija importanti. Tgħaġġilx, għax ikollok il-konsegwenzi. Naf li tkun tixtieq ħafna tagħmel esperjenzi ġodda, iżda żomm f'moħħok li jekk tħobb persuna ma tużahiex biex tissodisfa lilek innifsek u tifhem li s-sesswalità hija l-mod sabiħ kif tnejn jikkomunikaw ma' xulxin b'mod sħiħ. Għalhekk kollox għandu l-ħin u l-waqt. Jekk tgħaġġel tispiċċa tbati l-konsegwenzi u titlef iċ-ċans li flimkien tikbru fir-relazzjoni tagħkom.

Ir-relazzjoni tibda tesprimi ruħha sesswalment meta tnejn ikunu waslu tassew biex qed jagħtu lilhom infushom lil xulxin b'mod sħiħ u b'fedeltà. Għalhekk il-Bibbja tgħid: 'Ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru t-tnejn ġisem wieħed'.

Fil-ħajja intima tal-koppja, huwa importanti li jkun hemm mhux biss imħabba u rispett, imma anke l-element ta' fedeltà. Il-fedeltà hi sinjal li hemm rabta li qed tniżżel l-għeruq tagħha fil-fond. Meta hemm il-fedeltà, il-konflitti li jinqalgħu, kbar jew żgħar, se jsibu lit-tnejn kapaċi jistennew, jaħfru, jifhmu lil xulxin, u anke jċedu. Xi ħadd darba qal li l-maħfra hija l-ogħla forma ta' mħabba. Jekk ir-relazzjoni ma tinbeniex fuq valuri bħal dawn, ir-riskji huma kbar. U f'dik it-tip ta' relazzjoni se jkun hemm iktar ċans ta' tensjoni u forsi anke biża', biex ma nsemmux il-kelma goffa 'abbuż'.

L-espressjoni sesswali hija aspett importanti ħafna tar-relazzjoni, imma mhux kollox. Anzi jekk ma jkunx hemm il-pedament tal-valuri li semmejna u oħrajn, l-imħabba taf tibqa' superfiċjali u ma jkunx hemm għotja bis-serjetà lil xulxin u fiduċja totali. Flok armonija jkun hemm diżordni u flok serenità jkun hemm tensjoni.

Tnejn minn nies fil-ħajja tagħhom bħala koppja, iridu jibżgħu għal xulxin, mhux minn xulxin. Hija l-atmosfera li tinbena fil-ħajja ta' koppja li tagħti sens u tifsira ferm iktar profonda lill-aspett sesswali tar-relazzjoni u tal-imħabba. L-istess imħabba u armonija bejn il-koppja jitolbu anke li nagħrfu nirrispettaw is-sentimenti u l-emozzjonijiet ta' xulxin kif ukoll ix-xewqat f'mumenti partikulari. Din hija wara kollox il-maturità ta' koppja meta żewġ persuni tant isiru intimi li kapaċi jifhmu mill-bogħod il-persuna l-oħra kif qed tħossha u x'tixtieq. Kultant anke li noqogħdu bogħod minn xulxin biex nagħtu spazju lil xulxin, hu mod ta' mħabba. Parti mill-mixja flimkien hi li nitgħallmu ma neħdux lil xulxin u xejn *for granted*. Aħna nifhmu ħafna lil xulxin u dawn il-mumenti ma kinux frustranti għaliex fl-għerusija konna diġà għallimna lilna nfusna x'jiġifieri tistenna. Biż-żmien titgħallem ukoll tant forom u modi differenti kif tesprimi l-imħabba. Jekk u meta jkun hemm xi ħaġa fil-fond, biżżejjed ħarsa, għafsa tal-id, tgħanniqa jew bewsa. Meta koppja tgħix hekk, allura l-fedeltà ssir possibbli u jgħaddi kemm jgħaddi żmien l-imħabba ma tiqdiemx".

### MILL-ESPERJENZA

L-intimità fir-relazzjonijiet ta' mħabba tkun esperjenza sabiħa u ġġib serenità u armonija jekk niskopruha u ngħixuha flimkien, jekk naslu għaliha skont il-pass ta' xulxin.



## Idħol fil-fond

Aktar ma nikbru, aktar nibdew nindunaw li l-importanti mhux in-numru ta' ħbieb imma t-tip ta' ħbieb. X'inhuma l-kwalitajiet li għandek tfittex fil-ħbieb? Għalkemm iż-żwieġ mhux sempliċi ħbiberija, jibda jinbena fuq dawn il-pedamenti: il-komunikazzjoni, li tagħti spazju biex il-persuna l-oħra tibker u ssib lilha nnifisha, li taċċetta lill-persuna kif inhi u mhux tipprova tbiddilha, li jkollok fiduċja fil-persuna u li taqsam dak li int mal-persuna l-oħra. X'taħseb li hu importanti f'relazzjoni bejn maħbubin, kemm qabel, kif ukoll wara ż-żwieġ?

# Armonija




**Ħares lejn din il-biċċa mużika. X'impressjoniji tieħu mit-titlu?**

**Għalfejn il-kompożitur kiteb il-kelma *Allegro*?**

**X'taħseb li hi l-funzjoni tan-noti? Jekk ikollok iċ-ċans li tisma' biċċa minn din il-mużika, tinduna li kull meta jinbidel ir-ritmu, tinbidel ukoll il-melodija. L-istess jiġri fil-ħajja meta l-moħħ u r-raġuni jaħdmu flimkien max-xewqat u l-istinti tagħna. Meta dawn jaħdmu id f'id, fil-ħajja jkollna ċelebrazzjoni t'armonija.**

Alla tant għandu stima għolja tal-bniedem, u jixtieq l-aħjar għalina, li tana l-kapaċitajiet biex f'ħajjitna noħolqu armonija mużikali li fl-aħħar mill-aħħar hija rifless tal-imħabba tiegħu għalina. Imma ma tistax tkun f'armonija ma' ħaddieħor jekk qabel ma jkollokx armonija ġo fik, f'qalbek, u jekk ma jkunx hemm l-armonija bejn dak li tixtieq u trid il-qalb u dak li jaħseb il-moħħ.

**STUNATA**

X'effett tħalli nota stunata f'kunċert! Hija dejjem stunatura, nota żbaljata mhux f'postha. U skont kemm tkun gravi u ripetuta, tista' fil-fatt tħarbat orkestra sħiħa.

L-istess jiġri fil-ħajja tagħna. Meta bl-għażliet li nagħmlu nitilfu l-armonija u nħallu l-istinti u x-xewqat tagħna jieħdu l-kontroll fuq ir-raġuni, nispiċċaw biex bl-azzjonijiet tagħna, indejqu jew inweġġgħu lil min ingħalina nħobbu u saħansitra nistgħu nkunu qed nagħmlu ħsara lilna nfusna.

Hemm ħafna eżempji ta' kif dan jista' jiġri u jikkawża diżordni fir-relazzjonijiet ta' bejnietna u fir-relazzjoni magħna nfusna:

- meta fir-relazzjonijiet sesswali nibdlu l-partner bl-addoċċ u ssir qisha ħaġa mhi xejn;
- meta f'relazzjoni stabbli ta' tnejn li jħobbu lil xulxin, ma nkunux kapaċi nistennew lil xulxin u nirrispettaw id-dinjità ta' xulxin;
- meta ma nirrealizzawx biżżejjed li l-pornografija, li hi tant aċċessibbli, tirriduċi l-ġisem tal-bniedem għal oġġett ta' xewqat u tneżżgħu minn kull dinjità li tistħoqqlu;
- meta ma nirrealizzawx li l-fatt li l-masturbazzjoni tibda ssir frekwenti wisq u bla kontroll, jista' jkun sintomu li qed ningħalqu wisq fina nfusna;
- meta naħsbu li l-faċilità u l-użu tal-kontraċettivi jista' jagħtina l-liċenzja biex ikollna ħajja sesswali libera.

Dak li fil-fatt ikisser l-armonija ġo fina u bejnietna hu l-egoiżmu, u wkoll kull meta dak li nixtiequ nakkwistaw u nagħmlu f'ħajjitna naħsbu li nistgħu nakkwistawh issa u malajr. Fil-ħajja tajjeb però nżommu f'moħħna li ċerta tbatija li niffaċċjaw jew li nġiegħlu lil ħaddieħor jiffaċċja tista' tkun konsegwenza ta' aġir ħażin jew egoist. Dan l-aġir jista' jikkawża rabja u sens kbir ta' ħtija fina nfusna u fl-oħrajn. Barra minn hekk, illum irridu anke nifthu għajnejna għal ċerta imġiaba irresponsabbli li qed tiġġenera ċertu mard li fis-soċjetà tagħna sfortunatament qed jiżdied

b'mod allarmanti, bħall-*gonorrhea*, l-*iscabies*, il-*herpies*, l-HIV u l-AIDS u mard ieħor li hu trasmess sesswalment.

## IL-KUXJENZA

Il-bniedem fl-għażliet li jagħmel u kif jasal għalihom għandu r-responsabbiltà tiegħu personali. Barra l-liġi morali li tiggwidah, hemm ukoll il-kuxjenza li kif jgħid il-Konċilju Vatikan it-Tieni fid-dokument dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum, hija l-post l-iktar intimu tal-bniedem, is-santwarju fejn il-bniedem hu waħdu ma' Alla u fejn il-vuċi t'Alla ssemma' l-eku tagħha. (GS 16)

Fl-ittri tiegħu, San Pawl jitkellem ħafna dwar din it-taqbida li lkoll inġorru fina nfusna, bejn il-passjonijiet tal-ġisem u l-kontroll li titlob minna l-kuxjenza. Fl-Ittra tiegħu lill-Efesin jikteb: **"Aħna wkoll għexna darba mgħarrqa fil-passjonijiet ta' ġisimna; konna nagħmlu l-opri tar-rieda tal-ġisem u fehmietna; konna minna nfusna wlied il-korla, bħall-bqija tal-bnedmin. Imma Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu - bi grazzja intom salvi".** (Ef 2, 3-4)

Lill-Korintin iwissihom: **"Il-ġisem mhuwiex għaż-żina iżda għall-Mulej, u l-Mulej huwa għall-ġisem. . . Aħarbu ż-żina! Kull dnub li wieħed jagħmel hu 'l barra minn ġismu, iżda min jagħmel iż-żina jkun qiegħed jidneb kontra ġismu stess. Jew ma tafux li ġisimkom hu tempju tal-Ispirtu s-Santu, li jinsab jgħammar fikom, li għandkom minn Alla? Ma tafux li intom m'intomx tagħkom infuskom? Bil-għoli kontu mixtrija! Mela agħtu ġieħ lil Alla permezz ta' ġisimkom".** (1 Kor 6, 13.18-20)



Il-bniedem għandu bżonn gwida u ma jistax ikun immexxi biss mill-bżonnijiet u x-xewqat tiegħu. Meta jiġri hekk ikun hemm diżordni fil-ħajja tal-bniedem u d-diżordni, li hija l-oppost tal-armonija, iġġib magħha ħafna konsegwenzi ta' tbatija. Sant'Irinew, wieħed mill-għorrief tal-ewwel sekli tal-Knisja jikteb li l-glorja t'Alla hija li l-bniedem jgħix. Għax Alla ħalaqna biex ngħixu, biex ngħixu ħajjitna fil-milja tagħha, biex inkunu bnedmin sħaħ.

### Għixha!

Għal min jaf il-mużika jaf li hemm ħafna termini li jgħinuk biex idoqq dik il-biċċa mużika sew. L-istess fil-ħajja, ngħaddu minn żmien ta' ferħ, ieħor ta' dwejjaq, ħin li jtir u ieħor li qisu ma jrid jgħaddi b'xejn. F'San Ġwann Ġesù jgħidilna "Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja, u ħajja bil-kotra" (Ġw 10, 10). Kif nistgħu ngħixu kif jixtieqna Ġesù, meta l-ħajja tlaqqagħna ma tant sitwazzjonijiet differenti?

# Qawsalla ta' kuluri

Il-qawsalla tirrappreżenta bidu ġdid wara l-maltemp. Insibu referenza għaliha fil-Ktieb tal-Ġenesi. Wara d-dulluvju, dehret fis-sema qawsalla li Noè u l-kumplament tal-kreaturi biha setgħu jifhmu li l-maltemp kien spiċċa u li beda żmien ġdid.

Għalhekk ħafna drabi dawn il-kuluri tal-qawsalla jidhru fuq xi bandiera meta jkun hemm ġlieda għall-ugwaljanza u r-rispett. Xi drabi din il-bandiera hija magħrufa bħala l-bandiera tal-ħelsien minn maltemp fis-soċjetà. Fost dan il-maltemp, insibu l-preġudizzji, l-omofobija (biża' min-nies omosesswali), ir-razziżmu u inġustizzji oħra. Illum din il-bandiera tintuża bħala simbolu tal-LGBT (LGBT hija l-inizjali għal *the lesbian, gay, bisexual, and transgender community*) fil-ġlieda għall-ħelsien mill-preġudizzji lejn nies ta' orjentazzjoni sesswali differenti. Il-lesbjani huma persuni tas-sess femminili li jħossu ġibda lejn persuni tal-istess sess; il-gay huma persuni tas-sess maskili li jħossu ġibda lejn persuni tal-istess sess; meta persuna tħoss attrazzjoni lejn persuni kemm tal-istess sess kif ukoll ta' sess differenti nsejħulha bisesswali; u t-transesswali huma persuni li jħossu l-bżonn li jaġixxu u jilbsu b'mod li jikkontradixxi dak li fiżikament huma. Bħal fil-każ tal-eterosesswali (persuni li jħossu ġibda lejn persuni tas-sess l-ieħor), jeħtieġ li nifhmu li mhux il-persuni jagħżlu l-orjentazzjoni sesswali tagħhom imma din tiġi kkondizzjonata mil-livell ta' ormoni fil-ġisem kawża tad-daqs tal-*pituitary gland*.



Huwa fatt li madwarna nsibu diversi episodji fejn id-dinjità tal-persuni b'orjentazzjoni sesswali differenti hi mkasbra permezz ta' kliem, azzjonijiet u ħsibijiet imqiegħda f'kitba. Din ir-realtà ġġibna wiċċ imb'wiċċ mar-raġuni għala Ġesù kien daqstant dirett fi kliemu meta qalilna: **"Smajtu xi ntqal lin-nies ta' dari, 'La toqtolx.' Mela jekk xi ħadd joqtol ikun ħaqqu l-kundanna. Imma jien ngħidilkom li l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh. Jekk imbagħad xi ħadd lil ħuh jgħidlu, 'Ġifa', ikun ħaqqu l-kundanna tas-Sinedriju; u jekk jgħidlu, 'Iblah', ikun ħaqqu n-nar ta' l-infern"** (Mt 5, 21-22). Hawnhekk Ġesù ma kienx qiegħed jirreferi biss għall-qtil fiżiku imma wkoll għall-qtil psikoloġiku li jinvolvi insulti, tgħajjir, *bullying* u kwalunkwe preġudizzju li jġib diskriminazzjoni fuq persuni minħabba l-orjentazzjoni sesswali tagħhom.



Jekk inżommu f'moħħna t-tifsira tal-kuluri li fiha din il-bandiera, ikun aktar faċli għalina li ngħixu f'armonija u nirrispettaw lill-persuni bl-orjentazzjonijiet sesswali kollha tagħhom. F'dan il-kuntest, il-persuni eterosesswali, omosesswali, u bisesswali jirrispettaw u jaraw li bl-imġiba matura u responsabbli tagħhom, ma jweġġgħu u jurtaw lil ħadd.

Għalkemm din il-bandiera, normalment tintuża f'ħafna *gay pride parades*, għandha wkoll tifsira li tapplika għas-soċjetà in ġenerali u tfakkarna fir-rispett lejn id-dinjità ta' kull persuna li huwa s-sies ta' kull soċjetà ċivili. Il-kulur l-aħmar ifakkar li l-ħajja ta' kull individwu trid tiġi rrispettata mill-bidu sat-tmiem tagħha. Madanakollu kulħadd suġġett għall-iżbalji u għalhekk wara l-kulur l-aħmar, insibu l-kulur oranġjo li jfakkar fis-sens ta' fejqan. Il-fejqan hu neċessarju meta l-persuni jsofru mhux biss fiżikament imma wkoll psikoloġikament u spiritwalment. L-isfar huwa l-kulur relatat mad-dawl tax-xemx. Dan il-kulur ifakkarna li kulħadd għandu l-potenzjal li jkun raġġ ta' dawl fis-soċjetà. Nistgħu nkunu dawl għall-oħrajn permezz tat-talenti u l-ħiliet tagħna. Meta Alla ħalaq il-bniedem ħaseb ukoll li jagħnih b'ambjent u natura mill-isbaħ biex ikun jista' jgħix b'mod aktar ħolistiku. Bħalma għandna nirrispettaw l-ambjent, tant ieħor għandna nirrispettaw lil kull bniedem maħluq minn Alla. Wara l-kulur l-aħdar li jissimbolizza n-natura, insibu l-kulur blu li jfakkarna fl-armonija li l-bniedem irid ikollu internament miegħu innifsu, mad-diversità tal-bnedmin madwaru, kif ukoll ma' Alla. Il-bniedem huwa wkoll esseri spiritwali u dan hu aspett li l-bniedem ma jistax jinsa. Għalhekk il-kulur vjola.

Il-konklużjoni hija li minkejja d-diversità li semmejna anke fejn tidħol l-orjentazzjoni sesswali, jibqa' l-fatt li lkoll għandna l-istess dinjità umana. Kull persuna, hi ta' liema orjentazzjoni sesswali hi, xorta hija msejħa biex tilqa' l-isfidi tal-ħajja, biex tasal għall-milja ta' ħajjitha bħala persuna u bniedem sħiħ. Kull sfida hija mezz biex nikbru u nimmaturaw fir-relazzjonijiet tagħna.

Ir-rieda t'Alla għall-bniedem hija li l-bniedem jasal għall-milja tiegħu, jiġifieri li jkun sħiħ u rispettat għad-dinjità tiegħu ta' persuna għax hu bniedem. Wieħed mill-mezzi kif il-bniedem jista' jilħaq dan huwa meta jagħraf jingħata u jħobb bla ma juża jew jabbuża mid-dinjità tiegħu jew minn dik tal-oħrajn. Kull bniedem, għax hu persuna bid-dinjità u bid-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu, lil hinn mill-orjentazzjoni sesswali, għandu jkun rispettat u m'għandu qatt jisfa vittma ta' preġudizzji jew diskriminazzjoni. Il-valuri tat-tolleranza, tar-rispett u tad-djalogu huma sisien importanti għas-soċjetà ċivili u biex inkunu nistgħu ngħixu flimkien.



# Il-familja u ż-żwieġ

## Idħol fil-fond

**"Din id-darba din hi għadma minn għadmi, u laħam minn laħmi... Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed." (Ġen 2, 23-24)**

Din is-silta tiġbor fiha l-ħsieb wara ż-żwieġ. Mill-bniedem Alla joħloq tnejn: lir-raġel u lill-mara biex imbagħad fiż-żwieġ jerġgħu jsiru ħaġa waħda. Il-frażi "ġisem wieħed" turi l-permanenza taż-żwieġ. Hekk kif meta twaħħal żewġ biċċiet karta bil-kolla ma tistax tifridhom mingħajr ma tqatta', bl-istess mod ma jistgħux miżżewġin jinfirdu qisu xejn mhu xejn u mingħajr konsegwenzi. Wara li ddiskutejt dan is-suġġett fil-klassi, x'taħseb li huma l-fatturi importanti li għandu jkollu żwieġ hekk kif ipjannah Alla?

Il-familja hija nukleu importanti ħafna għas-soċjetà. Hu fil-familja li aħna nitwieldu, nitrabbew, nirċievu l-ewwel formazzjoni tal-karattru, u nġarrbu l-ewwel imħabba. Il-familja tradizzjonalment dejjem kienet mibnija fuq iż-żwieġ, u ż-żwieġ il-Knisja dejjem fehmitu u għallmet u għadha tgħallem li għandu jkun bejn raġel u mara li jiżżewġu bil-ħsieb li jrabbu familja.

Illum il-familja hija diskussa ħafna propju għax hija importanti ħafna. Ħafna llum għandhom idejat differenti dwar x'jagħmel familja. Mhux kulħadd jemmen li familja bilfors trid tkun mibnija fuq iż-żwieġ. Ħafna pajjiżi llum saħansitra qegħdin idaħħlu liġijiet li jippermettu lil tnejn tal-istess sess jiżżewġu. Pajjiżi oħra ma jaqblux ma' dan u minflok jipproponu dak li jissejjaħ 'unjoni ċivili', fejn tnejn tal-istess sess jistgħu igawdu mill-istess drittijiet u dmirijiet bħall-koppja miżżewġa imma l-għaqda tagħhom ma titqiesx bħala żwieġ. Illum is-soċjetà tagħna għandha ħafna fehmiet fuq dawn il-kwistjonijiet. Hija soċjetà pluralista u m'għadx hemm l-istess valuri u prinċipji li jservu ta' pedament għal kull soċjetà.

Dan aħna importanti nagħrfuh u nifthu għajnejna għal dak li qed jiġri biex nifhmu għaliex qed jiġri hekk. F'dan kollu, il-Knisja, waqt li tagħraf li d-dinja nbidlet u l-istili ta' ħajjitna nbidlu ħafna minn kif kienu fl-antik, xorta

tibqa' żżomm il-viżjoni tal-familja li importanti tkun mibnija fuq iż-żwieġ u li ż-żwieġ huwa sagrament bejn raġel u mara. Importanti nkunu nafu għaliex il-Knisja tibqa' temmen f'din il-viżjoni, inkella nispiċċaw aħna wkoll naħsbu li l-Knisja hija antikwata u ma tridx tinbidel.

## Għaliex l-Knisja ssostni li hu importanti li l-familja tkun mibnija fuq iż-żwieġ?

## Għaliex iż-żwieġ għall-Knisja hu sagrament bejn raġel u mara?

## X'qed nagħmlu, aħna bħala nsara, biex waqt li nżommu sħiħ ma' dak li temmen u tgħallem il-Knisja nibqgħu nirrispettaw opinjonijiet differenti f'soċjetà pluralista?

## X'tgħallem il-Knisja dwar l-omosesswalità u l-omosesswali?

Il-Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jagħtina dawl biex nifhmu aħjar x'tifhem il-Knisja bi żwieġ u familja.



Alla, li huwa mħabba u li ħalaq lill-bniedem għax ħabbu, sejjaħlu għall-imħabba. Meta ħalaq lir-raġel u lill-mara, sejħilhom fiż-żwieġ għal komunità intima ta' ħajja u ta' mħabba bejniethom, "għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed" (Mt 19, 6). Meta berikhom, Alla qalilhom: "Nisslu u oktru, u mlew l-art" (Ġen 1, 28).

Ġesu' Kristu mhux biss waqqaf mill-ġdid l-ordni tal-bidu hekk kif riedu Alla, imma jagħti l-grazzja biex il-miżżewġin jgħixu ż-żwieġ tagħhom fid-dinjità ta' sagrament, li huwa s-sinjal tal-imħabba tiegħu ta' għarus għall-Knisja: "Intom irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja" (Ef 5, 25).

Il-familja hija l-ewwel ċellula tas-soċjetà umana u tiġi qabel kull għarfien mill-awtorità pubblika. Il-prinċipji u l-valuri tal-familja jinsġu l-pedament tal-ħajja soċjali. Il-ħajja familjari hi l-bidu tal-mixja lejn il-ħajja fis-soċjetà.

Is-soċjetà għandha d-dmir li tgħin u ssaħħaħ iż-żwieġ u l-familja anki permezz tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Is-setgħat ċivili għandhom dmir serju li jirrispettaw, iħarsu u jiffavorixxu n-natura vera taż-żwieġ u tal-familja, li jiddefendu l-moralità pubblika, id-drittijiet tal-ġenituri u l-qagħda tajba tal-familja.



## NARAW X'TGĦALLIMNA

**A KLIEM IMPORTANTI**

Ikteb sentenza li tfisser fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Xbieha ta' Alla
- Kuxjenza
- Diversità

**B IDEAT PRINĊIPALI**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- X'taħseb mill-frażi 'Ġisimna huwa rigal'?
- X'taħseb li jkun ir-riżultat jekk f'relazzjoni titla' t-taraġ tnejn tnejn?
- Liema huma dawk l-okkażjonijiet li jistgħu jiksru l-armonija f'ħajjitna?

**Ċ AĦSEB B'MOĦĦOK**

Uża dak li tgħallimt biex twieġeb dawn:

- Għalkemm ngħidu li l-ewwel ma tiekol l-għajn, għalfejn ma għandniex nagħtu importanza żejda lid-dehra tal-oħrajn?
- Kieku kellek tikteb manwal għal żgħażagħ li qed jaħsbu biex jidħlu f'relazzjoni intima ma' xi ħadd, xi jkunu l-punti l-aktar ewlenin li tikteb dwarhom?

**D IDDISKUTI D-DAR**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar dan:

- Huwa u ġej lura mill-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Rio De Janeiro, il-Papa Franġisku qal hekk: "*A gay person who is seeking God, who is of good will, well, who am I to judge him?*" Min dak li ddiskutejt fil-klassi u dak li qiegħed jintqal dwar relazzjonijiet bejn persuni ta' orjentazzjoni sesswali differenti, x'taħsbu bħala familja li għandha tkun l-attitudni tagħna?

# Relazzjonijiet



# X'jagħmilni Nisrani?

**ĦEJJI RUĦEK:**

X'inhuma dawk il-kwalitajiet li jagħmluna tassew insara?

Xi tfisser tkun xhud?

**IMMARKA ✓ ĦDEJN IL-KLIEM LI TAF XI JFISSER:**

- [ ] Identità
- [ ] 'Melħ'
- [ ] 'Dawl'
- [ ] Ħniena
- [ ] Martri
- [ ] Qawwa
- [ ] Profeti
- [ ] *Leadership*

4

# It-tfittxija tal-verità

Ir-rwol tar-reliġjon fil-ħajja tal-bniedem u fis-soċjetà kienet u għadha waħda mill-iżjed kwistjonijiet diskussi. L-istorja tal-umanità, l-iżjed fil-Punent, nistgħu ngħidu li kienet influwenzata ħafna mir-reliġjon, l-aktar għaliex l-istess ċiviltà tal-Punent issawret fuq il-valuri kif trasmessi mill-Kristjaneżmu nnifsu. Dawn l-aħħar 400 sena poġġew ir-raġuni tal-bniedem fiċ-ċentru. Il-bniedem beda jsir iktar xjentifiku, beda jfittex il-verità billi jirraġuna, u ma baqax jaċċetta faċilment dak li jirċievi minn tradizzjoni li tkun mgħoddija lilu. Għalhekk ir-rwol ċentrali li r-reliġjon kellha fil-ħajja tal-bniedem u fil-bini tas-soċjetà, bdiet tinbidel u l-bniedem beda jsir anke kritiku tar-reliġjon u tal-verità kif kienet mgħallma mir-reliġjon.

Illum nisimgħu ħafna li jirraġunaw: "*Jiena nemmen f'Alla, nemmen li Ġesù Kristu kien bniedem speċjali, nitlob, naqra l-Iskrittura, imma ma nħossx li għandi nkun parti mill-Knisja.*" Dan ifisser li l-fidi infirdet minn mar-reliġjon. Tkellimna diġà fuq l-awtentiċità, fuq it-tfittxija tal-bniedem sħiħ, fuq x'inhu li jagħmel lill-bniedem komplut. Dan hu kollu importanti. U huwa importanti wkoll li nifhmu x'inhi r-rwol tar-reliġjon f'dan kollu.

Ir-reliġjon lill-bniedem tgħinu jkun bniedem sħiħ? Il-fidi lill-bniedem tirrispettalu l-libertà tiegħu li jaħseb u jirraġuna b'moħħu? Jew forsi l-idea ta' reliġjon li kultant għandna hija idea li lill-bniedem iżżommu qisu tifel żgħir li ma jistax jaħseb b'rasu, li jrid jaċċetta dak kollu li tgħallmu r-reliġjon, li l-verità hija hemm lesta u hu jrid jaċċettaha?

Il-konflitt il-kbir dwar ir-reliġjon fi żmienna hu propju dan: ir-reliġjon u l-fidi jgħinu lill-bniedem jew ixekkluh fit-tfittxija tal-verità? Liema verità qiegħed ifittex il-bniedem? Teżisti l-verità? X'inhi l-verità? Din kienet il-famuża mistoqsija li staqsa Pilatu lil Ġesù waqt li kien jinterrogah qabel bagħtu biex ikun imsallab. Mel Gibson, fil-film *The Passion of the Christ*, jiftaħ għall-immaġinazzjoni tagħna meta jippreżenta din ix-xena. Wara li Pilatu jistaqsi lil Ġesù x'inhi l-verità, hu ma jistenniex tweġiba imma jidħol ġewwa. Il-Vanġelu jieqaf hemm. Imma Mel Gibson fil-film ikompli biċċa. Pilatu meta jidħol ġewwa jagħmel l-istess mistoqsija lil martu Claudia: "x'inhi l-verità?" Claudia twieġbu: "jekk il-verità ma tismagħhiex, ma nistax ngħidielek."




Il-Ġudizzju Universali, affresk li jinstab fil-koppla tal-Bażilika Santa Maria del Fiore f'Firenze. Dan inbeda minn Giorgio Vasari u tkompli minn Federico Zuccaro.

Għax il-verità mhijiex biss il-verità tad-duttrina li tgħallimna l-Knisja. Il-bniedem irid jitgħallem anke jisma' lilu nnifsu. Kultant nisimgħu ħafna storbju u ilħna u vuċijiet, u m'aħniex kapaċi nieqfu u nisimgħu lilna nfusna, dak li jkun għaddej ġewwa, fil-fond tal-qalb tagħna, fl-intimità tal-kuxjenza tagħna. Ir-reliġjon mhijiex biss li tmur il-Knisja, li tieħu sehem fil-liturġija u fis-sagramenti. Ir-reliġjon jekk ma tgħinx lill-bniedem biex jidħol fih innifsu, biex jiltaqa' miegħu innifsu, biex jikber fil-fidi li hija qabel kollox relazzjoni personali ma' Alla li huwa l-Ħallieq, allura r-reliġjon faċli ssir toqol u xkiel. Faċli ssir aljenazzjoni.

Ħafna llum jistaqsu: "Kristu għalfejn waqqaf il-Knisja? Għad għandna bżonnha l-Knisja f'ħajjitna?" Hemm ħafna nies tajbin li qatt ma kienu parti mill-Knisja jew kienu fil-Knisja u llum m'għadhomx. Allura x'differenza tagħmel il-Knisja fil-ħajja tan-nies? Sikwit anke nisimgħu ħafna kritika lejn il-Knisja. Għal uħud hija xi ħaġa antikwata, oħrajn japprezzawha f'ħajjithom u lesti jisimgħuha dejjem, imma oħrajn, waqt li jirrispettawha u jħobbuha, jistennew li timxi iktar maż-żmien li aħna fih. Fis-seklu l-ieħor, bejn il-1962 u l-1965, fil-Knisja Kattolika sar Konċilju, il-Konċilju Vatikan it-Tieni. Kien il-21 Konċilju tul l-istorja tal-Knisja. Il-Konċilji li saru qabel tista' tgħid kollha kienu msejħa biex isolvu xi problema jew kriżi li l-Knisja kienet qed tiffaċċja. Kienu Konċilji li saru biex jaffermaw xi duttrina tal-Knisja, jew biex jikkoreġu xi ereżija. Imma l-Konċilju Vatikan it-Tieni kien differenti ħafna. Kien il-Papa Ġwanni XXIII li sejħu. Meta ħabbar li se jagħmel Konċilju kien ħasad ħafna nies għax ma kinux stennewha minnu billi kien Papa ta' 78 sena. Imma ried isejjaħ Konċilju għax kien iħoss bħal ħafna oħrajn li d-dinja kienet inbidlet ħafna u kien hemm bżonn li l-Knisja tifhem aħjar kif tista' tibqa' twassal il-messaġġ ta' Ġesù b'mod li jiftiehem għall-bniedem modern.

Waħda mill-ħafna affarijiet sbieħ li qal il-Konċilju kienet li Ġesù Kristu huwa ċ-ċavetta biex il-bniedem modern jifhem lilu nnifsu u jiskopri l-verità dwaru nnifsu. Hemm misteru fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna, u għandna bżonn ċavetta biex dak il-misteru jinfetaħ u niskopru l-verità dwarna nfusna. Din hija l-mixja li suppost il-fidi tpoġġi quddiemna biex matulha nagħrfu nikkonnettjaw magħna nfusna, mal-oħrajn, u hekk niskopru anke Alla x'post jista' jkollu f'ħajjitna.

Ħaġa oħra importanti li ħarġet minn dan il-Konċilju kienet l-attitudni ġdida li biha l-Knisja bdiet tħares lejn id-dinja u lejn ir-reliġjonijiet differenti li jeżistu fid-dinja. Il-Konċilju għaraf li anke fir-reliġjonijiet l-oħra, li wħud minnhom huma differenti ħafna minn dik kattolika, hemm elementi tal-verità. F'kelma waħda l-Konċilju poġġa lill-Knisja f'mixja waħda mal-umanità fit-tfittxija tal-verità.

# Identità

**Il-Konċilju Vatikan it-Tieni ħejja t-triq biex il-Knisja tiġġedded u tirriforma ruħha biex tkun tista' twassal il-messaġġ tal-Vanġelu b'mod iżjed li jiftiehem mill-bniedem tal-lum. Kien hemm ħafna affarijiet li kellhom bżonn jinbidlu u jiġu adattati biex f'dinja li nbidlet u li kienet qed tinbidel ħafna, il-Knisja ma tkunx barra minn żmienha. Fl-istess ħin, il-Konċilju ried jiffoka fuq x'inhi l-identità tan-Nisrani fid-dinja moderna. Xi tfisser tkun Nisrani? X'jitlob mill-bniedem illum l-impenn tal-ħajja nisranija? F'dinja li saret iżgħar minħabba komunikazzjoni iktar mgħaġġla u moderna, u allura f'dinja fejn ir-reliġjonijiet differenti resqu iżjed lejn xulxin, in-Nisrani x'jagħmlu Nisrani?**

Qabel xejn il-Konċilju ppropona attitudni ġdida għan-Nisrani fid-dinja tal-lum. Jekk qabel il-Knisja kellha attitudni ta' kundanna lejn id-dinja moderna kif ukoll lejn id-diversità ta' reliġjonijiet u twemmin li jeżisti, issa l-Knisja ta' Ġwanni XXIII bdiet tħoss il-ħtieġa li tiftaħ it-twieqi tagħha fuq id-dinja u lejn reliġjonijiet oħra biex tkun Knisja ta' 'djalogu'. Il-Konċilju għaraf il-ħtieġa ta' djalogu bis-serjetà ma' dawk l-insara li mhumiex kattoliċi, ma' dawk li jemmnu u jħaddnu reliġjonijiet oħra, dawk li mhumiex insara u allura ma jagħrfux lil Ġesù Kristu kif nagħrfuh aħna, kif ukoll ma' dawk li ma jemmnux. Il-Konċilju fehem li l-Knisja li waqqaf Ġesù fid-dinja għandha tkun Knisja li twassal il-ħniena ta' Alla u mhux il-kundanna.

Ħafna drabi, meta nitkellmu fuq il-fidi u fuq il-ħajja nisranija, aħna malajr nitkellmu fuq l-għaxar kmandamenti għaliex huma l-liġi li ġejja minn Alla u rridu nobduha. Ftit li xejn naħsbu li l-għaxar kmandamenti huma anke liġi li tista' tissejjaħ universali. L-għaxar kmandamenti, magħrufa wkoll bħala d-Dekalogu, huma sett ta' prinċipji bibliċi li kellhom u għad għandhom rwol importanti ħafna fil-Ġudaiżmu, fil-Kristjaneżmu, u fl-Iżlam. Fil-Bibbja fil-fatt naqraw fil-Ktieb tal-Eżodu meta Alla fuq il-muntanja Sinaj ta dawn il-liġijiet lil Mosè biex iservu ta' gwida għall-ħajja tal-poplu t'Alla.

Imma meta nitkellmu fuq il-Kristjaneżmu, ma nistgħux nieqfu biss fuq l-għaxar kmandamenti, għalkemm dawn jibqgħu dejjem importanti fil-ħajja ta' kull bniedem. Il-Vanġelu ta' San Mattew jippreżenta lil Ġesù qisu kien Mosè ġdid li tela' fuq il-muntanja u tkellem fuq il-liġi li n-Nisrani għandu jkollu f'qalbu. Dan hu dak li aħna nafuh bħala d-Diskors tal-Muntanja. Fih Ġesù jitkellem fuq il-liġi l-ġdida, fuq l-importanza li nkunu awtentiċi u sinċieri fil-mod kif ngħixu ħajjitna. Ġesù għal ħafna drabi jisħaq: "Smajtu x'intqal fl-antik, imma jien ngħidilkom..."



**Fittex**

Il-Konċilju Vatikan II huwa avveniment importanti ħafna għall-Knisja. Fittex ftit x'kien eżattament, meta beda u min ħa sehem fih. Kien konċilju bħall-oħrajn jew kellu xi ħaġa differenti?

"Kif ra l-folol, Ġesù tala' fuq l-għolja, qagħad bilqiegħda, u resqu lejh id-dixxipli tiegħu. Fetaħ fommu u qabad jgħallimhom u jgħid:

**Hejin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.**

**Henjin l-imnikkta, għax huma jkunu mfarrġa.**

**Henjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b'wirthom l-art.**

**Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin.**

**Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena.**

**Henjin dawk li huma safja f'qalbhom għax huma jaraw 'l Alla.**

**Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla.**

**Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.**

Henjin intom, meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom minħabba fija. Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet. Hekk kienu jippersegwitawkom lill-profeti li kienu qabilkom."



Kieku kellna neżaminaw il-ħajja tagħna nisranija fuq l-għaxar kmandamenti, faċli ħafna b'xi ftit eċċezzjonijiet li ngħaddu mill-eżami! Għax ħafna drabi l-liġi tgħidlek x'inhu dak li m'għandikx tagħmel. Il-liġi dejjem titlob l-inqas minn għandna: tidgħix, tadurax allat foloz, toqtolx, tiżnix, tisraqx, tigdibx. Ġesù kull meta qal "imma jien ngħidilkom" jagħtina dik li San Pawl isejħilha l-liġi tal-Ispirtu, liġi mhux miktuba fuq twavel tal-ġebel kif kienet dik ta' Mosè, imma liġi miktuba fil-qalb, li nġorru ġo fina. Din hija l-liġi li diġà kienu tkellmu fuqha ħafna mill-Profeti fit-Testment il-Qadim. Hija l-liġi li aħna nħossu ġo fina, il-kuxjenza, il-vuċi tal-Ispirtu li tiggwidana. Din hija liġi li mhux biss tgħidilna x'inhu li m'għandnix nagħmlu, imma li turina dawk il-virtujiet li lilna jagħmluna bnedmin sħaħ. Hija l-liġi l-ġdida tal-Ispirtu biex inkunu nies foqra fl-ispirtu, nies ta' qalbhom ħelwa, nies bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, nies li kapaċi jħennu, nies safja fil-qalb, nies li jġibu l-paċi. Ġesù lil dawn isejħilhom "henjin". U magħhom iżid lil dawk li huma imnikkta, u dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa. Dawn huma l-Beatitudnijiet. Ħafna jqisuhom bħala l-programm ta' ħajja ta' kull nisrani dixxiplu ta' Ġesù. Dawn ifasslu l-identità ta' kull Nisrani.

# Kontra l-kurrent



Id-diskors tal-muntanja jpoġġi sfida kbira lil kull min jixtieq ikun dixxiplu ta' Ġesù. Ġesù kien jaf li quddiemu meta kien ikellem il-folol, kien hemm nies li kellhom ir-reliġjon għal qalbhom imma kienu kuntenti biss li jagħmlu dak li tgħid il-liġi minn barra, għal għajnejn in-nies, biex jidhru li huma tajbin. Kienu jitolbu, isumu, josservaw il-liġijiet kollha, imma mbagħad ma kinux isibuha diffiċli xejn jiġġudikaw, ipaċpċu fuq l-oħrajn, jagħmlu l-inġustizzji ma' min ma kienx bħalhom u ma' min fis-soċjetà ta' dak iż-żmien kien dgħajjef u ma kellu ebda dinjità, bħall-morda, il-midinbin, u l-pubblikani. Din għal Ġesù kienet reliġjon falza. Dan hu l-kuntrast qawwi li Ġesù joħroġ bejn il-liġi antika u l-liġi l-ġdida. L-akkuża l-kbira li l-Lhud dejjem ġabu kontra Ġesù fil-fatt kienet li kien jagħmilha ma' dawn in-nies u li kien ifejjaq anke nhar ta' Sibt meta għalihom ħadd ma kien jista' jagħmel xejn lanqas il-ġid.

Għal Ġesù din kienet reliġjon falza, li ma twassalx biex il-bniedem jagħraf lil Alla tassew. Ġesù ma riedx reliġjon ta' liġijiet li ġġib jasar fil-ħajja tan-nies u li tħares lejn Alla bħallikieku kien bla qalb. Ġesù kien il-wiċċ uman ta' Alla l-Missier, u ried li n-nies tagħraf u tqim lil Alla bil-qalb u fil-qalb. Għalhekk Ġesù fid-diskors tal-muntanja jgħid kliem bħal :

"U meta titolbu, tkunux bħal dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawk iħobbu joqogħdu jitolbu bilwieqfa fis-sinagogi u f'salib it-toroq, biex jidhru quddiem in-nies. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom diġà ħaduh. Iżda int, meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu" (Mt 6, 5-6).

Ġesù lid-dixxipli tiegħu riedhom ikunu fis-soċjetà 'melħ tal-art' u 'dawl tad-dinja'. Jgħidilhom li belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba. "Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt is-siegħ, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem


Mużajk ta' Fr Marko Ivan Rupnik li jinsab fil-knisja ta' Santa Marija Omm tal-Knisja, f'Saragoza fi Spanja

il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet." (Mt 5, 13-16). Din hi sfida ċara min-naħa ta' Ġesù biex in-nies ma jgħixux reliġjon falza imma reliġjon ta' vera, tal-qalb.

Din l-isfida kienu diġa għamluha ħafna Profeti fit-Testment il-Qadim. Imma l-poplu baqa' ma semax. Ġesù jerġa' jagħmilha lil-Lhud ta' żmienu. Kien hemm ħafna li semgħuh, emmnu fih u saru dixxiplu tiegħu, saħansitra appostli. Dawn tant emmnu f'Ġesù u fil-kelma tiegħu li taw ħajjithom għalih u saru lkoll martri. Il-kelma 'martri' ġejja mill-Grieg u tfisser 'xhieda'. Jiġifieri taw xhieda għalih billi taw ħajjithom. L-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu hu mimli b'dawn ix-xhieda.

Imma mbagħad kien hemm ħafna oħrajn li quddiem l-isfida ta' Ġesù tfixklu. Sabuha diffiċli biex jaċċettaw dak li kien qed jgħid Ġesù għax għalihom ir-reliġjon kif tgħallmuha u kif kienu jgħixuha kienet kollox. Dawn lil Ġesù kienu jisimgħuh biex jaraw kif jonsbuh. Kienu jissuspettaw fih. Kienu jemmnu li Ġesù kien se jeqirdilhom ir-reliġjon li kienet il-pedament tal-identità tagħhom bħala Lhud.

Meta Marija u Ġużeppi ppreżentaw lil Ġesù fit-Tempju, Xmun il-Profeta qalilhom: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh" (Lq 2, 34). Ġesù kien tassew sinjal li jmeruh, jew aħjar, sinjal ta' kontradizzjoni. Anke n-nisrani hu msejjaħ biex bħal Ġesù jkun sinjal li jmeruh. Bħal Ġesù n-nisrani ħafna drabi ma jistax jimxi mal-kurrent, jagħmel kif jagħmel kulħadd. Tmur kontra l-kurrent tfisser li tagħmel għażliet li minħabba fihom mhux se jifhmuk u saħansitra jwarrbuk, jew jaħsbu li inti stramb.

In-nisrani huwa msejjaħ l-ewwel u qabel kollox biex jagħmel differenza fid-dinja, biex iġib it-tama fejn mhemmx, biex iwassal id-dawl fejn hemm id-dlam, biex iqawwi l-qalb fejn hemm il-qtigħ-il qalb. Biex jagħmel dan irid ikun sod, irid ikollu fidi ħajja li tagħtih qawwa speċjali. Ma jistax ikun qasba tixxejjer mar-riħ. Ma jistax ikun pinnur, illum jemmen ħaġa u għada jemmen oħra. Ma jistax ikun dgħajjef b'mod li jdur malajr fl-opinjonijiet tiegħu għax irid ikun dejjem aċċettat miċ-ċrieki tal-ħbieb. Irid ikun lest li jmur kontra l-kurrent, kontra l-pressjoni kultant anke ta' x'jaħsbu dawk ta' madwaru. Irid ikun kapaċi jgħid le fejn hemm bżonn jgħid le, u iva fejn hemm bżonn jgħid iva.

Dan ma jfissirx li n-Nisrani jrid ikun stramb, dejjem kontra kulħadd. Ifisser biss li n-Nisrani, għax jemmen f'Ġesù, se jħalli l-Ispirtu li Ġesù stess tana, imexxih fl-għażliet tiegħu fil-ħajja ta' kuljum. Hu iktar faċli u komdu li fl-għażliet tagħna nagħmlu dak li jaqblilna. Ikun iktar faċli li nimxu mal-kurrent u hekk inkunu dejjem aċċettati mill-oħrajn. Imma mhux bilfors hu l-aħjar għalina. Ġesù jrid l-aħjar għalina. Allura jisfidana biex ma nintelqux, inqumu min-ngħas, biex inkunu kapaċi nieqfu quddiem l-inġustizzja, id-diskriminazzjoni u dak kollu li hu ħażin. Ġesù jridna nkunu nies ta' karattru u b'valuri sodi.

Ġesù li nemmnu fih aħna, ta ħajtu għall-oħrajn u għad-dinja. Kien ikun qrib ħafna tal-batut u tal-marid. Kien jaċċetta madwaru n-nies midinba u hekk jurihom li Alla jħobbhom u lest li jaċċettahom lura. L-ikbar ġest ta' mħabba ta' Ġesù kien li ħafer lil min kien qed jagħmillu d-deni, u għax ried hu u b'libertà kbira, huwa offra ħajtu fuq is-salib sabiex bil-mewt tiegħu jsalva lill-bniedem.

# Ġesù kien mexxej

Ġesù kien leader mhux għax kien jikkmanda u kellu l-poter. Kien leader għax kien ir-Ragħaj it-Tajjeb li ta ħajtu għall-merħla tiegħu. Il-poplu Lhudi tul l-istorja tiegħu fl-Antik Testment kollu, kellu ħafna tipi ta' mexxejja. Kellu lil Abraham, lil Mosè, lil Ġożwè, lil David u lil ħafna Profeti. Dawn kollha mexxew b'xi mod jew ieħor lill-poplu t'Alla biex jagħraf lil Alla veru imma qabel xejn biex ma jibqax ifittex u jadura allat foloz.

Fit-Testment il-Qadim il-poplu Lhudi kien imdawwar b'ħafna popli oħra li kienu jqimu ħafna allat differenti. Anke l-istess poplu Lhudi kellu l-allat tiegħu. Imma sa minn dak inhar li Abraham kien imsejjaħ minn Alla u Alla beda jkellmu, bdiet il-mixja tal-poplu Lhudi bħala l-poplu ta' Alla, mixja li kellha twasslu biex jagħraf min hu Alla u li kien Alla tassew għax daħal fil-ħajja tal-poplu tiegħu biex isalvah.

It-tixbiha ta' Alla li jmexxi l-poplu tiegħu bħal ragħaj hi komuni ħafna fit-Testment il-Qadim. Għax Alla qatt ma ried imexxi l-poplu b'id tal-ħadid, imma b'ħafna ħniena u mħabba. Għalhekk naqraw ħafna stejjer dwar rejiet u slaten li mhux dejjem baqgħu fidili għas-sejħa ta' Alla u għamlu ta' rashom meta mexxew ħażin lill-poplu. Imma f'dan kollu Alla dejjem baqa' juri lilu nnifsu bħala Alla ta' mħabba u ħniena. Ġesù kien mhux biss



mexxej jew profeta, imma kien Alla nnifsu li sar bniedem biex jagħti ħajtu għall-bnedmin u jsalvahom. Għalhekk f'Ġesù tidher ċara x-xbieha ta' Alla bħala ragħaj li jħalli d-99 biex imur ifittex il-waħda li ntilfet. Fil-Vanġelu ta' San Mark naqraw meta darba Ġesù mar mad-dixxipli bid-dgħajsa lejn post imwarrab għax kienu għajjenin, imma: "X'ħin niżel mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom, għax kienu qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj, u qabad jgħallimhom ħafna ħwejjeġ" (Mk 6, 34).

Il-poplu Lhudi fi żmien Ġesù kellu l-qassisin u l-kapijiet tar-reliġjon tiegħu, imma dawn kienu jmexxuhom bil-liġi u Ġesù kien jagħmilha ċara ħafna li r-reliġjon fil-ħajja tal-bniedem qiegħda biex issalvah u mhux biex tjassru iżjed. Meta fil-Vanġelu ta' San Ġwann naqraw kif lil Ġesù ħadulu quddiemu waħda mara li skont il-liġi tagħhom suppost kellhom iħaġġruha għal dak li kienet għamlet, Ġesù wriehom triq differenti. Anke meta f'jum is-Sibt kien fit-Tempju u mar wieħed marid quddiemu, Ġesù fejqu minkejja li huma ma riduhx ifejqu għax kien is-Sibt u ma kienx suppost. L-isfida ta' Ġesù lill-poplu Lhudi kienet li jindunaw li r-reliġjon isservi biex lill-bniedem twasslu jagħraf lil Alla.

Din l-istess sfida Ġesù jibqa' jagħmilha f'kull żmien, u għadu jagħmilha anke lilna llum. Hija l-isfida biex lil Alla nħalluh jidher f'dak li nagħmlu u kif inġibu ruħna mal-oħrajn. Ġesù qatt ma ried jimponi xejn. Il-liġi għalih kienet importanti wkoll, imma kien hemm affarijiet oħra li kienu importanti iktar bħalma huma l-ħniena, l-imħabba, it-tolleranza, is-solidarjetà u l-ospitalità. Li neskludu lil xi ħadd f'isem ir-



reliġjon minħabba d-dnub, il-kulur, l-orjentazzjoni sesswali, it-twemmin, imur kontra dak li jrid Alla. Hemmhekk ir-reliġjon titlef it-tifsira vera tagħha. Il-poplu Lhudi fit-Testment il-Qadim kien jaf li kien il-poplu magħżul ta' Alla imma din kienet xi ħaġa li l-poplu użaha biex jiddomina jew jimponi fuq popli oħra.

Din it-tentazzjoni tal-poplu l-Profeti dejjem iġġilduha. Dan narawh meta l-poplu Lhudi kien ħiereġ mill-Eżilju ta' Babel u kellu tentazzjoni kbira li jarma ruħu sew biex jiġġieled u jirbaħ popli oħra f'isem Alla. Il-Profeta Iżaija wissa li dan mhux il-mod kif Alla juri ruħu. Iżaija diġà minn daqshekk kmieni jitkellem fuq mexxej li mhuwiex ta' poter, imma fuq qaddej imżeblaħ.

"Araw il-qaddej tiegħi, li jiena nwieżen, il-maħtur tiegħi li fih qalbi strieħet! Ma jgħajjatx, ma jgħollix leħnu; ma jsemmax leħnu fil-pjazez" (Iż 42, 1-2).

Ġesù wera l-imħabba tiegħu billi ta ħajtu għal dawk li hu kien iħobb. Jien għal xiex lest nagħti ħajti? Kif nista' nagħti ħajti? Xi tfisser illum tagħti ħajtek? Fil-bidu tal-Knisja l-insara kienu jagħtu ħajjithom għax kienu jmutu martri fil-persekuzzjoni. Illum din ma tantx għadha tgħodd għal pajjiżna. Illum ngħixu ħajja komda, għandna ħafna aktar libertà, nagħżlu aħna kif ngħixu. Imma x'inhu dak li jagħti sens lil ħajjitna? Hawn min jaħseb u jemmen li jsib il-kuntentizza għax jgħix għalih innifsu, dejjem moħħu fih innifsu. Kultant infissdu ħafna lilna nfusna u naħsbu li b'hekk se nsalvaw ħajjitna. Imma Ġesù jgħidilna: "Min irid isalva ħajtu jitlifha, imma min jitlef ħajtu minħabba fija jsalvaha".

Xi tfisser titlef ħajtek biex issalvaha? Għaliex Ġesù jistedinna biex immutu għalina nfusna? Tajjeb li nieqfu ftit waħedna u nistaqsu lilna nfusna: Għal xiex lesti li 'mmutu'? X'inhuma dawk il-ħwejjeġ li rrid inħalli jmutu ġewwa fija biex tassew inkun dixxiplu ta' Ġesù? Xi jfisser għalija li 'nkun Nisrani veru'? It-tweġiba ta' Ġesù nafuha lkoll: "Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin." (Ġw 13,35)

# In-Nisrani 'melħ' u 'dawl'

In-Nisrani veru hu dak li qed jistinka biex ikun dixxiplu dejjem aħjar ta' Ġesù. Bħal Ġesù hu msejjaħ biex ikun b'saħħtu biżżejjed biex imur kontra l-kurrent, biex ma jibżax meta jmeruh, biex ma joqgħodx lura milli juri u jgħix dak li jemmen fih. Matul iż-żmien ħafna kienu dawk li f'ħajjithom fittxew li jimxu kontra l-kurrent biex jagħmlu dak li hu sewwa u jagħtu xhieda għall-verità. Ħafna kienu li mietu martri fl-ewwel żminijiet tal-Knisja fi żmien il-persekuzzjonijiet. Fosthom insibu qaddisin kbar li marru kontra l-kurrent bħal San Benedittu, San Franġisk t'Assisi, Santa Katerina ta' Siena, Santa Tereża ta' Avila, San Ġwann tas-Salib, San Tumas More u San Ġwann Fisher. Din l-istorja ta' nies li kienu kapaċi jmorru kontra l-kurrent, kontra l-kultura ta' żmienhom, u anke kontra l-poter politiku, hija storja twila ħafna. Hija l-istorja li fiha Ġesù jibqa' juri ruħu rebbieħ, għax f'dawn in-nies jibqa' jidher b'mod ħaj il-qawmien ta' Ġesù mill-mewt. Din hija r-rebħa tal-fidi tagħna.

Għalhekk aħna niċċelebraw il-festi tal-qaddisin, għaliex fihom, li kienu nies tad-demm u l-laħam bħalna, il-fidi kienet qawwa speċjali. Tilfu ħajjithom, imma b'dan il-mod salvawha.

Il-qaddisin huma mudelli għalina għaliex meta nħarsu lejhom u naraw il-fedeltà li kellhom fit-twemmin tagħhom, iqawwulna qalbna. Meta nistaqsu 'X'jagħmilni Nisrani?', it-tweġiba tagħna ma tistax tkun biss 'għax jien mgħammed'; 'għax għamilt il-Griżma tal-Isqof' jew 'għax immur il-quddies nhar ta' Ħadd'. Dawn huma importanti ħafna imma dak li jagħmilni Nisrani huwa l-mod kif jien ngħix dak li nemmen. Kemm jien kapaċi mmut għalija nnifsi meta, minkejja li m'għandix aptit, ngħin lil min hu fil-bżonn? Kapaċi bil-kelma t-tajba nikkonvinċi lil sħabi li mhux sew li neskludu lil xi ħadd għal xi raġuni, tkun xi tkun? Kemm lest li ma noqgħodx kwiet u silenzjuż biex ningħoġob fejn hemm bżonn nitkellem ċar dwar dak li hu tajjeb jew ħażin. Ħafna kienu n-nies li għaddew minn tbatijiet u abbużi sempliċiment għax ma beżgħux juru jew jistqarru dak li jemmnu fih. Dawn urew qawwa kbira, kienu xhieda ta' spirtu qawwi ġo fihom li wassalhom biex iġġieldu l-inġustizzja, id-diskriminazzjoni, ir-razziżmu, u l-preġudizzji soċjali u kulturali. Dawn in-nies, li kienu ħafna, kienu 'melħ' u 'dawl' fi żmienhom u għalina huma bħal fanali li fid-dlam juruna t-triq 'il quddiem. Il-qawwa tagħhom tagħmlilna kuraġġ biex ma nintelqux u nifhmu li fid-dinja nistgħu nagħmlu differenza. Fuq kollox nindunaw li l-fidi tagħna f'Ġesù tagħmel sens jekk tkun



**Fittex**

Illum ukoll ħafna jagħtu ħajjithom u jgħixu l-ħajja nisranija bix-xhieda li jagħtu u kif iġibu ruħhom fil-ħajja tagħhom. Fittex dwar nies li f'dawn l-aħħar żminijiet għexu jew qegħdin jgħixu bħala 'melħ' u 'dawl' għall-oħrajn.



tidher mill-frott tagħha. Kif jgħid Ġesù stess fil-Vanġelu, hu mill-frott li nagħmlu li nintgħarfu.

San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-Galatin jitkellem fuq il-frott tal-Ispirtu fina u l-kuntrast bejn dan il-frott u meta aħna nimxu skont il-ġisem. **"Il-frott tal-Ispirtu huma: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan".** (Gal 5, 22)

Dawn huma l-attitudnijiet it-tajba li fid-dinja jridu jirbħu l-ħażen madwarna. M'hemmx dubju li l-ħażen jeżisti u l-ikbar rebħa li jista' jkollu hi propju meta t-tajbin ma jagħmlu xejn. L-eżistenza tal-ħażen fil-fatt hija waħda mill-problemi l-kbar għalina u għall-fidi tagħna. Għaliex jeżisti l-ħażen hija waħda mill-mistoqsijiet il-kbar li l-umanità ħabbtet wiċċha magħhom.

Fir-rakkont tal-ħolqien fil-Ktieb tal-Ġenesi nsibu li Alla, meta ħalaq id-dinja b'kulma fiha u lill-bniedem, "ħares lejn kulma kien għamel, u, ara, kollox kien tajjeb ħafna" (Ġen 1, 31). Ħafna kienu dawk matul l-istorja li staqsew jekk il-ħażen ħalqux Alla jew, jekk ma ħalqux Alla, għaliex allura jeżisti. Ħafna min-naħa l-oħra jistaqsu għaliex Alla qisu jibqa' sieket quddiem il-ħażen fid-dinja u l-ħażen tal-bniedem.

Jekk Alla hu tajjeb, għaliex jeżisti l-ħażen fid-dinja u fil-ħajja tal-bniedem?

Għaliex jiġru affarijiet ħżiena lil min hu tajjeb?

Għaliex tant nies innoċenti jbatu?

Jekk nemmnu li Alla jista' kollox u jieħu ħsieb kulħadd, għaliex iħalli tant affarijiet ħżiena jiġru?

Dawn huma mistoqsijiet kbar li kultant anke bil-fidi ma nsibux tweġiba għalihom u tibqa' l-aktar prova u tentazzjoni għall-fidi tagħna. Fil-Vanġelu anke Ġesù kien iffaċċjat b'mistoqsijiet bħal dawn dwar il-ħażen. Fi żmienu kien hemm il-mentalità li l-ħażen hu kastig tad-dnub.

**"Kif kien għaddej lemaħ raġel agħma minn twelidu, u d-dixxipli tiegħu staqsewh: Rabbi, dan twieled agħma għax dineb hu stess, jew għax dinbu l-ġenituri tiegħu?"** (Ġw 9, 1-3)

Ġesù din ma aċċettahiex għax Alla li nemmnu fih aħna mhuwiex Alla li jikkastiga l-midneb. Darba lil Ġesù staqsewh dwar it-tmintax-il ruħ li mietu wara li waqa' fuqhom it-torri ta' Silwam. Għal dan Ġesù jwieġeb bl-aktar mod ċar.

**"Taħsbu intom li kienu iżjed ħatja min-nies l-oħra ta' Ġerusalemm!"** (Lq 13, 4)

In-Nisrani m'għandux tweġiba għal kollox. Ġesù stess tnikket għall-mewt tal-ħabib tiegħu Lazzru. Iddispjaċih fl-aħħar ċena meta ra lil Ġuda diġà deċiż dwar il-pjanijiet tiegħu. Meta kien fil-ġnien tal-Ġetsemani ħass t-toqol tal-kalċi tat-tbatija li kien se jgħaddi minnu. F'dawn iċ-ċirkustanzi Ġesù dar lejn il-Missier. It-tweġiba tiegħu kienet fiduċja sħiħa fil-Missier. In-Nisrani li jrid ikun melħ u dawl fid-dinja, iktar milli tweġiba għal kollox, irid ikollu l-qawwa ġo fih li tiġi mill-fiduċja sħiħa tiegħu fil-Missier. Hija din ir-rabta ma' Alla, l-ispiritwalità tagħna, li tgħinna biex quddiem il-ħażen, quddiem it-tentazzjonijiet, quddiem l-isfidi ma nċedux imma nibqgħu nżommu sod fil-fidi. Hekk inkunu xhieda vera ta' Ġesù li qam mill-mewt u rebaħ fuq kull ħażen. Ġesù għadu ħaj f'dawk kollha li jemmnu fih u huma xhieda ħajja tiegħu fid-dinja.

# B'qawwa ġdida



## Idħol fil-fond

Aqra l-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws (Lq 24, 13-35). Aħna wkoll ngħaddu minn żmien fejn naqtgħu qalbna u nersqu 'l bogħod minn Alla. F'mumenti bħal dawn x'jgħinek biex terġa tinduna li Ġesù fil-fatt miexi miegħek u mhux telqek għal riħek.

'*Stand up and be counted!*' Din hija frażi li sikwit nisimgħuha. Hija sfida biex ma nintelqux mal-kurrent, biex inkunu kapaċi ngħollu leħinna fejn ma naqblux u ma nħallux kollox għaddej. Din hi sejħa biex nieqfu lill-ħażen u nieqfu quddiem l-inġustizzja u d-diskriminazzjoni. Fi ftit kliem biex il-ħażin ngħidulu ħażin u t-tajjeb ngħidulu tajjeb. Il-Profeta Iżaija fil-Bibbja jagħmel twissija li għadha tagħmel ħafna sens anke fi żmienna.

**"Gwaj għal dawk li jsejħu tajjeb il-ħażin, u ħażin it-tajjeb; u jibdlu d-dlam mad-dawl, li jibdlu l-morr mal-ħelu, u l-ħelu mal-morr."** (Iż 5, 20)

Ġesù fil-Vanġelu juri kif id-dixxiplu tiegħu hu msejjaħ biex jgħix fid-dinja imma ma jkunx tad-dinja. Tista' tinstema bħala kontradizzjoni imma Ġesù wegħedna li se jkun magħna dejjem biex jakkumpanjana. Bħala nies li qed ngħixu fid-dinja, aħna nixbhu ħafna lil dawk iż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws li naqraw dwarhom fil-Vanġelu ta' San Luqa. Tajjeb nagħtu ħarsa lejn din l-istorja tagħhom u nisimgħu dan ir-rakkont li kien tant importanti għall-ewwel insara u li għadu tant importanti għalina llum.

Dan ir-rakkont juri tnejn li kienu dixxipli ta' Ġesù u li kienu emmnu fih. Imma dak li kien ġara meta lil Ġesù arrestawh u qatluh, kien sewdilhom qalbhom għall-aħħar. Wara li kienu għaddew xi ġranet u ma ġara xejn, qatgħu qalbhom u ddeċidew li jerġgħu lura lejn ir-raħal mnejn kienu, Għemmaws. Imma Ġesù jitfaċċa f'ħajjithom f'dan il-mument meta kienu qalbhom sewda u maqtugħa, u mingħajr ma ċanfarhom jew meriehom, mexa magħhom safejn kienu sejrin. Matul it-triq qagħad jitkellem magħhom fuq x'kien hemm miktub dwaru fil-Bibbja. Huma qagħdu jisimgħuh, imma m'għarfuhx. Għarfuh biss meta daħlu d-dar fejn kienu joqogħdu u, waqt li kienu mal-mejda, Ġesù qabad il-ħobż, radd il-ħajr, qasmu u tahulhom. Meta għarfuh, in-niket tagħhom spiċċa u l-qtigħ-il qalb inbidel f'kuraġġ. Qamu u reġgħu lura lejn Ġerusalemm biex jirrakkuntaw lill-Appostli u lill-oħrajn x'kien ġralhom.

Din is-silta mill-Atti tal-Appostli turina li l-Kelma t'Alla u l-Ewkaristija huma ż-żewġ pilastri li fuqhom hija mibnija l-ħajja tan-Nisrani u l-Knisja.

**"U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-Appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb."** (Atti 2, 42)

**"Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom, ibigħu ġidhom u kulma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skont il-ħtieġa ta' kull wieħed. U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja; u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom."** (Atti 2, 44-47)

Ix-xhieda tal-ewwel insara kienet xhieda ta' awtentiċità u ta' mħabba, l-aktar għal dawk li kienu morda, fqar jew batuti. Imma ċ-ċentru ta' kollox fil-komunità kienet il-Kelma t'Alla li biha kienu jitolbu u jfaħħru lil Alla, u l-Ewkaristija li biha kienu jiċċelebraw li Ġesù Kristu kien għadu ħaj preżenti f'nofshom. Dik kienet il-Knisja tal-bidu. Il-qawwa speċjali li l-insara kienu juru fix-xhieda tagħhom kienet ġejja mill-preżenza ħajja ta' Ġesù li huma kienu jxandru.

Illum irridu nistaqsu jekk din il-qawwa speċjali għadhiex tidher u tinħass fid-dinja tagħna. Għaddew elfejn sena minn dik l-esperjenza tal-ewwel Knisja. Matul dawn l-elfejn sena l-Knisja ġieli kienet b'saħħitha u ġieli kienet dgħajfa, ġieli wasslet xhieda ta' qawwa li Kristu veru għadu ħaj fid-dinja u ġieli ċediet għall-kompromessi mad-dinja. Imma li hu żgur hu li matul dawn l-elfejn sena kienu ħafna dawk in-nies li taw xhieda ta' dik l-istess qawwa speċjali li kienet twassal lill-ewwel insara biex jagħtu ħajjithom u jieħdu l-martirju. Jekk il-poplu t'Alla fit-Testment il-Qadim kellu l-profeti biex ifakkruh u juruh it-triq lura lejn il-Mulej kull darba li jkun tbiegħed minn dak li l-Mulej ried, il-Knisja wkoll kellha ħafna nies li kienu profeti. Bil-qawwa speċjali tagħhom huma taw xhieda f'kull żmien li Ġesù tassew kellu raġun u li l-Vanġelu tiegħu hu veru l-aħbar it-tajba li twasslu biex tassew ikun bniedem sħiħ.

Dawn in-nies għarfu jkunu profeti fi żmienhom sew fil-politika kif ukoll fir-reliġjonijiet tagħhom. Kienu viżjonarji, jiġifieri ħadmu biex kemm il-politika kif ukoll ir-reliġjon ikunu għodda għall-bini ta' soċjetà iktar umana. Fil-11 ta' April 1963 il-Papa Ġwanni XXIII kien ħareġ Ittra, *Pacem in Terris* (Paċi fl-Art), li fiha semma punti li għamluha waħda mill-iktar ittri importanti għal dak iż-żmien kif ukoll għal żmienna. Fi żmien il-Papa Ġwanni XXIII id-dinja kienet għadha mhedda mill-gwerer, mit-tellieqa għall-armamenti, mill-firdiet fl-Ewropa bejn il-Lvant u l-Punent, u min-nuqqas serju ħafna ta' rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-Papa f'din l-ittra saħaq li l-paċi tista' isseħħ u tinbena biss fuq il-verità, il-ġustizzja, l-imħabba u l-libertà. Dawn huma l-erba' pilastri li fuqhom jista' jinbena ordni soċjali ġdid, dinja ġdida iktar umana u li tirrispetta lill-bniedem sħiħ.

Il-Knisja kienet qed tagħraf iktar minn qatt qabel li hi kellha missjoni biex fid-dinja twassal l-aħbar it-tajba tal-Vanġelu billi tipprietka u taħdem favur id-dinjità ta' kull bniedem hi x'inhi r-razza, ir-reliġjon, il-kulur u l-klassi tiegħu.


Papa Ġwanni XXIII

Taf min huma dawn in-nies? Qatt smajt bihom? X'għamlu speċjali? Fittex ftit fuqhom u tara kif dawn f'ħajjithom skoprew qawwa ġdida li biha għamlu ħwejjeġ kbar tassew.


Mons. Oscar Romero


Alcide de Gasperi


Robert Schuman u Jean Monnet


Mahatma Gandhi


Frère Roger Schütz


Martin Luther King Jr


Konrad Adenauer


Mother Theresa

# X'jagħmilni Nisrani?



**NARAW X'TGĦALLIMNA**

**A KLIEM IMPORTANTI**

Ikteb sentenza li tfisser fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Il-verità
- L-identità nisranija
- Qaddisin

**B IDEAT PRINĊIPALI**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Ir-reliġjon kif tgħinni fil-ħajja ta' kuljum?
- X'inhu n-nisrani veru?

**Ċ AĦSEB B'MOĦĦOK**

Uża dak li tgħallimt biex twieġeb:

- "Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejħin skont il-providenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom." (Rum 8, 28) Minn dak li tgħallimt u ddiskutejt, x'taħseb li tfisser din is-silta?

**D IDDISKUTI D-DAR**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar dan:

- Rajna li Ġesù kien mexxej tajjeb ħafna. Dan kif jikkontrasta ma' mexxejja oħra li niltaqgħu magħhom ilum?



# It-tajjeb vs il-ħażin

**ĦEJJI RUĦEK:**

Għalfejn taħseb li l-bniedem ikollu ħsibijiet negattivi?

X'tagħmel qabel ma tieħu deċiżjoni?

**IMMARKA ✓ ĦDEJN IL-KLIEM LI TAF XI JFISSER:**

- ☐ Għażliet
- ☐ Libertà
- ☐ Ħażen
- ☐ Responsabbiltà
- ☐ Formazzjoni
- ☐ Ferħ sħiħ
- ☐ Maħfra
- ☐ Ġustizzja

5

# Il-pjan oriġinali



**Din kont tafha?**
L-eqdem sejbiet ta' oġġetti tal-fuħħar jixhdu li kienu ffurmati bl-idejn u msajra fuq in-nar f'temperatura baxxa, u mhux ġo fran bħall-fuħħar tal-lum. Dan il-fuħħar li jinstab mill-arkeologi jgħin biex wieħed ikun jista' jiftaħ tieqa fuq il-kulturi tal-qedem. Minħabba li l-fuħħar huwa materjal li jdum biex jispiċċa u jitmermer jgħin biex jiffurmaw teoriji dwar il-kultura, l-ekonomija, ir-reliġjon u s-soċjetà ta' dawk iż-żminijiet. Ir-rota li tintuża mill-fuħħari ġiet ivvintata madwar 6,000 u 4,000 sena QK fil-Mesapotamja.

Jekk nieqfu ftit mill-ħajja sfrenata li ngħixu u nħarsu ftit madwarna, naraw li l-ħajja fiha ħafna kuntrasti. Naraw nies li jħobbu u oħrajn li jobogħdu; naraw nies li huma ġenerużi filwaqt li oħrajn huma xħaħ u egoisti għall-aħħar. Ħafna nies sempliċiment jaċċettaw il-ħajja kif tidher, bis-sabiħ u l-ikrah tagħha waqt li oħrajn għandhom tendenza li jaraw l-ikrah biss. Żgur li dawn ir-realtajiet inisslu fina ħafna mistoqsijiet. Għaliex aħna differenti minn xulxin? Għaliex hemm il-ħażen fina flimkien mat-tajjeb? Għaliex aħna qisna għandna ċerta ġibda għall-ħażin? Dawn il-mistoqsijiet mhux il-bniedem tal-lum biss jistaqsihom. Anzi tista' tgħid li ilhom jeżistu kemm ilu jeżisti l-bniedem innifsu.

Kif nifthu l-Bibbja, fil-bidu tal-ktieb tal-Ġenesi, insibu li l-Kelma ta' Alla tipprova twieġeb għal dawn il-mistoqsijiet fiż-żewġ rakkonti tal-ħolqien. L-ewwel rakkont, li nsibuh fl-ewwel kapitlu tal-Ġenesi u jibqa' sejjer sa' vers 3 tat-tieni kapitlu, huwa ppreżentat bħala innu jew poeżija li tirrakkonta x'ġara f'sebat ijiem. Naqraw, kif wara li ħalaq id-dinja u l-kreaturi ta' ġo fiha, "Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu, fuq xbihat Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom" (Ġen 1, 27). Il-kittieb qiegħed jgħinna naraw li qabel xejn, huwa Alla li ħalaq kollox, inkluż il-bniedem. Lill-bniedem Alla ħalqu fuq ix-xbieha tiegħu stess, li tfisser li l-bniedem b'xi mod jirrifletti lil Alla f'ħajtu, l-istess bħalma pittura tirrifletti l-kreattività u l-kwalitajiet tal-pittur jew kif važun tal-fuħħar jirrifletti l-gosti u l-kapaċità tal-fuħħari li jkun ħalaq il-važun.

L-awtur tal-ewwel rakkont jurina li l-ħolqien kollu kif ħalqu Alla kien

tajjeb ħafna. Inkluż fl-aħħar tas-sitt jum tal-ħolqien, il-jum li fih l-awtur jiddeskrivi l-ħolqien tal-bniedem. L-awtur jgħidilna "u ħares Alla lejn kulma kien għamel, u, ara, kollox kien tajjeb ħafna" (Ġen 1, 31). Dan ifisser li l-bniedem fin-natura tiegħu, kif maħluq minn Alla kien tajjeb. Fih għandu s-sejħa ewlenija biex iħobb u jkun maħbub.

Fit-tieni rakkont tal-ħolqien (Ġen 2, 4 - 3, 24) li huwa ppreżentat bħala parabbola storika, naraw li l-kittieb qiegħed jgħinna niskopru mill-ġdid il-viżjoni oriġinali li Alla kellu għall-bniedem: li jgħix f'armonija sħiħa ma' Alla, miegħu nnifsu, mal-bqija tal-umanità u mal-ħolqien kollu. Naraw il-bniedem li jgħix bħala bniedem sħiħ, mingħajr ebda diffikultà biex jikkomunika ma' Alla u jifhem li Alla jħobbu. Ir-rakkont juri lil Alla u lill-bniedem ifittxu lil xulxin: "U l-Mulej Alla sejjaħ lil Adam u staqsieh: 'Fejn int?'"(Ġen 3, 9).

Għandna quddiemna stampa ta' bniedem li jgħix f'paċi sħiħa miegħu nnifsu u mad-dinja ta' madwaru. Naqraw li 't-tnejn kienu għerja... u ma kinux jistħu minn xulxin' (Ġen 2, 25). Dan ifisser li, fi ħsieb Alla, il-bniedem kellu jgħix liberu u mingħajr ebda sens ta' biża' jew mistħija.

Dan ir-rakkont jurina wkoll li Alla ħalaq il-bniedem biex jgħix f'serenità mal-bqija tal-ħolqien meta naqraw li 'l-Mulej Alla ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien tal-Għeden biex jaħdmu u jħarsu' (Ġen 2, 15). Il-bniedem kellu post speċjali fil-ħolqien kollu, kien privileġġat. Naqraw li l-Mulej Alla sawwar mill-art annimali selvaġġi u t-tajr kollu tal-ajru, u ġiebhom quddiem il-bniedem biex jara xi jsemmihom; u skont ma jkun il-bniedem semma lil kull ħliqa ħajja, dak ikun isimha' (Ġen 2, 19). Alla ta lill-bniedem is-setgħa li jagħraf, li jifhem, li jiddeċiedi u li jagħti ismijiet lill-annimali. Għall-kittieb bibliku li tagħti isem tfisser tagħti identità u dan juri kif Alla lill-bniedem stmah billi għamlu kollaboratur tiegħu fil-ħolqien.



Il-kelma waslet lil Ġeremija mingħand il-Mulej u qallu: "Qum u inżel għand il-fuħħari: u hemm jiena nsemmgħek kliemi." Jiena nżilt għand il-fuħħari, u sibtu qiegħed jaħdem fuq ir-rota. U hekk kif il-ġarra li kien qed jaħdem ħarġitlu ħażin, kif jiġrilu t-tafal f'idejn il-fuħħari, dan raġa' għamel oħra minnha kif għoġob lilu. Imbagħad il-Mulej kellimni u qalli: "Dar Iżrael, jaqaw ma nistax nimxi magħkom bħal dan il-fuħħari?" Oraklu tal-Mulej. Bħalma hu t-tafal f'idejn il-fuħħari, hekk intom f'idejja dar Iżrael. Hekk jien xi drabi naqtagħha li poplu jew saltna naqlagħha, nġarrafha u neqridha; jekk imbagħad dan il-ġens jindem mill-ħażen li kontrih inkun tkellimt, jiena nindem mill-ħsara li nkun qtajt li nagħmillu."Drabi oħra naqtagħha li poplu jew saltna nibniha u nħawwilha; jekk imbagħad dan il-poplu jagħmel il-ħażen li ma jogħġobnix billi ma jismax kliemi, jiena nindem mill-ġid li nkun qtajt li nagħmillu." (Ġer 18, 1-10)

"Mulej, int missierna; aħna t-tafal, u inti l-fuħħari; aħna lkoll għemil idejk." (Is 64, 7)

Aħseb dwar dak li għadek kemm qrajt. Taqbel mal-ħsieb li Alla hu l-fuħħari u aħna t-taffal f'idejh? Kien hemm żmien meta ma fhimtx xi jrid jagħmel Alla bik, x'forma ried jagħtik? Kien hemm żmien meta ma qbiltx mal-forma li l-fuħħari kellu f'moħħu għalik? Itlob biex meta tħossok imkisser u mdejjaq, meta d-dinja ta' madwarek titlef il-kulur, tħalli kollox f'idejn Alla biex joħloq minnha l-kapolavura li għandu f'moħħu.

# Għażliet ħżiena



Mark u Maria marru għand tal-ħanut biex jixtru x'jixorbu billi kellhom l-għatx. Fil-ħanut kien hemm bosta nies anzjani qiegħdin jistennew biex jixtru wkoll. Kif daħlu fil-ħanut, Mark ħa qatgħa u ddeċieda jara kif jagħmel u jipprova jaqbeż lil kulħadd. Ħalla lil Maria fejn il-bieb u, jimbotta ftit 'l hawn u jirfes u jonfoħ fuq oħrajn, wasal quddiem. Tal-ħanut kien qiegħed jaqdi mara li kienet ilha tistenna xi kwarta. Mark sejjaħ lil tal-ħanut u talbu *ice tea*. Tal-ħanut kompla jaqdi lill-mara. Mark, meta ra li tal-ħanut kien injorah, beda jgħolli leħnu b'ton aggressiv. Tal-ħanut xorta kompla jaqdi lill-mara. Mark, biex tgħaddi tiegħu, beda jsabbat u jitkellem ħażin. Imma tal-ħanut fil-pront sikktu u qallu biex jitgħallem iġib ruħu ta' nies. Mark issuppervja u telaq 'l barra. Maria qabdet fih għax kien vera tpastaż f'ħanut nies u wara kollox xorta baqgħu bil-għatx. Mark iżjed issuppervja u qabad jeħodha ma' Maria u jwaħħal fiha. Imma hi ma felħitx tarah jittrattaha hekk, u telqitu.

*Jitqanqlu fik xi ħsibijiet int u taqra dan ir-rakkont? Tinduna kif isir il-bniedem meta jkun moħħu fih innifsu biss u jissuppervja? Meta nagħtu ħarsa madwarna, jidher ċar li t-tbatija u l-firda huma parti mill-ħajja tal-bniedem. Qatt ippruvajt taħseb u tiskopri minn fejn jiġu dawn l-attitudnijiet żbaljati li lill-bniedem jagħtuh timbru negattiv?*



Fit-tieni rakkont tal-ħolqien li nsibu fil-ktieb tal-Ġenesi (Ġen 2, 4 - 3, 24), il-Kelma ta' Alla turina kif, minħabba d-dnub u s-suppervja tiegħu, il-bniedem jitlef il-grazzja oriġinali li biha kien ġie maħluq minn Alla. F'dan ir-rakkont naraw li Alla jwissi lill-bniedem li jrid joqgħod attent kif juża l-libertà li tah meta jgħidlu: "mis-siġar kollha tal-ġnien tista' tiekol, imma mis-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin, la tikolx minnha, għax dak in-nhar li tiekol minnha żgur li tmut" (Ġen 2, 16-17).

Meta l-bniedem jiddeċiedi li jrid jagħżel hu bejn dak li hu tajjeb għalih u dak li mhux, il-bniedem jissuppervja ma' Alla u jitbiegħed minnu. La darba l-bniedem jieħu din id-deċiżjoni, in-natura tiegħu kif kienet maħluqa minn Alla titbiddel darba għal dejjem. Jekk il-ħsieb oriġinali ta' Alla kien li l-bniedem jgħix f'armonija sħiħa, jidher li dan il-pjan oriġinali tħarbat bid-dħul tad-dnub. Il-bniedem jitlef dik l-għaqda u l-fiduċja sħiħa li kien igawdi. U mhux biss! Il-konsegwenzi tad-dnub huma t-tbatija, it-taħwid, il-firda u l-mewt. Fl-aħħar mill-aħħar dawn huma l-konsegwenzi tal-użu żbaljat tar-rieda ħielsa tal-bniedem. Bid-diżubbidjenza tiegħu l-bniedem jgħid 'le' għall-imħabba ta' Alla għalih.

Minħabba d-dnub il-bniedem jinbidel fin-natura tiegħu, jinfired minn Alla, u jitbiegħed saħansitra minnu innifsu, min-nies l-oħra u mill-ħolqien. L-għażliet ħżiena li l-bniedem jagħmel għax hu liberu għandhom dejjem il-konsegwenzi tagħhom li jeffettwaw lill-bniedem kif jgħix fir-relazzjonijiet miegħu innifsu, mal-oħrajn u ma' Alla.

Fil-fatt fil-ħajja hemm tbatija li tiġi fuqna għax hija parti mill-ħajja. Din it-tbatija mhux faċli nispjegawha u lill-bniedem minn dejjem ħolqitlu problemi kbar biex jifhem ir-raġuni warajha. Imma hemm tbatija li hija konsegwenza ta' għażliet żbaljati li aħna stess inkunu għamilna. Hija din it-tbatija, li nkunu aħna stess li ġibnieha fuqna b'idejna stess jew ġibnieha fuq ħaddieħor. Hija din it-tbatija, li ħafna jgħaddu minnha minħabba l-egoiżmu tal-oħrajn, minħabba s-suppervja, l-għira, il-mibegħda, u tant sentimenti oħra li jġibu tant firdiet fir-relazzjonijiet ta' bejnietna u anke fuq is-soċjetà kollha kemm hi.





**Fittex**

Fil-Bibbja nsibu numru ta' eżempji ta' għażliet ħżiena. Kajjin u Abel, Iżakk u Rebekka u t-tfal tagħhom Għesaw u Ġakobb, David u Urija l-Hitti, iċ-ċaħda ta' Pietru, Sawl u l-persekuzzjoni tal-Insara. Fittex dawn il-ġrajjiet u ddiskuti ma' sħabek fejn kien l-iżball u x'kienet ir-rieda ta' Alla.

# Il-libertà

Il-libertà hija l-ikbar don li l-bniedem jista' jkollu f'ħajtu. Imma hija xi ħaġa li faċli nitilfuha. Kull meta l-bniedem jorbot qalbu ma' oġġett jew mal-affarijiet tal-ħajja b'mod żbaljat, faċli jkun qed jitlef il-libertà tiegħu. Ma jibqax ħieles! Għalkemm jistgħu jkunu affarijiet utli fil-ħajja jew anke importanti, meta nsiru skjavi tagħhom, inkunu qed nitilfu l-libertà tagħna.

Alla ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu għax xtaq li jkollu ħbiberija sinċiera miegħu. Iżda l-bniedem jista' jaċċetta li jgħix din il-ħbiberija ma' Alla jekk, l-ewwel u qabel kollox, jibqa' verament ħieles minn dak kollu li jtellef din il-ħbiberija.

Il-bniedem mal-libertà għandu wkoll ir-responsabbiltà. Il-bniedem għandu r-raġuni wkoll biex jirrifletti qabel jaġixxi. Fl-għażliet li jagħmel u fid-deċiżjonijiet li jieħu, il-bniedem irid iqis dak li se jagħmel u x'konsegwenzi jista' jkun hemm għalih innifsu u għall-oħrajn. Barra minn hekk, il-bniedem irid ukoll jara u jqis kif id-deċiżjonijiet li jieħu jistgħu jeffettwaw ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla, jekk ikun jemmen li Alla hu importanti għal ħajtu. Il-bniedem ma jistax jiddeċiedi skont l-aptit tal-mument, għax dan mhux għaqal. Ġesù fil-Vanġelu jitkellem fuq tnejn minn nies, wieħed għaqli li bena daru fuq il-blat u l-ieħor iblah li bena daru fuq ir-ramel. Hawnhekk Ġesù mhux qed jitkellem dwar il-bini tal-ġebel, imma dwar fuq xiex aħna qed nibnu ħajjitna - jekk hux fuq il-blat jew fuq ir-ramel.



**Agħmel**

Immaġina li qabad in-nar fid-dar tiegħek u għandek ħames minuti biex tiġbor l-affarijiet l-aktar għeżież għalik. Liema jkunu? Ikteb lista tagħhom u għaliex huma importanti għalik. Fl-aħħar iddiskuti ma' sħabek fil-klassi x'kienu l-oġġetti li salvajt u kemm tħossok marbut ma' dawn l-oġġetti.

"Għalhekk, kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien, isir jixbah lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat. Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, iżda ma ġġarrfitx għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat. Imma kull min jisma' dan kliemi u ma jagħmilx li qiegħed ngħid jien, isir jixbah lil bniedem iblah li bena daru fuq ir-ramel. Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, u ġġarrfet; u kbira kienet il-qerda tagħha!" (Mt 7, 24-27)

X'aktarx iż-żewġt irġiel riedu jieħdu l-aħjar deċiżjoni. Dak li bena fuq ir-ramel seta' kien iħobb ħafna l-baħar u ried ikun kemm jista' jkun qrib tiegħu waqt li l-ieħor ried is-sigurtà. X'taħseb li jkun l-aħjar li nagħmlu qabel ma nieħdu deċiżjoni u nagħmlu għażla tajba u matura?



## Xi tfisser tibni ħajtek fuq il-blat?

## Kif tista' tibni ħajtek fuq ir-ramel?

Fil-ħajja ġieli nintebħu aħna stess li nkunu żbaljajna f'xi deċiżjoni li nkunu ħadna meta nindunaw li nkunu tlifna l-ferħ u l-paċi tal-qalb. Dan iġib fina sens ta' telfa u sens ta' ħtija li jtaqqlu l-qalb u jtellfuna l-kuntentizza. Dan hu s-sens ta' dnub fina, meta aħna nkunu nafu u nħossu li ma tajniex kas tal-vuċi t'Alla fina, u poġġejna r-rieda tagħna qabel dik ta' Alla. Meta l-bniedem jinqata' minn Alla, faċli jiddominawh is-suppervja u l-arroganza fl-imġiba mal-oħrajn, il-biża' u l-inċertezza jaħkmu l-qalbu, u jidħol f'ċirku vizzjuż li jtelliflu l-armonija kollha.

Fl-aħħar mill-aħħar, id-dnub ifixkel il-pjan oriġinali ta' Alla fina u ma jħalliniex inkunu dak li aħna. Ir-rakkont ta' Adam u Eva fil-Ġenesi juri dan b'mod ċar meta Adam u Eva beżgħu u nħbew minn Alla. Meta aħna nitilfu l-libertà nsiru skjavi. Meta ma nibqgħux naduraw lill-ħallieq, nibdew naduraw dak kollu li naħsbu li jista' jagħmilna kuntenti.

Fl-ittra lill-Galatin, San Pawl jgħallem: "Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa. Żommu sħiħ, u terġgħux tmiddu għonqkom għall-madmad tal-jasar" (Gal 5, 1). Alla ħalaqna xbieha tiegħu u dik ix-xbieha tiegħu tibqa' ġo fina anke meta aħna nitgerfxu u niżbaljaw. Hu Alla stess li jibqa' magħna u jgħinna nindunaw fejn żbaljajna biex nerġgħu lura. L-imħabba tiegħu hija infinita. U jibqa' jistenniena bħall-Missier tal-parabbola li meta ibnu reġa' lura għax induna li kien żbalja, lanqas biss ta kas tad-dnub li kien għamel imma għamillu festa. Alla hu għani fil-ħniena, u l-maħfra tiegħu tfejjaqna minn dak kollu li jifridna fina nfusna u mill-oħrajn.

### Fittex




Darba Nelson Mandela qal: 'Tkun ħieles mhux meta sempliċement ma tkunx marbut bil-ktajjen iżda li tgħix tali mod li tirrispetta u tkabbar il-libertà tal-oħrajn.' Fuq l-internet sib kwotazzjonijiet oħra ta' nies famużi dwar il-libertà u ddiskutihom fil-klassi ma' sħabek.

# Bnedmin ta' kuxjenza

Ajma x'ġurnata kelli llum! Dalgħodu tnejn minn sħabi qabdu jiġġieldu l-iskola. Billi m'iniex ġellied, iddeċidejt li aħjar ma nindaħalx. Smajt li t-tnejn spiċċaw quddiem is-Surmast u issa ma jaħmlux lil xulxin. Issa nħoss li kelli nagħmel xi ħaġa avolja ppreferejt ma nagħmel xejn. Tgħid għamilt sew? Xi stajt nagħmel aħjar? Issa x'nista' nagħmel?

U qisu dan ma kienx biżżejjed! L-istess Surmast qal lill-klassi li student irrapporta li l-ġimgħa l-oħra nsterqulu xi flus mill-basket tiegħu tal-iskola. Il-bieraħ smajt xi studenti jitkellmu u għandi suspett qawwi li jafu min kien li seraq il-flus. X'għandi nagħmel? Għandi nirrapporta dak li smajt? U x'jiġri meta sħabi jsiru jafu li kont jien li rrappurtajthom? Ma nafx x'għandi nagħmel u x'inhu l-aħjar.





**Għixha!**
Qatt għaddejt minn xi esperjenza bħal din? Int x'inhu l-aktar importanti għalik: x'jaħsbu sħabek dwarek jew xi jkun l-aħjar mod li ġġib ruħħek?

Kull jum ta' ħajjitna aħna nieħdu ħafna deċiżjonijiet. Meta nkunu għadna żgħar ikollna t-tendenza li nagħmlu dak li jfettlilna mingħajr wisq ħsieb. Meta nilħqu l-età fejn nibdew nirraġunaw, inħossuna mbuttati biex nagħmlu dak li naħsbu li hu tajjeb u nippruvaw inwarrbu dak li nqisuh bħala ħażin. Fil-fatt meta nagħmlu dak li hu tajjeb, inħossuna sodisfatti, ferħana, u kuntenti. Meta nagħmlu dak li mhux tajjeb, inħossu ċertu sens ta' ħtija u qisha xi ħaġa fina tniggiżna. Imma għaliex inħossuna hekk?

Dan kollu għandu x'jaqsam mal-kuxjenza. Imma l-kuxjenza x'inhi? Ġa semmejna li l-bniedem fl-għażliet li jagħmel u kif jasal għalihom għandu r-responsabbiltà tiegħu personali. Barra l-liġi morali li tiggwidah, hemm ukoll il-kuxjenza li kif jgħid il-Konċilju Vatikan it-Tieni fid-dokument dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum, hija l-post l-iktar intimu tal-bniedem, is-santwarju fejn il-bniedem hu waħdu ma' Alla u fejn il-vuċi t'Alla ssemma l-eku tagħha. (GS 16)

Il-kuxjenza hija meqjusa bħala ċ-ċentru l-aktar moħbi tal-bniedem fejn ikun waħdu ma' Alla u fejn Alla jsemmagħlu leħnu. Il-bniedem irid ikun ippreparat u jsib il-ħin u s-skiet biex ikun jista' jisma' dan il-leħen u jagħti widen. Meta m'aħniex kapaċi nieqfu, jew meta kważi nkunu nibżgħu noqogħdu ftit weħedna fis-skiet, allura jkun diffiċli ħafna nisimgħu l-kuxjenza.

Il-kuxjenza fil-fatt hija vuċi interjuri, ġo fina, fil-profond tal-qalb tagħna. Hija fejn nagħrfu x'inhu tajjeb jew ħażin u fejn niddeċiedu x'se nagħmlu meta nkunu rridu nagħżlu. Il-kuxjenza twissina bħala ħabib u tiġġudikana bħala mħallef. Il-kuxjenza tasal għal ġudizzju bil-għajnuna tar-raġuni u r-rieda ħielsa. Permezz ta' dawn il-kwalitajiet, flimkien maż-żmien biex nagħmlu riflessjoni tajba, naslu għal għażliet maturi.

## KUXJENZA LI TIFFORMA RUĦHA

Il-bniedem tul ħajtu kollha jibqa' jifforma l-kuxjenza tiegħu. Dan hu proċess li qatt ma jieqaf, li jiltaqa' anke ma' ħafna tfixkil li ma jħalliniex naraw ċar liema huma l-għażliet it-tajbin, li anke jwassalna biex nitfixklu bejn x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. Għalhekk hu importanti ħafna li niftħu għajnejna għal dak kollu li jista' jfixkilna u ma jħalliniex liberi li nagħżlu t-tajjeb. L-injoranza, jew meta aħna m'aħniex infurmati tajjeb fuq l-affarijiet, tista' tkun tfixkil serju. L-istess meta nħallu emozzjonijiet qawwija jmexxuna jew sentimenti mħawdin jikkundizzjonawna, ma nkunux liberi biex nagħmlu l-aħjar għażliet. Imbagħad hemm ukoll l-ambjent ta' madwarna li jista' jkollu effett fuqna meta niġu biex nagħżlu bħal, pereżempju, meta l-konformità ma x'qed jagħmel kulħadd tkun l-element li jwassalna biex niddeċiedu.

Meta ma nitgħallmux mill-esperjenzi li nkunu għaddejna minnhom, allura naslu nirrepetu l-istess żbalji li nkunu għamilna. L-istess jiġri meta nħallu jmexxuna emozzjonijiet qawwija, bħal ngħidu aħna r-rabja jew l-għira, u ma nkunux kapaċi rrażżnuhom. Hemmhekk nistgħu nibqgħu ċerti li se nagħmlu għażliet żbaljati. Meta nkunu nikbru fl-età imma ma nkunux nimmaturaw, faċli jkun qed isir dejjem iżjed diffiċli nikkontrollaw id-drawwiet ħżiena jew anke dawn l-emozzjonijiet li semmejna li jagħmluna lsiera tagħhom u mhux kapaċi niddeċiedu l-aħjar għalina u għal ħaddieħor. Il-konformità l-istess, hija t-tentazzjoni li nagħmlu eżatt bħal ħaddieħor bla ma nirriflettu, għax nippreferu nintgħoġbu u ma nitilfux ħbiberiji.

Għalhekk huwa importanti ħafna li f'ħajjitna nibqgħu dejjem infittxu l-verità sħiħa. Kuxjenza b'saħħitha trid tinbena fuq il-verità mhux sempliċement fuq opinjonijiet. Il-kuxjenza trid tkun imdawla, fil-każ ta' min hu Nisrani mill-Kelma t'Alla u mit-tagħlim tal-Knisja. Għal dan importanti li nkunu umli biżżejjed li nfittxu l-għajnuna meta jkollna bżonnha u minn nies li jistgħu tassew jgħinuna, kif ukoll permezz tat-talb.

**'Kuxjenza tajba u safja hi mdawla minn fidi vera. Dan għaliex l-imħabba toħroġ fl-istess waqt minn qalb safja, minn kuxjenza tajba u minn fidi vera' (KKK 1794).**

Il-ferħ li għalih jistedinna Ġesù mhux sempliċiment emozzjoni jew sensazzjoni tal-mument. Huwa iżjed permanenti minn hekk u dejjem jaddatta għall-esperjenzi u għaċ-ċirkostanzi li l-bniedem ikun għaddej minnhom. Huwa l-bniedem li jqiegħed it-tama u l-fiduċja tiegħu f'Alla li jirnexxilu jibqa' ħieles, ġenwin u ferrieħi.

### Idħol fil-fond

Hemm diversi affarijiet li nista' nagħmel biex nifforma l-kuxjenja tiegħi. Fost l-oħrajn nista':



1. naqra, nitgħallem u nitlob jekk jista' jkun kuljum,
2. nirċievi l-Ewkaristija u nqerr b'mod regolari,
3. naqra l-Bibbja,
4. insir midħla tat-tagħlim tal-Knisja.

Hemm xi ħaġa oħra li tħoss li tista' tgħinek biex tifforma l-kuxjenza tiegħek?

# Il-ferħ veru

Ġesù jorbot il-ferħ mhux ma' kemm għandek imma ma' kemm inti kapaċi tagħti u tkun miftuħ għall-bżonnijiet tal-oħrajn. Fil-Vanġelu ta' San Ġwann, Ġesù jgħid: **"Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu fi mħabbti, kif jiena ħarist il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed fi mħabbtu. Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ" (Ġw 15, 9-11).**

Diġà tkellimna fuq x'jagħmilna awtentiċi, fuq x'jagħmilna bnedmin sħaħ, u meta tkellimna fuq l-identità tan-Nisrani tkellimna dwar il-Beatitudnijiet kif insibuhom fil-Vanġelu ta' Mattew 5, 3-12 jew Luqa 6, 20-23. Fihom Ġesù jurina li l-bniedem li jsib il-ferħ veru huwa wkoll dak li jifhem xi tfisser li tgħix verament ħieles. Il-ferħ veru hu ħafna drabi frott tal-għażliet li nagħmlu fil-ħajja.

Il-Beatitudnijiet huma t-tweġiba ta' Alla għal dawk it-tentazzjonijiet, ix-xewqat, jew il-ġibdiet li f'ħajjitna jbegħduna milli nkunu awtentiċi u jtellfuna milli nfittxu l-ferħ ta' veru. Aħna lkoll nixtiequ fil-ħajja jkollna l-ferħ, u ferħ li jibqa'. Għal ftit ħin ejja nimmaġinaw li qegħdin fi *treasure hunt* fejn is-soltu jkollna ħafna sinjali mferrxin li aħna rridu nfittxu, u li meta nibdew insibuhom juruna l-fejn irridu nimxu biex insibu t-teżor. Il-Beatitudnijiet huma dawn is-sinjali, huma r-*road map* li Ġesù jagħtina għal ħajjitna. It-teżor, li huwa l-ferħ sħiħ u ta' veru, qatt mhu se nsibuh weħedna, bil-ħila tagħna biss.

Issa Ġesù fil-Beatitudnijiet jgħid "Henjin" jew "Imberkin" li tfisser xi ħaġa iżjed minn "ferħanin". Fil-mentalità tagħna, xi ħadd li qed ibati ma jistax ikun ferħan imma għal Ġesù jista'. Ġesù permezz tal-Beatitudnijiet jissuġġerilna liema hi t-triq tal-virtù li tista' tfejjaqna minn dawk id-drawwiet ħżiena u negattivi li kultant jistgħu jkunu jikbru f'qalbna u jbegħduna mill-ferħ tassew.



## Itlob

Henjin dawk li triqthom bla ħtija,
li jimxu fil-liġi tal-Mulej.
Henjin dawk li jħarsu l-preċetti
tiegħu, u li jfittxuh b'qalbhom kollha.
Huma ma jagħmlux ħażen, imma
jimxu fit-triqat tal-Mulej. (Salm 119)

Ieqaf ftit u aħseb dwar liema minn dawn tħoss li l-aktar diffiċli tgħix.

**Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.**
Il-kontra ta' dan hu li tkun supperv, mimli bik innifsek, egoist, taħseb biss fik innifsek.

**Henjin l-imnikkta, għax huma jkunu mfarrġa.**
Il-kontra ta' dan hi l-għira, li inti ma tissaportix li ħaddieħor ikun ferħan.

**Henjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b'wirthom l-art.**
Il-kontra ta' dan hija r-rabja jew il-korla, meta inti ma tfittixx dak li hu tajjeb u tħalli n-negattività tmexxik.

**Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin.**
Il-kontra ta' dan hu l-għażż, meta inti tintelaq mal-kurrent, ma jkollokx saħħa tiġġieled il-ħażin, ma temminx f'ideali.

**Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena.**
Il-kontra ta' dan hi r-regħba, li trid kollox għalik, li ma taħsibx fl-oħrajn.

**Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla.**
Il-kontra ta' dan hija ż-żina, meta tintelaq għall-ġibdiet tal-ġisem u titgerfex u ttaqqal l-qalb bix-xewqat tagħha.

**Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla.**
Il-kontra ta' dan hi meta tkun strument ta' firda.

**Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.**
Il-kontra ta' dan hu li l-ħin kollu trid, li qatt ma tkun kuntent b'dak li għandek, qatt ma tixba'.

## Din kont tafha?

Danta Alighieri fil-kapolavur tiegħu *La Divina Commedia* jimmaġina li qiegħed fi vjaġġ li jibda' mill-infern, jgħaddih mill-purgatorju u fl-aħħar jasal il-ġenna. Fil-kantiku tal-Purgatorju, Dante jimmaġina li l-purgatorju huwa muntanja għolja li n-nies iridu jitilgħu biex jissaffew mid-difetti tagħhom. Kull livell tal-muntanja hija kors biex wieħed jirbaħ id-difett li qed iżommu milli jilħaq il-potenzjal tiegħu. Għal Dante dawn id-difetti li jżommu lill-bniedem huma s-seba' vizzji kapitali: il-vanaglorja, l-għira, il-korla, il-letarġija, ir-regħba, il-gula u ż-żina.



# Flimkien mal-komunità



## Idħol fil-fond

Il-film *Invictus* (Warner, 2009) jirrakkonta l-istorja tal-i*Springboks*, it-tim tar-Rugby tas-South Africa li minn qiegħ il-klassifika jirbħu r-Rugby World Cup tal-1995 u jirnexxilhom jgħaqqdu nazzjon li kien ilu mifrud fih innifsu għal snin twal ħafna bejn in-nies ta' ġilda skura u dawk ta' ġilda ċara. Fil-bidu tal-film insibu lill-President Nelson Mandela li fost il-*bodyguards* tiegħu jagħżel persuni miż-żewġ gruppi etniċi u din ma tantx tinżel tajjeb mal-kap tas-sigurtà, Jason Tshabalala, li jgħidlu li sa ftit żmien ilu dawn in-nies kienu qed jippruvaw jeħilsu minnhom. Hawn il-president jgħidlu:

**"Yes, I know. Forgiveness starts here, too. Forgiveness liberates the soul. It removes fear. That is why it is such a powerful weapon..."**

Il-libertà u l-ġid qatt m'għandhom jitqiesu bħala interessi personali li għandhom x'jaqsmu ma' persuna waħda biss. Anzi, jekk nirriflettu fuq ħajjitna, nindunaw li l-libertà u l-ġid ta' kull persuna jiddependu ħafna mil-libertà u mill-ġid tal-bqija tan-nies li jiffurmaw is-soċjetà. Nindunaw li kull azzjoni li ssir, tajba jew le, ikollha effett fuq is-soċjetà kollha.

### IL-ĠID KOMUNI

Kull persuna għandha tqis kemm id-drittijiet kif ukoll id-dmirijiet tagħha għall-ġid komuni. Id-dokument li jitkellem dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum, tal-Konċilju Vatikan II jgħidilna li b'ġid komuni għandna nifhmu "dawk il-kondizzjonijiet soċjali kollha li jħallu kemm il-gruppi kollha tas-soċjetà u kemm kull wieħed mill-membri tagħhom jilħqu l-iżvilupp u l-maturità b'mod mill-aktar sħiħ u bl-aktar mod faċli" (GS 26).

Sabiex dawn il-kondizzjonijiet ikunu preżenti, l-ewwel u qabel kollox, irid ikun hemm tqassim ġust tal-ġid ħalli għal kull persuna jkunu mħarsa mill-anqas il-bżonnijiet bażiċi. F'soċjetajiet fejn għad hemm nies li jmutu bil-ġuħ, nies li jiġu arrestati jew maqtula minħabba t-twemmin reliġjuż li jħaddnu jew minħabba l-opinjoni politika tagħhom lanqas nistgħu nibdew naħsbu dwar il-ġid komuni.

## SOĊJETÀ INKLUSSIVA

Soċjetà nsejħulha inklussiva meta kull bniedem ikun liberu li jsib postu f'dik is-soċjetà billi jiġu mħarsa d-drittijiet u l-bżonnijiet partikolari ta' kull persuna. Dan ifisser li kollha għandna l-istess dinjità ta' bnedmin iżda xorta waħda kulħadd huwa maħluq uniku u speċjali. F'soċjetà inklussiva, apparti t-tqassim ġust tal-ġid, wieħed isib firxa ta' opportunitajiet ta' edukazzjoni u ta' xogħol li jkunu addattati ħalli kull persuna tkun tista' tiżviluppa t-talenti u l-kapaċitajiet tagħha kemm għall-ġid tagħha kif ukoll għall-ġid tas-soċjetà kollha. B'hekk biss jista' l-bniedem jgħix il-vera libertà.

## L-INĠUSTIZZJI U D-DISKRIMINAZZJONI

L-agħar inġustizzji huma dawk li jolqtu l-bniedem fid-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax ikun mod ieħor għax dritt fundamentali jikkonċerna xi ħaġa li tolqot lill-bniedem fil-fond ta' ħajtu, u aktar ma ħaġa tolqot fil-fond, aktar ibati jekk ikun imċaħħad minnha. Dawn huma l-affarijiet li jnaqqsu u li jaslu biex itellfu l-libertà tal-bniedem.

Id-dokument Gaudium et Spes tal-Konċilju Vatikan II ikompli jgħidilna li 'kull sura ta' diskriminazzjoni li tolqot id-drittijiet fondamentali tal-persuna, minħabba s-sess, ir-razza, il-kulur tal-ġilda, il-qagħda soċjali, l-ilsien jew ir-reliġjon trid tiġi mirbuħa u mwarrba bħala ħaġa li tmur kontra l-pjan ta' Alla' (GS 29).

San Pawl jikteb fl-ittra tiegħu lir-Rumani: **"Qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor; taħmlux il-ħażen; żommu mat-tajjeb. Ħobbu lil xulxin bħal aħwa; fittxu li tistmaw lil xulxin. Tħallux il-ħrara tagħkom tibred, tħeġġu fl-ispirtu, aqdu lill-Mulej. Ifirħu bit-tama, stabru fl-hemm, itolbu bla waqfien. Aqsmu ġidkom mal-qaddisin li jinsabu fil-bżonn; ilqgħu f'darkom lill-barranin. Bierku lil dawk li jippersegwitawkom; bierku, u la tisħtu lil ħadd. Ifirħu ma' min jifraħ, ibku ma' min jibki. Aħsbu f'xulxin l-istess, taħsbux fi ħwejjeġ kbar, imma fittxu l-umli. Tagħmluhiex ta' għorrief. Troddu lil ħadd deni b'deni. Ħa jkun ħsiebkom filli tagħmlu t-tajjeb quddiem il-bnedmin kollha. Jekk jista' jkun, sakemm ikun ġej minnkom, għixu fil-paċi ma' kulħadd. Tivvendikawx ruħkom b'idejkom, għeżież tiegħi, imma ħallu l-korla ta' Alla tagħmel hi, għax hemm miktub: "Għalija l-vendetta, jiena nħallas, jgħid il-Mulej." Jekk l-għadu tiegħek bil-ġuħ, itimgħu; jekk hu bil-għatx, isqih. Jekk tagħmel hekk tkun qiegħed tiġma' ġamar jaqbad fuq rasu. Tħallix il-ħażen jirbħek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb."** (12, 9-21)





## NARAW X'TGĦALLIMNA

**A KLIEM IMPORTANTI**

Ikteb sentenza li tfisser fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Xbieha
- Dnub
- Responsabbli
- Hena
- Ġid komuni

**B IDEAT PRINĊIPALI**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Għal xiex nirreferu meta nitkellmu dwar il-viżjoni oriġinali ta' Alla għall-bniedem?
- Id-dnub b'liema modi jagħmel daqshekk ħsara lill-bniedem?
- Xi tfisser li persuna tkun verament libera?
- X'nifhmu bil-kelma kuxjenza?
- Xi tfisser li soċjetà tkun inklussiva?

**Ċ AĦSEB B'MOĦĦOK**

Uża dak li tgħallimt biex twieġeb dawn:

- Kif inbidlet in-natura tal-bniedem minħabba d-dnub?
- Agħżel waħda mill-beatitudnijiet u pinġi jew sib ritratt li juri x'ried jgħallem Ġesù permezz tal-beatitudni li għażilt.

**D IDDISKUTI D-DAR**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar dawn:

- Kif qegħdin ngħinu lil xulxin biex nikbru fil-vera libertà?
- X'inhuma l-modi kif aħna bħala familja ngħinu s-soċjetà tagħna tkun aktar inklussiva?

# It-tajjeb vs il-ħażin



# Parti minn dinja akbar minni

**ĦEJJI RUĦEK:**

Għandna ninteressaw ruħna f'reliġjonijiet oħra?

Il-fidi tagħna hija xi ħaġa privata jew le?

**IMMARKA ✓ ĦDEJN IL-KLIEM LI TAF XI JFISSER:**

- ☐ Diversità
- ☐ Reliġjon
- ☐ Djalogu
- ☐ Verità
- ☐ Għaqda
- ☐ Tradizzjoni
- ☐ Għerf
- ☐ 'Ħitan'

6

# Tradizzjoni ħajja

Minn meta nitwieldu kull wieħed u waħda minna jidħol fi tradizzjoni ta' twemmin u valuri. F'kull soċjetà u kultura dawn jgħaddu minn ġenerazzjoni għal oħra u jsawru l-identità ta' popli u individwi. Il-kelma 'tradizzjoni' ġejja mill-kelma Latina 'tradere' li tfisser tgħaddi minn id għal oħra. Aħna nirtu dak li rċevew ta' qabilna u li jkunu qed jgħaddu lilna. Imbagħad aħna suppost ngħaddu lil ta' warajna dak li nkunu rċevejna. Hekk tintiseġ il-katina ta' tradizzjonijiet ħajja li jikkaratterizzaw lil kull poplu u nazzjon.

L-edukazzjoni tagħna hija l-proċess li matulu aħna nkunu nirċievu dan kollu u hekk tissawwar l-identità tagħna. F'dan il-proċess ir-Reliġjon għandha rwol importanti ħafna għaliex tmiss dawk il-mistoqsijiet il-kbar li l-bniedem minn dejjem iġorr f'qalbu u li għalihom tista' tgħid l-ebda ġenerazzjoni ma sabet tweġiba sodisfaċenti. Ix-xjenza, it-teknoloġija, l-informatika, u tant u tant oqsma oħra huma kollha għejun ta' għerf li l-ħajja tagħna jagħmluha isbaħ u aħjar. Imma hemm dak l-aspett f'ħajjitna, li aħna nsejħulu l-aspett spiritwali, li jibqa' 'l fuq minn dan kollu u li l-bniedem meta jinjorah ikun qed jittraskura aspett fundamentali tal-eżistenza tiegħu. Il-bniedem għandu moħħu biex jaħseb, biex jirraġuna, biex iħaddmu u jkun kreattiv. Imma



Thomas Merton fil-ktieb tiegħu *No Man is an Island* jgħidilna li l-bniedem mhux maħluq biex jgħix maqtugħ mill-oħrajn anzi għandu bżonn tal-oħrajn biex tassew jilħaq il-potenzjal tiegħu.

**"Għalhekk huwa importanti ħafna li ngħixu mhux għalina imma għall-oħrajn... Meta nagħmlu hekk, inkunu kapaċi, qabel kollox, naffaċċjaw u naċċettaw il-limitazzjonijiet tagħna... nibdew naraw li aħna umani bħal kulħadd, bin-nuqqasijiet tagħna, u li dawn il-limitazzjonijiet huma importanti f'ħajjitna. Hu minħabba fihom li għandna bżonn lill-oħrajn u ħaddieħor għandu bżonn lilna. Min hu dgħajjef f'ħaġa u min f'oħra u allura nikkumplimentaw lil xulxin u nagħmlu lil xulxin aktar sħaħ billi nagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet ta' xulxin."**

mbagħad għandu qalbu li hija dinja oħra, differenti. Dik hija d-dinja tas-sentimenti, tal-emozzjonijiet, tal-imħabba li lill-bniedem tagħmlu bniedem sħiħ. “Qalbna hija maħluqa għalik”, kiteb Santu Wistin, “u ma tistrieħx jekk mhux fik”. Ir-Reliġjon, li kultant aħna nirriduċuha għal ħafna liġijiet u regoli, għandha x’taqsam ma‘ dak li jiġri ġo fina u li jsawwarna tul ħajjitna.

L-identità kemm ta’ kull individwu kif ukoll ta’ poplu tissawwar dejjem minn valuri, sentimenti, u emozzjonijiet li jiffurmaw kultura sħiħa. Is-sentiment reliġjuż, ħafna drabi, jispikka fin-nisġa ta’ kultura, f’ċerti kulturi iżjed minn oħrajn. Hekk kien minn dejjem, jekk immorru lura eluf u eluf ta’ snin u niskopru kif żviluppaw il-kulturi u r-reliġjonijiet il-kbar f’partijiet differenti tal-globu. Ir-reliġjon f’dan is-sens għandha wkoll l-aspetti tagħha kulturali u dan hu f’ċertu sens is-sabiħ tagħha għaliex tolqot l-aspetti differenti kemm tal-ħajja ta’ kull soċjetà kif ukoll tal-personalità tagħna bħala individwi. Fil-ktieb tas-sena l-oħra rajna li r-reliġjon tista’ tgħinna niskopru ‘d-dinja ta’ ġo fina’. Din is-sena qegħdin naraw kemm ir-reliġjon tista’ tgħin biex noħorġu minna nfusna u nkunu kapaċi nirrelataw mal-oħrajn u mad-dinja ta’ madwarna.

Ir-reliġjon mhijiex biss duttrina u veritajiet li rridu nemmnu. Ir-reliġjon hija wkoll emozzjonijiet u sentimenti, u tista’ tkun għodda biex tressaq lill-bnedmin iktar lejn xulxin. Sfortunatament irridu però nammettu li sikwit fl-istorja tal-umanità, ir-reliġjon serviet bħala mezz ta’ firda bejn ġens u ieħor, bejn popli u oħra, u saħansitra fi ħdan l-istess popli. Imma dan hu l-aspett l-iktar kontradittorju tar-reliġjon għax jiċħad dak li r-reliġjon suppost teżisti għalih. Għalhekk illum id-djalogu bejn ir-reliġjonijiet il-kbar fid-dinja sar obbligu u neċessità. Għal żmien twil dejjem irraġunajna li ma jistax ikun hemm ħafna reliġjonijiet li kollha huma tajbin jew li kollha għandhom raġun. Allura dejjem irraġunajna u ġġilidna dwar liema hi r-reliġjon il-vera u t-tajba. Illum inħarsu lejn id-diversità ta’ reliġjonijiet bħala rikkezza ta’ tradizzjonijiet ta’ għerf li żviluppaw tul iż-żminijiet u li juruna kemm il-bniedem sa mill-bidu tal-eżistenza tiegħu kellu għatx biex ifittex barra minnu tweġibiet għall-iktar mistoqsijiet profondi li kien iġorr f’qalbu.

## Fittex

Kull reliġjon maż-żmien żviluppat numru ta’ tradizzjonijiet. Fost l-oħrajn aħna l-Insara għandna ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tal-qaddisin, il-Musulmani jieklu u jixorbu b’idhom il-leminija, l-irġiel Lhud jilbsu mantar msejħa t-tallit jew tallis biex jitolbu. Fittex ftit tradizzjonijiet reliġjużi oħra u ara x’inhi t-tifsira warajhom.



# Ir-reliġjon f'Malta

Ir-reliġjon kattolika f'pajjiżna għal ħafna sekli kienet il-kultura ta' pajjiżna. Ir-reliġjon u l-kultura fil-fatt kienu ħaġa waħda għal ħafna żmien u sawru l-identità ta' ġensna u ta' gżiritna. Ir-reliġjon kienet tista' tgħid iċ-ċentru u l-qofol tal-ħajja tagħhom. Kollox kien jinbena madwar ir-reliġjon b'mod li l-kalendarji tagħna bħala poplu kienu mfassla dejjem skont il-kalendarju tal-Knisja. Anke l-irħula tagħna dejjem tista' tgħid inbnew madwar il-Knisja u d-dehra mill-għoli ta' Malta turi kemm jispikkaw il-koppli u l-kampnari tal-knejjes tagħna.

Il-komunità Nisranija f'Malta taf il-bidu tagħha lil San Pawl bil-miġja tiegħu fostna li tmur lura għas-sena 60 wK. Pajjiżna f'dak iż-żmien kien jaqa' taħt il-provinċja ta' Sqallija u r-rappreżentant ta' Sqallija f'Malta, jew kif isejjaħlu l-Atti, il-Ħakem tal-gżira kien Publju. It-tradizzjoni tgħid li mal-wasla ta' San Pawl, Publju kkonverta u sar l-ewwel Isqof ta' Malta. Minn dan iż-żmien il-Kristjaneżmu baqa' mifrux f'Malta għalkemm jidher li fi żmien l-Għarab (870wK – 1090 wK) l-insara kienu naqsu ħafna.

Wara dan iż-żmien, il-Kristjaneżmu reġa' beda jinfirex u dan għandna prova tiegħu fil-kappelli li bdew jinbnew fil-kampanja Maltija. Fi





## Idħol fil-fond

Qatt tajt kas li l-maġġoranza tal-festi nazzjonali u pubbliċi hawn Malta huma marbuta ma' festa reliġjuża? Agħmel lista ta' dawn il-festi u ara meta jiġu. Agħżel waħda minnhom u ara x'inhu l-iskop u l-messaġġ ewlieni wara din il-festa li niċċelebraw ta' kull sena.

żmien il-Kavallieri (1530-1798) il-Fidi Nisranija kienet b'saħħitha ħafna. Bdew jidħlu drawwiet li xi wħud għadhom magħna sal-lum u nbnew bosta knejjes sbieħ u kbar, fosthom il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Mhux biss, imma fl-Assedju l-Kbir tal-1565, il-Maltin mhux biss iddefendew lil arthom, imma anke twemminhom. L-istess għamlu meta keċċew lill-Franċiżi minn Malta wara sentejn (1798-1800) minħabba li fost affarijiet oħra, Napuljun kien qed jordna s-serq mill-Knejjes li tant kienu għal qalb il-Maltin.

Fil-qalba tal-kultura Maltija tista' tgħid dejjem kien hemm ir-reliġjon Nisranija. Dan hu fatt imnaqqax fil-mod kif ngħixu, fil-kwantità ta' knejjes mferrxa mal-gżira kollha, kif ukoll f'tant tradizzjonijiet ta' festi u ċelebrazzjonijiet li wara tant sekli, u minkejja tant tibdil soċjali u kulturali li għaddejjin minnu, għadhom ħajjin sal-lum.

Anke bħala nazzjon, il-Maltin riedu jnaqqxu saħansitra fil-Kostituzzjoni Maltija, kemm dik tal-Indipendenza fil-1964 kif ukoll dik Repubblikana fil-1974, li r-reliġjon ta' Malta hi r-reliġjon Kattolika Appostolika Rumana. Il-Kostituzzjoni għadha sal-lum tipprovdi li r-reliġjon kattolika hija parti integrali mill-proċess edukattiv fl-iskejjel tagħna.

Dan ma jfissirx li f'Malta ma tiġix rispettata l-libertà reliġjuża. Il-fatt li bħala Maltin għandna r-reliġjon tagħna, mgħoddija minn ġenerazzjoni għal oħra, ma jfissirx li aħna ma nagħrfux il-kobor u r-rikkezza ta' reliġjonijiet oħra differenti minn tagħna. Iktar u iktar illum meta Malta m'għadhiex gżira maqtugħa mill-kontinent, u meta minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħna qegħdin inservu ta' passaġġ għal tant u tant refuġjati li jitilqu mill-Afrika u jsalpaw lejn l-Ewropa biex ifittxu futur aħjar għalihom. Il-preżenza ta' ħafna immigranti fostna, barra li tisfidana biex ngħixu l-ospitalità, karatteristika importanti tal-fidi tagħna, tgħinna wkoll biex niġu wiċċ imb wiċċ ma' reliġjonijiet oħra. Id-diversità ta' reliġjonijiet bl-ebda mod m'għandha tfisser theddida għal dak li aħna nemmnu fih. Illum Malta, kulturalment u ġeografikament, hija parti mill-Kontinent Ewropew. Malta għamlet għażla politika biex tkun tifforma parti integrali mill-Ewropa u, bħal kollox fil-ħajja, din l-għażla ma kienx jonqos li magħha jkun hemm marbut kemm tajjeb kif ukoll inqas tajjeb. Malta llum m'għadhiex iżolata, maqtugħa mill-bqija tal-kontinent, u dan minkejja li għadha imdawwra bil-baħar.

Għalkemm iċ-ċiviltà Ewropea tista' tgħid li kienet magħġuna mill-valuri tal-Kristjaneżmu, f'dawn l-aħħar 400 sena dan il-kontinent inħakem minn mewġa ta' 'sekularizzazzjoni' li bidel u għadu qed ibiddel l-irwol tar-reliġjon f'soċjetà moderna. Malta llum ukoll qiegħda tgħum fl-istess baħar u, minkejja li mqabbla mal-bqija tal-kontinent għadha pajjiż reliġjuż, qed tinbidel fil-mod kif tħares lejn ir-reliġjon u fil-mod kif ir-reliġjon tibqa' tinfluenza l-istil ta' ħajja tal-Maltin.

# Fidi li ssawret tul iż-żmien



Waqt li nagħrfu l-importanza tal-identità tagħna kulturali bħala poplu, identità magħġuna mir-reliġjon, fl-istess ħin, il-mixja tagħna bħala Nsara rridu nibqgħu nagħmluha mal-kumplament tal-Knisja mxerrda fid-dinja.

Il-Kristjaneżmu għandu storja ta' elfejn sena li matulha baqa' jikber u jiżviluppa fil-ħajja u fil-kulturi ta' ħafna popli. Ir-reliġjon ma tistax tistaġna u tieqaf milli tiżviluppa għax hemmhekk ma tibqax tkun ta' għajnuna għall-bniedem. Il-fidi nisranija sa mill-bidu tax-xandir tagħha mill-Appostli, għaddiet dejjem l-ewwel minn żmien ta' persekuzzjoni u mbagħad minn żmien ta' firdiet li l-ereżiji, jew in-nuqqas ta' qbil fil-komunitajiet tal-insara, kienu jikkawżaw. Il-Knisja, jew il-ġemgħa ta' dawk li jemmnu f'Ġesù, għaddiet minn stejjer ta' firda li għadha tbati minnhom sal-lum.

Qabel xejn, tajjeb li niċċaraw xi jfissru xi kliem li normalment nużaw. Il-kelmiet 'Kristjani' u 'Nsara' jfissru l-istess u jirreferu għal dawk kollha li jemmnu li Ġesù hu l-Iben t'Alla, minkejja d-differenzi li jista' jkollhom fil-mod kif jifhmu xi aspetti partikolari tal-fidi jew kif jiċċelebraw din il-fidi. Filwaqt li l-kelma 'Kristjani' tidher ċara li qed tirreferi għalina bħala segwaċi ta' Kristu, ftit jafu li l-kelma 'Nsara' hija kelma b'oriġini semitika li qed tirreferi għalina bħala segwaċi ta' Ġesù n-Nazzarenu, jew kif jissejjaħ bl-Għarbi, 'an-Nāsirī'. Minn hemm ħarġet il-kelma 'nasārā, li minna tnisslet il-kelma Maltija 'Insara'. Min-naħa l-oħra, il-kelma 'Kattoliku' tfisser 'universali', u bdiet tintuża wara l-firda minn mal-Protestanti fis-seklu sittax.

Il-Kristjaneżmu żviluppa mir-reliġjon Ġudajka u baqa' jiżviluppa f'konfront ma' kulturi oħra waqt li jifforma identità propja bħala twemmin. Mill-kultura Lhudija l-fidi nisranija iltaqgħet mal-kultura Griega, l-aktar permezz tal-Appostlu San Pawl, li għalhekk huwa msejjaħ Appostlu tal-Ġnus jew Appostlu tal-Ġentili. B'ġentili ħafna drabi nifhmu dawk li ma kienux jemmnu f'Alla tal-Lhud. F'dan iż-żmien bdew jiffurmaw ruħhom il-komunitajiet tal-Insara, magħmula minn Lhud u pagani li kkonvertew għall-fidi nisranija. Imma anke fi ħdan dawn il-komunitajiet, nies b'mentalità Lhudija jew pagana kienu qed

jilqgħu l-fidi u jifhmuha b'modi differenti. Il-konsegwenza kienet li bdew jitfaċċaw l-ereżiji, interpretazzjonijiet differenti tal-istess tagħlim u dawn wasslu għal diversi firdiet fi ħdan il-komunitajiet tal-Insara. Kien hawnhekk li beda jinħass il-bżonn ta' kjarifiki fejn jidħol it-tagħlim u allura kienu jissejħu Konċilju biex jiċċaraw x'kien it-tagħlim li għaddew l-Appostli u jifformulaw id-duttrina.

Għalhekk fl-ewwel sekli tal-istorja tiegħu l-Kristjaneżmu l-ewwel għadda minn żmien ta' persekuzzjoni, li ntemm mal-Imperatur Kostantinu bl-Editt ta' Milan fis-sena 313, imbagħad għadda minn żmien ta' ereżija, li wassal biex ir-reliġjon nisranija tistabilixxi l-identità tagħha kemm bħala reliġjon kif ukoll bħala twemmin. Dawk li nsejħulhom Missierijiet il-Knisja kellhom sehem mill-iktar importanti f'dan iż-żmien. Dawn kienu ġeneralment Isqfijiet, u allura mexxejja u għalliema fil-komunitajiet, li bil-kitbiet u t-tagħlim tagħhom għaddewlna l-fidi kif kienu għallmuha l-Appostli fil-bidu. Sa dan iż-żmien il-Kristjaneżmu kien qed jixtered f'dinja li kienet qed tiżviluppa anke politikament, speċjalment wara s-seklu sitta bil-waqa' tal-Imperu Ruman u l-bidu tar-reliġjon Iżlamika. Mhemmx dubju li l-iżviluppi politiċi, kif ukoll it-tixrid tal-Iżlam kien qed ikollhom impatt fuq il-Kristjaneżmu.

Wara l-ewwel Millennju, fis-sena 1054 il-Kristjaneżmu ġarrab l-ewwel firda kbira fi ħdanu bejn il-Lvant u l-Punent. Din il-firda seħħet fuq kwistjonijiet ta' duttrina, imma kienet kwistjoni politika iktar milli reliġjuża. L-Insara tal-Lvant kienu jissejħu 'Ortodossi' u l-Knisja fil-Lvant tal-Ewropa kienet tħoss li dik fil-Punent, b'Ruma bħala ċ-ċentru tagħha, kien qed ikollha aktar importanza minn dik ta' Kostantinopli. Dan wassal biex fis-sena 1054 il-Papa, u l-Patrijarka bħala l-kap tal-Knisja fil-Lvant, skomunikaw lil xulxin. Din l-iskomunika kienet spiċċat wara l-Konċilju Vatikan it-Tieni b'deċiżjoni komuni meta fil-1964 il-Papa Pawlu VI u l-Patriarka Atenagoras iltaqgħu f'Ġerusalemm. Kien b'mod partikulari l-Papa Ġwanni Pawlu II, li wara l-Konċilju Vatikan it-Tieni, saħaq fuq il-bżonn ta' għaqda mill-ġdid bejn l-insara tal-Lvant u tal-Punent, għax, kif kien isostni hu, il-Kristjaneżmu jeħtieġ "żewġ pulmuni" mnejn jieħu n-nifs. Hu stess kien ġej mill-Polonja u kien trabba f'kultura tal-Lvant.

Tul it-tieni Milennju, wara l-firda bejn il-Lvant u l-Punent, seħħet firda oħra kbira li ħalliet impatt kbir mhux ftit fuq il-Kristjaneżmu tal-Punent. Fis-seklu sittax, Martin Luteru, patri Agostinjan Ġermaniż, ried riforma fil-Knisja. Il-bżonn ta' riforma kien ilu jinħass. Imma l-affarijiet qishom baqgħu ma nbidlux. Luteru kien jemmen li Ruma kienet wisq ċentru ta' poter u li l-Knisja kienet teħtieġ serjament bidla fl-istruttura tagħha. Dan wasslu biex fis-sena 1517 Luteru kiteb lista twila ta' dawk li hu kien iqis żbalji li kienu qed iseħħu fil-Knisja. Hawnhekk seħħet it-tieni l-ikbar firda li wasslet mhux biss għall-iskomunika ta' Luteru u sħabu, imma wkoll għal sensiela ta' firdiet oħra f'dak li sal-lum bqajna nsibuh bħala Protestantiżmu.

Matul l-istorja naraw kif r-rabta mill-qrib bejn reliġjon u politika fit-territorju Ewropew wasslet għal firdiet li ma kienux biss dwar duttrina u tagħlim u li wasslu anke għal dawk li nsibuhom fl-istorja bħala gwerer tar-reliġjon.




**Agħmel**

Martin Luteru kien patri agostinjan li, quddiem id-drawwiet ħżiena li xi membri għolja tal-Knisja kellhom, beda r-Riforma Protestanta. Jibqa' jissemma għal meta sammar il-95 teżi tiegħu mal-bieb tal-knisja ta' Wittenberg. Fittex dwar dawn il-95 teżi famużi ta' Luteru.

# Inwaqqgħu l-ħitan

Minkejja li r-reliġjon fiha nnifisha għandha l-iskop li tgħaqqad u twassal lill-bniedem biex imur lil hinn minn dak li hu materjali u jagħraf li hemm Ħallieq f'ħajtu, kienu ħafna ċ-ċirkustanzi fejn r-reliġjon serviet ta' firda bejn il-popli u l-ġnus. Fis-seklu għoxrin, seklu li kellu jkun ta' paċi, fil-fatt wassal għal żewġ gwerer qliel li kissru ċiviltà sħiħa. Kien hemm ħafna ġrajjiet u ċirkustanzi li lill-bniedem fetħulu għajnejh għal dak li kien tassew qed jiġri. Nieħdu b'eżempju l-Olokawst fit-tieni Gwerra Dinjija, ġrajja li tħammar wiċċ l-umanità kollha. Din wasslet biex anke l-istituzzjonijiet il-kbar tal-politika jibdew jiċċaqilqu u fl-1948 nsibu d-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-impenn ta' diversi politiċi li bdew jaħdmu biex l-Ewropa tinbena mill-ġdid u mill-qiegħ.

Anke l-Knisja, wara ħafna sforzi fi ħdanha stess li kienu ilhom għaddejjin, għarfet il-ħtieġa li tinfetaħ b'mod ġdid għad-dinja u għall-ħtiġijiet ġodda tal-umanità fiż-żmien modern. Il-Papa Ġwanni XXIII kien strumentali biex sejjaħ il-Konċilju Vatikan it-Tieni li għaraf il-ħtieġa tal-Knisja li tkun iktar miftuħa għad-dinja, għal reliġjonijiet oħra, u li fi ħdan l-istess Kristjaneżmu jsiru sforzi ikbar għall-għaqda.

## INSARA U MUSULMANI

Mal-firxa tal-Iżlam mis-seba' seklu 'l quddiem bdew konflitti bejn l-Insara u l-Musulmani. Dawn il-konflitti ġabu magħhom il-Kruċjati li seħħew bejn is-sena 1095 u s-sena 1291, taqtiegħa kontinwa bejn l-Insara u l-Musulmani għall-kontroll tal-belt ta' Ġerusalemm.





### Din kont tafha?

Il-Kruċjati, li damu għal madwar 200 sena, kienu ġlied bejn l-insara u l-musulmani. Dawn bdew wara li l-musulmani ħadu f'idejhom lil Ġerusalemm u lill-insara pellegrini ma ħallewhomx jidħlu aktar l-Art Imqaddsa. Fl-aħħar il-gwerra intrebħet mill-Musulmani u keċċew lill-insara minn Ġerusalemm u l-artijiet ta' madwarha.

Din il-belt kienet importanti għaż-żewġ reliġjonijiet. Għall-Insara, għaliex kien fiha li seħħew il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù Kristu, u għall-Musulmani għaliex kien f'din il-belt li Mohammed deher għall-aħħar darba.

L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kienet twaqqfet f'dan iż-żmien bil-għan li tieħu ħsieb il-pellegrini Nsara foqra jew morda, li kienu jżuru l-Art Imqaddsa. Fil-fatt huma ħadu l-isem tagħhom minn sptar li kien għadu kif reġa' nbena fejn kien hemm monasteru ddedikat lil San Ġwann il-Battista. Madankollu, hekk kif bdew il-Kruċjati, din l-Ordni ħadet rwol aktar militari u bdiet tikko-ordina d-difiża tal-Art Imqaddsa mill-Musulmani. Mal-waqgħa ta' Ġerusalemm huma kellhom jitilqu, rebħu l-gżira ta' Rodi, imma eventwalment reġgħu tkeċċew għal darb'oħra mill-Musulmani u minn hemm il-Providenza wasslithom Malta!

## INSARA U LHUD

Sa mill-ewwel snin wara l-mewt ta' Ġesù, l-Insara bdew jitfgħu l-ħtija tal-mewt ta' Ġesù mhux biss fuq il-mexxejja Lhud, imma fuq ir-razza kollha Lhudija. Dan is-sentiment, li jissejjaħ anti-semitiżmu, baqa' jikber u għalkemm huwa veru li l-qofol tiegħu kien l-Olokawst tat-tieni gwerra dinjija, ftit jafu li diġà kien hemm episodji ta' attakki fuq komunitajiet Lhud sa mis-seklu 9. Fil-fatt l-akbar attakk seħħ propju meta tħabbret li se ssir l-ewwel kruċjata fil-1095. Din l-aħbar qanqlet rabja kontra kull min kien meqjus għadu tal-Insara. Fi Franza u l-Ġermanja ħafna rraġunaw li m'hemmx bżonn wieħed imur l-Art Imqaddsa jiġġieled lil dawn l-għedewwa meta hemm l-għedewwa Lhud fosthom! Fil-fatt, sena wara, seħħet din il-mewġa ta' vjolenza, li ħafna jqisuh l-ewwel attakk kbir anti-semita.

Tul l-istorja nbnew wisq ħitan u preġudizzji bejn it-tliet reliġjonijiet tal-Mediterran li jagħrfu lil Abraham bħala Missier wieħed tagħhom. Il-Knisja ma setgħetx ma tieqafx u tagħraf ir-rabta u r-rikkezza li toħroġ minn din ir-rabta bejn dawn it-tliet reliġjonijiet. Għalhekk l-ekumeniżmu kien muviment qawwi u importanti ħafna biex il-Knisja tinfetaħ lejn id-dinja u tagħraf li ma jagħmilx sens li f'isem ir-reliġjon jew il-fidi nibqgħu nsostnu l-preġudizzji u nkabbru l-firdiet fi ħdan l-umanità.

# Djalogu... il-kelma maġika

## Din kont tafha?

Dik li nsejħula l-Purtiera tal-Ħadid hija konflitt ideoloġiku li qasam l-Ewropa fi tnejn minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Fuq in-naħa tal-Lvant kien hemm il-pajjiżi bi twemmin u ideat Kommunisti waqt li fuq il-Punent kien hemm l-pajjiżi hekk imsejħa kapitalisti. Kien Winston Churchill f'diskors li għamel fil-5 ta' Marzu 1946 li uża l-frażi 'Purtiera tal-Ħadid'. Eżempju l-aktar ċar ta' din il-firda kien il-Ħajt ta' Berlin, li fiżikament kien jaqsam il-Ġermanja tal-Lvant minn dik tal-Punent. Beda jinbena fit-13 ta' Awwissu 1961 u l-Ġermaniżi ma' setgħux jaqsmu b'mod liberu min-naħa għall-oħra. Fid-9 ta' Novemberu 1989 l-awtoritajiet tal-Ġermanja tal-Lvant ċedew u ħallew liċ-ċittadini tagħha jmorru b'mod ħieles lejn Berlin tal-Punent.

Il-Konċilju Vatikan it-Tieni jissejjaħ konċilju ekumeniku għaliex fittex li jmur għal dak li hu essenzjali u jwaqqa' l-ħitan tal-firda darba għal dejjem. Kienu diġà saru diversi sforzi u tentattivi ekumeniċi qabel. Fosthom insemmu bħala importanti dak li jissejjaħ il-Parlament tar-Reliġjonijiet li twaqqaf fl-1893 f'Chicago l-Istati Uniti u mbagħad diversi inizjattivi oħra li sostnew il-Moviment Ekumeniku fl-isforzi tiegħu għall-għaqda bejn l-insara ta' denominazzjonijiet differenti u għall-djalogu ikbar mar-reliġjonijiet il-kbar imxerrda mad-dinja. Fl-1986 il-Papa Ġwanni Pawlu II sejjaħ laqgħa f'Assisi l-Italja bejn il-kapijiet tar-reliġjonijiet kollha tad-dinja. Din kienet laqgħa li ssorprendiet lil ħafna u fetħet bibien ġodda għad-djalogu bejn ir-reliġjonijiet il-kbar. Fl-istess sena Ġwanni Pawlu II sar l-ewwel Papa li żar sinagoga u sejjaħ lill-istess Lhud bħala 'ħutna l-kbar.' Fl-2011, il-Papa Benedittu XVI, sejjaħ ukoll laqgħa ta' talb simili, fejn għall-ewwel darba sejjaħ ukoll erba' ateji, nies li ma jemmnux fl-eżistenza ta' Alla, biex jieħdu sehem f'dan id-djalogu li ħadem l-iżjed fuq il-paċi fid-dinja.



Ispirati minn dan is-sens ta' djalogu reliġjuż, li jmur lil hinn mid-differenzi fit-twemmin, inħolqu ħafna spazji u saru ħafna inizjattivi ġodda fil-fidi nisranija. Fost dawn insibu l-Komunità ta' Taizé fi Franza u l-Komunità ta' Bose fl-Italja.

Il-komunità ta' Taizé hija komunità monastika li twaqqfet minn Roger Schutz fl-1940. L-isem Taizé ġej mir-raħal fi Franza fejn bdiet din il-komunità. Dawk li jagħżlu li jissieħbu f'din il-komunità jgħixu fiċ-ċelibat, fil-faqar u fis-sempliċità u jfittxu li jgħinu lil min hu l-iktar fil-bżonn. Din il-komunità sa mill-bidu tagħha kienet waħda ekumenika, magħmula minn *brothers* ta' denominazzjonijiet differenti. Minkejja d-differenzi fit-twemmin jagħtu xhieda li kapaċi jgħixu b'mod sħiħ il-messaġġ ta' Ġesù. Din il-komunità llum saret qisha 'oasi' f'nofs deżert, spazju li jiġbed eluf u eluf ta' żgħażagħ u nies ta' kull età li jmorru hemm bħala pellegrini u jiskopru kemm il-Kelma t'Alla u t-talb huma l-elementi bażiċi li fuqhom tinbena kull esperjenza spiritwali ta' veru. F'din l-oasi l-bniedem jiltaqa' l-ewwel nett miegħu nnifsu biex imbagħad ikun jista' jaqsam ħajtu mal-oħrajn u ma' Alla.


Il-Monasteru ta' Bose fit-tramuntana tal-Italja


Il-Komunità ta' Taizé fi Franza

Fuq l-istess linji fl-Italja, hekk kif kien għadu kif ġie fi tmiemu l-Konċilju Vatikan it-Tieni f'Diċembru tal-1965, Enzo Bianchi beda l-esperjenza ta' Bose, esperjenza ta' monastiċiżmu li wasslet biex illum fl-istess post hemm komunità ta' Monaċi li hija ekumenika u li toffri spazju fejn nies ta' kull età u ta' twemmin differenti jistgħu jagħmlu esperjenza ta' talb. Illum din il-komunità kibret sew u interessanti l-fatt li f'din il-komunità hemm kemm nisa kif ukoll irġiel, kattoliċi u protestanti, kif ukoll xi saċerdoti. Dan hu Monasteru fejn ħafna mill-Monaċi huma studjużi tal-Iskrittura u ta' testi antiki kemm mil-Lvant kif ukoll mill-Punent.

Il-Knisja fil-Konċilju Vatikan it-Tieni fehmet li jeħtieġ tkompli d-djalogu tas-salvazzjoni mal-bniedem u mad-dinja li kien beda Ġesù Kristu nnifsu. Il-Knisja Kattolika ma setgħetx tibqa' tippriedka r-rikonċiljazzjoni meta hi stess fi ħdanha kellha ħafna firdiet. Il-Knisja fehmet lilha nnifisha bħala strument fid-dinja tal-għaqda tal-bniedem ma' Alla u tal-bnedmin kollha bejniethom.



**Thomas Merton** twieled fil-31 ta' Jannar 1915. Hu kien ġej minn familja Anglikana imma ta' 18-il sena sar Kattoliku u eventwalment daħal fl-Ordni tat-Trappisti, ordni reliġjuża li tenfasizza s-silenzju u l-klawsura. Ta' 22 sena beda jiskopri wkoll ir-reliġjonijiet tal-Lvant fosthom il-Buddiżmu u l-Induiżmu u reliġjonijiet oħra li mbagħad studjahom fid-dettal. Hu kien isostni li hija ħasra li fir-reliġjon Kattolika tlifna ħafna l-aspett ta' talb u meditazzjoni profonda, u li r-reliġjonijiet tal-Lvant għandhom ħafna x'joffru lill-Kattoliċiżmu rigward il-mod kif wieħed jifhem aħjar lilu nnifsu. Inċidentalment hu miet meta kien it-Tajlandja biex jattendi laqgħa bejn patrijiet Kattoliċi u oħrajn li mhumiex, fl-1968. Kiteb aktar minn sebgħin ktieb li għamluh fost l-akbar kittieba tas-seklu 20.

# Biex ir-reliġjon tibqa' ħajja

Dan il-kapitlu bdejnieh billi rajna kif ir-Reliġjon, fil-każ tagħna dik Kattolika, sa minn kmieni ħafna intagħġnet mal-kultura ta' pajjiżna u sawret l-identità tagħna bħala poplu. Għadda ħafna żmien u ġenerazzjoni wara l-oħra r-reliġjon baqgħet bħala tradizzjoni ħajja, marbuta mal-ħajja ta' kuljum tan-nies, b'mod li tagħmel sens għall-bniedem. Imma llum, fid-dawl ta' żviluppi kbar li seħħew fil-ħajja tad-dinja u li jeffettwaw b'mod radikali l-mod kif ngħixu u naħsbu, qed jinħolqu ħafna mistoqsijiet dwar ir-rwol tar-reliġjon kemm fis-soċjetà kif ukoll fil-ħajja tal-bniedem.

**X'inhu r-rwol tar-reliġjon f'soċjetà li m'għadiex kif kienet dik ta' żmien ilu?**

**Fil-ħajja tal-lum, meta l-bniedem hu iktar liberu li jirraġuna b'rasu, ir-reliġjon ma tistax tidher bħala xkiel għal din il-libertà?**

**Jekk jeżistu ħafna reliġjonijiet u kollha rridu nirrispettawhom, allura kif nagħrfu liema hi dik tajba għalina?**

**Ħafna jaħsbu li r-reliġjon hija xi ħaġa tal-imgħoddi. Kif nistgħu nuru li dan mhux minnu?**

Id-dinja tal-lum hija dinja globalizzata. Hija dinja kbira b'ħafna diversitajiet anke fejn tidħol ir-reliġjon. Fl-istess ħin d-dinja saret ukoll żgħira minħabba t-teknoloġija tal-komunikazzjoni li saret ħafna iżjed effettiva u li biddlet il-mod kif naħsbu u nikkomunikaw bejnietna. Dan m'hemmx dubju li jeffettwa ħafna r-reliġjon li f'dinja li nbidlet daqshekk ma tistax tibqa' qisha xi ħaġa tal-imgħoddi. Ir-reliġjon, kwalunkwe reliġjon, tibqa' ħajja tant kemm tibqa' tgħin lill-bniedem jesprimi tassew dak li jħoss u jemmen. Ħafna nies jirrifjutaw li



“Morru, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha” kienet it-tema tat-28 Jum Dinji taż-Żgħażagħ li sar Rio de Janeiro. Fl-omleija tal-quddiesa li saret Copacabana, il-Papa qal hekk: “Morru, mingħajr biża’, biex taqdu.” U kompla fihem li Ġesù ma qalx ‘jekk tridu’ jew ‘jekk għandkom żmien, morru’... imma qal ‘Morru, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha’. Il-Papa kompla jispjega kif li naqsmu mal-oħrajn l-esperjenza tal-fidi u li nagħtu xhieda tal-fidi tagħna waqt li nħabbru l-Vanġelu huwa l-kmand li Ġesù ħalla lill-Knisja kollha. Xi ħadd jista’ jaħseb: “Imma jien x’nista’ nagħmel? Mela jien kapaċi?” Dawn il-ħsibijiet jiġu lil kulħadd. Ġeremija, meta kien imsejjaħ minn Alla sabiex ikun profeta ntela’ bil-biża imma Alla kelmu u qallu: “La tibżax... għax jien miegħek biex neħilsek” (Ġer 1, 7.8). Dan il-kliem Alla jgħidu lilna wkoll. Li nxandru l-Vanġelu jfisser li nagħtu xhieda b’ħajjitna stess tal-imħabba t’Alla, ifisser nirbħu l-egoiżmi tagħna, ifisser naqdu billi nitbaxxew u naħslu riġlejn ħutna bħalma għamel Ġesù.



jibqgħu jipprattikaw ir-reliġjon li jkunu trabbew fiha propju għaliex iktar ma jikbru u jgħaddu minn esperjenzi ġodda, iktar iħossu li r-reliġjon mhix twieġeb il-mistoqsijiet tagħhom. Il-mument li l-bniedem ma jibqax jara li r-reliġjon tgħinu, jibda jaraha mhix iktar relevanti għal ħajtu.

Illum anke fil-kultura tagħna għandna nies li għadhom jemmnu u jipprattikaw ir-reliġjon li rċevew meta kienu żgħar imma li fittxew li l-mod kif jgħixuha jkun jagħmel sens għaż-żmien tal-lum. Għandna wkoll nies li waqfu jipprattikaw u telqu r-reliġjon kompletament għax jargumentaw li m’għadux żmien t’hekk, jew li r-reliġjon kienet utli meta l-bniedem kien jaf ferm ftit minn dak l-għerf li kiseb illum. Imbagħad għandna nies li baqgħu jipprattikaw kważi minn barra biss, jiġifieri jipprattikaw ir-reliġjon sempliċement bħala kultura. L-għażliet ta’ ħajjithom mhuma effettwati xejn minn dak li suppost tgħidilhom ir-reliġjon.

## KNISJA LI TIMXI MAŻ-ŻMINIJIET

Il-Konċilju Vatikan it-Tieni sar propju biex il-Knisja tagħraf aħjar x’hemm u x’inhu għaddej mill-qalb tal-bniedem u hekk tkun tista’ timxi spalla ma’ spalla miegħu f’dak kollu li jgħaddi minnu u f’dak kollu li jagħmel. Il-Knisja trid tkun fid-dinja u lill-bniedem ma tridx timponilu l-verità imma tgħinu jasal għaliha b’ħafna paċenzja u mħabba. Dan hu dak li għamel Ġesù fil-Vanġelu. U dan hu dak li l-Knisja f’kull żmien hi msejħa biex tagħmel. Il-Knisja, kif għamel Ġesù fit-toroq tal-Palestina, triq tkun preżenti fid-dinja biex takkumpanja lill-bniedem f’dak kollu li jgħaddi minnu. L-hena  u t-tama, in-niket u t-tħassib tal-bnedmin tal-lum fuq kollox tal-foqra u ta' dawk kollha li jbatu, huma wkoll il-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tal-Knisja vera ta’ Kristu.

Dan nistgħu nagħmluh billi nwasslu l-istess messaġġ ta’ Ġesù imma b’modi u f’lingwaġġ li jiftiehem. Dan għandu jsir b’rispett sħiħ għall-libertà ta’ kull individwu; mingħajr theddid jew biża’. Fuq kollox dan jista’ jsir biss b’ħafna umiltà waqt li tagħraf li llum hija vuċi waħda fost ħafna vuċijiet oħra li l-bniedem għandu x’jisma’.

Il-fidi hija xi ħaġa personali ħafna, imma qatt ma hija privata. In-Nisrani hu msejjaħ biex ikun dawl, melħ, u ħmira fis-soċjetà u l-Knisja hi msejħa biex tirrifletti d-dawl ta’ Kristu li hu ċ-ċavetta biex nifhmu iktar fil-fond min hu l-bniedem illum u x’jeħtieġ tassew biex ikun sħiħ, kuntent, u jsib it-tifsira u r-raġuni għalfejn qiegħed jgħix f’dinja fejn jiġru affarijiet li mhux dejjem jgħinuna naraw is-sens tal-affarijiet.



## NARAW X'TGĦALLIMNA

### A KLIEM IMPORTANTI

Ikteb sentenza li tfisser fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Tradizzjoni
- Kristjaneżmu
- Ekumeniżmu

### B IDEAT PRINĊIPALI

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Inkunu qegħdin ngħidu sew li r-reliġjon ħalliet impatt fuq il-kultura Maltija? Agħti raġuni għat-tweġiba tiegħek.
- X'tifhem b'anti-semitiżmu?
- Il-komunità li tgħix Taizé.

### Ċ AĦSEB B'MOĦĦOK

Uża dak li tgħallimt biex twieġeb dawn:

- "Kienu ħafna ċ-ċirkostanzi fejn ir-reliġjon serviet ta' firda bejn il-popli u l-ġnus." Dan għadu jogħod għal-lum ukoll? Agħti eżempji minn ġrajjiet kurrenti.
- X'taħseb li għandu jsir biex ir-reliġjon tibqa' ħajja?

### D IDDISKUTI D-DAR

Tkellem mal-membri tal-familja dwar dawn:

- Sib ħin biex titkellem mal-ġenituri u forsi anke nanniet dwar tradizzjonijiet reliġjużi li kienu josservaw huma u li llum ftit jew xejn għadna niċċelebrawhom.
- Kif tista' l-familja tiegħek tkun dawl, melħ u ħmira fis-soċjetà u fil-Knisja?

# Parti minn dinja akbar minni

## NOTI